KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.11.2008
KUMM(2008) 721 finali

2008/0216 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd

{SEC(2008) 2760}
{SEC(2008) 2761}

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. Il-kuntest tal-proposta

Il-Kuntest ġenerali

Il-bażi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) hija li tillimita u tikkontrolla l-volumi tal-qabdiet permezz tal-istabbiliment ta' qabdiet totali permessi (TACs) u kwoti nazzjonali flimkien ma' regoli tekniċi u skemi tal-isforz. Il-politika Ewropea dwar il-kontroll tas-sajd hija fil-qalba tal-PKS, minħabba li l-kredibilità tagħha tiddependi fuq l-applikazzjoni effikaċi ta' din il-politika ta' kontroll. Minkejja li sar xi progress, is-sistema ta' kontroll għadha ssofri minn nuqqasijiet sostanzjali identifikati kemm mill-Kummissjoni Ewropea[1] kif ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (CoA)[2]. Is-sistema tal-kontroll attwali hija ineffiċjenti, għalja u kumplessa u ma tipproduċix ir-riżultati mixtieqa. Il-falliment kontinwu tal-politika tal-kontroll se jkollu konsegwenzi sinifikanti għall-futur tar-riżorsi tas-sajd, l-industrija tas-sajd u r-reġjuni dipendenti fuq is-sajd. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tipproponi riforma sostanzjali tas-sistema tal-kontroll li ssostni l-PKS. Din l-inizjattiva hija prijorità prinċipali għall-Kummissjoni fil-qasam tas-sajd fl-2008.

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Minħabba l-approċċ globali u integrat tagħha, li jiffoka fuq kull aspett tal-PKS, ir-riforma tal-politika tal-kontroll mhux biss għandha ttejjeb il-kapaċità tal-kontroll u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u tistabbilixxi parità ta' kundizzjonijiet fl-UE, imma għandha jkollha wkoll impatt strutturali pożittiv fuq l-industrija tas-sajd u fuq is-suq u, bħala riżultat ta' dan, tiġġieled il-konsegwenzi ambjentali, ekonomiċi u soċjali tan-nuqqas ta' konformità. Aktar speċifikament, l-għan tal-proposta huwa li jinkiseb:

Approċċ komuni u ġdid għall-kontroll u l-ispezzjoni
L-introduzzjoni ta' proċeduri ta' spezzjoni armonizzati u standards ogħla għandha tiżgura implimentazzjoni uniformi tal-politika ta' kontroll fuq il-livell tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu u jiġu rispettati l-karatteristiċi differenti u speċifiċi tal-flotot differenti.

Kultura ta' konformità
L-għan huwa li jiġi influwenzat l-aġir tal-partijiet interessati kollha involuti fiċ-ċiklu sħiħ tal-attivitajiet tas-sajd (qbid, proċessar, distribuzzjoni u kummerċjalizzazzjoni), sabiex il-konformità mal-politiki u r-regoli tal-PKS tinkiseb mhux biss permezz tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' kontroll, iżda wkoll b'riżultat ta' kultura ġenerali ta' konformità fejn kull parti tal-industrija tinvesti f'attivitajiet konformi u terġa' tistabbilixxi l-leġittimità tar-regoli tal-PKS.

Applikazzjoni effikaċi tar-regoli tal-PKS
L-għan huwa t-tisħiħ tas-setgħat ta' ġestjoni u l-kapaċità tal-Kummissjoni li tintervjeni b'mod proporzjonali għal-livell ta' nuqqas ta' konformità tal-Istati Membri. Ir-responsabbilitajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri se jiġu definiti b'mod ċar sabiex jiġi evitat l-irduppjar tal-isforzi u jiġi żgurat li l-Kummissjoni żżomm mal-attività prinċipali tagħha ta' kontroll u ta'

[1] COM(2007) 167.
[2] Rapport Speċjali Nru 7/2007.

verifika tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-PKS mill-Istati Membri. Is-sistema kurrenti ta' mikrodeċiżjonijiet għandha tiġi sostitwita progressivament minn approċċ ibbażat fuq il-makroġestjoni.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-bażi tal-politika tal-kontroll hija stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 (ir-"Regolament tal-Kontroll"[3]) u fil-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 (ir-"Regolament Bażiku"[4]). Ir-Regolament tal-Kontroll ġie emendat tnax-il darba. Il-kumplessità kkawżata minn dawn il-bosta emendi għar-Regolament tal-Kontroll hija ggravata mill-fatt li firxa ta' dispożizzjonijiet ta' kontroll oħra jinsabu f'diversi regolamenti separati oħra.

Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħrajn tal-Unjoni

Il-proposta se tikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali tal-PKS, jiġifieri l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin. Barra dan, se tikkontribwixxi għall-Istrateġija tal-Iżvilupp Sostenibbli maqbula mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju tal-2006, permezz tal-iffokar tagħha fuq il-protezzjoni tar-riżorsi naturali. Din hija konformi wkoll mal-għanijiet stabbiliti fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2002 dwar il-ġestjoni tas-sajd[5] u l-prinċipju ta' ħidma għal kontroll aħjar tal-ibħra, li jiggwida t-taħdidiet attwali dwar il-Politika Marittima futura tal-Komunità. Barra dan, l-għan kumplessiv tar-riforma tal-kontroll jaqa' taħt l-erba' oqsma prinċipali identifikati mill-Kummissjoni fejn għad hemm lok għal titjib fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Komunità[6].

II. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u valutazzjoni tal-impatt

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li jwieġbu
Fil-preparazzjoni tal-proposta, saru diversi konsultazzjonijiet mal-Istati Membri (fuq il-livell ministerjali u dak tal-esperti) u mar-rappreżentanti tas-settur, il-korpi konsultattivi u l-partijiet interessati l-oħra kollha. Ix-xogħol fuq il-proposta ngħata impetu permezz tat-twaqqif tal-Grupp ta' Direzzjoni ta' Bejn is-Servizzi (ISSG) biex janalizza l-approċċ ġenerali, flimkien mal-gruppi ta' ħidma dwar punti speċifiċi.

1. L-Istati Membri:

   - Il-Kummissjoni pproduċiet non-paper li tistabbilixxi l-aspetti prinċipali rilevanti għar-riforma li qed tiġi proposta. Din ġiet diskussa waqt laqgħa informali tal-Ministri tas-Sajd fit-18 ta' Frar 2008. Qabel dan, kienet saret laqgħa mal-uffiċjali tas-sajd tal-Istati Membri fil-15 ta' Jannar 2008. Saret

---

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/1993 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [il-politika komuni tas-sajd] (ĠU L 261, 20.10.1993)

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd [il-politika komuni tas-sajd] (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.)

5 Rapport dwar is-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, Johannesburg, l-Afrika ta' Isfel, 26 ta' Awissu sa l-4 ta' Settembru 2002 (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti)

6 Ara COM(2007) 502, 5.9.2007 "Ewropa li tikseb ir-riżulati – l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja"

ukoll laqgħa mal-esperti tal-kontroll tal-Istati Membri fl-1 ta' Frar 2008 biex jiġu ppreżentati l-għanijiet tar-riforma.

- DG MARE waqqaf grupp ta' ħidma ta' esperti tal-Istati Membri biex jiddefinixxi proċeduri ta' spezzjoni u standards tal-kontroll armonizzati.

- Serje ta' tliet laqgħat ta' esperti tekniċi dwar is-Sistema Elettronika tar-Rappurtar (ERS) saru f'Londra, Madrid u Kopenħagen. Dawn se jikkontribwixxu għall-użu aħjar tat-teknoloġiji moderni taħt ir-Regolament tal-Kontroll il-ġdid.

- B'rabta ma' din ir-riforma, ġew iffirmati Memoranda ta' Ftehim mal-Istati Membri (il-Greċja, l-Italja, il-Polonja, Spanja u l-Iżvezja). Dawn jimmarkaw bidla fl-approċċ, minħabba li fihom punti ta' riferiment definiti b'mod ċar għat-titjib fis-sistemi tal-kontroll tas-sajd fl-Istati Membri konċernati.

2. Il-korpi konsultattivi tal-partijiet interessati u l-pubbliku in ġenerali.

- Ġie organizzat seminar ta' ġurnata fl-10 ta' April 2008 mar-rappreżentanti tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RAC) u l-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura (ACFA) sabiex jinġabru l-fehmiet tagħhom dwar ir-riforma mistennija tal-politika tal-kontroll tal-PKS.

- DG MARE wkoll ipparteċipa f'seminars dwar it-traċċabilità, li se tifforma parti integrali mir-riforma, fil-kuntest tal-proġett dwar it-Traċċabilità tal-Popolazzjonijiet tal-Ħut u d-DTU Aqua. DG MARE organizza workshop dwar dan is-suġġett flimkien maċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka fi Brussell fis-17 ta' Ġunju 2008.

- Ir-riforma ġiet ippreżentata lill-Grupp ta' Livell Għoli tal-Partijiet Interessati Indipendenti dwar il-Piżijiet Amministrattivi fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Settembru 2008. Il-president tal-grupp iddikjara li l-grupp apprezza ħafna d-deskrizzjoni ġenerali li ngħatat mid-DG MARE u apoġġa bis-sħiħ ir-riforma proposta, fid-dawl tat-tnaqqis mistenni fil-piż amministrattiv għas-settur.

- Bejn Frar u Mejju 2008 saru konsultazzjonijiet pubbliċi wiesgħa, ibbażati fuq dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Id-dokument konsultattiv ippreparat mid-DG MARE ppreżenta analiżi qasir tal-problema abbażi ta' disa' oqsma ta' azzjoni possibbli identifikati fin-non-paper imsemmija hawn fuq.

Sinteżi tar-reazzjonijiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati

L-azzjonijiet tal-Kummissjoni rċevew reazzjonijiet pożittivi mill-parteċipanti fil-proċess konsulttativ. Kważi l-kontribuzzjonijiet kollha enfasizzaw li huwa xieraq li tiżdied l-azzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Intlaqgħu ħamsa u għoxrin kontribuzzjoni minn diversi partijiet interessati. Il-kontribuzzjonijiet kollha ġew ippubblikati fuq il-websajt uffiċjali tal-Kummissjoni, flimkien ma' indikazzjoni tal-awturi u l-oriġini tagħhom[7].

[7] http://ec.europa.eu/fisheries/cfp/governance/consultations/consultation_280208_contributions_en.htm

L-inizjattiva tal-Kummissjoni u l-għanijiet prinċipali tagħha ġew appoġġati fil-wisgħa minn dawk li pparteċipaw fil-konsultazzjoni. Kollha qablu unanimament dwar il-bżonn ta' riforma fis-sistema tal-kontroll. Ħafna mill-parteċipanti enfasizzaw li l-kultura ta' konformità għandha tkun il-mira prinċipali tar-riforma. B'mod partikolari, il-partijiet interessati kollha appoġġaw l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi armonizzati, is-simplifikazzjoni u t-titjib fl-effiċjenza tar-regoli u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-assistenza. L-NGOs u l-awtoritajiet pubbliċi b'mod partikolari appoġġaw ir-riforma bħala għodda effiċjenti mill-perspettiva tas-sajd ambjentalment sostenibbli. Kollha qablu dwar il-bżonn għal approċċ ġdid ta' spezzjoni u kontroll fuq il-livell tal-KE, li jipprovdi parità ta' kundizzjonijiet u li jiffavorixxi kooperazzjoni aħjar bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-kontroll tas-sajd fl-Istati Membri u l-operaturi mal-katina tal-produzzjoni kollha. Dawn jaqblu li l-Aġenzija tal-Kontroll għandha jkollha rwol aktar importanti u kostruttiv fil-koordinazzjoni u t-taħriġ. L-NGOs esprimew il-preferenza li l-Kummissjoni tingħata aktar strumenti għall-intervenzjoni opportuna, waqt li l-industrija esprimiet tħassib dwar jekk l-industrija, aktar mill-Istati Membri, ikollhiex tbati l-ispejjeż tal-miżuri kontra l-Istati Membri u s-sospensjoni tal-għajnuna mill-KE.

Ġabra u użu ta' esperjenza professjonali

Id-dominji xjentifiċi/esperti konċernati

Il-Kummisjoni użat għarfien espert estern biex issostni xi wħud mill-argumenti f'dan ir-rapport. L-esperti ntalbu jidentifikaw l-impatti possibbli tal-opzjonijiet politiċi proposti, fosthom il-kompromessi fil-ksib ta' għanijiet kompetittivi, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet politiċi informati.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin ikkonsultati

Ġie konkluż kuntratt speċifiku (taħt il-kuntratt ta' qafas FISH/2006/09 – Studji fil-qasam tal-PKS u l-Affarijiet Marittimi – Lot 4: Studji ta' valutazzjoni tal-impatt relatati mal-PKS) bejn il-Kummissjoni u l-konsultazzjoni esterna MRAG.

Sommarju tal-pariri li ġew irċevuti u użati

- L-analiżijiet kwalitattivi u kwantitattivi indikattivi juru li, waqt li wħud mill-miżuri proposti huma aktar sinifikanti minn oħrajn, l-implimentazzjoni bis-sħiħ tal-pakkett kollu kemm hu bi strument vinkolanti minflok strument volontarju simili, pereżempju, tal-Kodiċi tal-Kondotta għas-Sajd Responsabbli tal-FAO, probabbilment se jkun il-mezz l-aktar effikaċi biex jinkiseb livell għoli ta' konformità.

- Jekk il-miżuri proposti jiġu implimentati b'regolament vinkolanti u jekk l-Istati Membri japplikaw dan ir-regolament u l-pjanijiet ta' rkupru multiannwali eżistenti, il-benefiċċji netti inkrimentali għall-industrija bħala riżultat tal-istokkijiet rkuprati u protetti aħjar jistgħu jkunu ta' madwar EUR 10 biljuni fuq 10 snin. Benefiċċji ekonomiċi bħal dawn probabbilment ikunu akkompanjati minn żidiet netti fl-impjiegi, li jistgħu ilaħħqu sa 4 000 impjieg ġdid mas-subsetturi kollha. Il-punt sinifikanti huwa kif iż-żieda fi-produzzjoni tal-ħut tistimula impjieġi ġodda fis-setturi u r-reġjuni konċernati.

- Il-ġenerazzjoni ta' dawn il-benefiċċji permezz tal-implimentazzjoni ta' regolament ġdid se tiddependi fuq ċaqliq fl-enfasi tal-kontrolli mill-baħar għal operazzjonijiet mill-art li huma aktar effeċjenti mil-lat finanzjarju, u li inizjalment aktar se jeħtieġu investiment fil-proċeduri operattivi milli fil-mezzi tal-kontroll. Il-benefiċċji netti, madankollu, għandhom jiġu ġenerati malajr, u jnaqqsu l-ispejjeż relattivi progressivament fi żmien sentejn jew tlieta wara l-implimentazzjoni, hekk kif tinkiseb kultura ta' konformità.

- Hekk kif il-miżuri tal-kontroll isiru aktar effikaċi u tikber l-effiċjenza, il-kisbiet fl-effiċjenza jistaw jgħaddu lill-operaturi f'termini ta' żieda fil-profitti mis-sajd u fis-sehem disponibbli għall-ekwipaġġ u l-ħaddiema l-oħra.

Mezzi użati biex il-pariri tal-esperti jsiru disponibbli għall-pubbliku
L-istudju se jkun disponibbli fuq il-websajt tad-DG MARE.

Il-valutazzjoni tal-impatt
Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-impatt tal-proposta, li rriżultat f'rapport li se jkun aċċessibbli fuq il-websajt tad-DG MARE. Dan ir-rapport jikkunsidra l-għażliet li ġejjin:

- Alternattiva 1: L-ebda bidla fil-politika. Ikomplu l-politika u l-attenzjoni kurrenti fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kwadru eżistenti.

  Subalternattiva 1: L-ebda bidla politika, tkomplija tas-sitwazzjoni kurrenti

  Is-suppożizzjoni prinċipali għal din is-subalternattiva hija li l-politika kurrenti tal-kontroll hija biżżejjed biex twassal għal aġir ta' konformità li jsostni l-objettivi tal-PKS u li l-kwistjoni prinċipali hija n-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-rekwiżiti regolatorji eżistenti mill-Istati Membri. L-enfasi tista' ssir fuq l-implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

  Subalternattiva 2: Implimentazzjoni u infurzar tal-qafas eżistenti permezz tar-regolamenti ta' implimentazzjoni

  Bħala alternattiva għat-tkomplija sempliċi tas-sitwazzjoni kurrenti, din is-subalternattiva tista' tindirizza l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni li għadha pendenti sabiex tipprovdi sett sħiħ ta' regoli tekniċi bħala bażi ta' sistema komprensiva tal-kontroll.

  B'dan l-approċċ fejn kollox jibqa' għaddej kif inhu, jiżdiedu saffi addizzjonali ta' regoli b'mod mhux koordinat max-xibka kumplessa eżistenti mingħajr ma jiġi żviluppat approċċ ġdid lejn il-kontroll u l-ispezzjoni. In-nuqqas ta' kapaċità tal-Kummisjoni b'hekk ikompli flimkien mad-dgħufija persistenzi min-naħa tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali lejn l-infrazzjonijiet, azzjonijiet ta' segwitu mhux sodisfaċenti għal raġunijiet ġuridiċi jew proċedurali u informazzjoni inkompleta dwar is-sanzjonijiet u n-nuqqasijiet preċedenti ta' konformità.

- Alternattiva 2: Tfassil mill-ġdid fir-Regolament tal-Kontroll, flimkien ma' Kodiċi tal-Kondotta

  Approċċ li jikkombina qafas ġuridiku legali konsolidat flimkien ma' strument ta' tmexxija, bħal "Kodiċi tal-Kondotta", jista' jgħin, sa ċertu punt, fit-titjib tas-sistema kurrenti tal-kontroll. Ċertu sajd jista' jirkupra bħala riżultat ta' azzjoni unilaterali fuq taqsima waħda jew aktar tal-flotta, iżda, ġeneralment, dan l-approċċ ma jbiddilx il-kontenut tad-dispożizzjonijiet kurrenti jew iżid xi strumenti legali ġodda u jiddependi ħafna fuq l-implimentazzjoni volontarja mill-Istati Membri.

- Alternattiva 3: Strument regolatorju, fil-forma ta' Regolament vinkolanti ġdid

  It-tielet alternattiva ppreżentata għall-valutazzjoni kienet l-implimentazzjoni ta' pakkett ta' riforma permezz ta' test regolatorju li jkun jorbot fuq il-livell Komunitarju. Dan l-approċċ huwa bbażat fuq l-istabbiliment ta' parità ta'

kundizzjonijiet fl-UE. Dan jiżgura applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-PKS madwar l-UE u trattament mhux diskriminatorju tas-sajjieda kollha. Biż-żieda fil-kapaċità tal-ispetturi tal-Kummissjoni, ikun aktar diffiċli għall-Istati Membri biex jaħbu n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-PKS.

- Alternattiva 4: Ċentralizzazzjoni tal-politika tal-kontroll tal-PKS fuq il-livell tal-UE, b'żieda fil-kompetenzi tal-Kummissjoni u tal-CFCA

  Taħt din l-opzjoni l-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-kontroll jgħaqqdu flimkien ir-riżorsi ta' spezzjoni tal-Istati Membri u jiżviluppaw standards aċċettabbli universalment, bil-għan fit-tul li titwaqqaf sistema ta' gwardja kostali Ewropea. Madankollu, din alternattiva kellha titwarrab fi stadju bikri minħabba li r-riallokazzjoni tax-xogħol bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri tmur lilhinn minn dak li huwa pprovdut fit-Trattat. Politikament, huma inkonċepibbli li l-Istati Membri jaċċettaw li f'daqqa waħda jċedu s-setgħa tagħhom lil korp supranazzjonali. Barra minn hekk, alternattiva bħal din tinvolvi żieda drammatika fil-baġit li l-Kummissjoni ma tistax issostni.

III. Elementi ġuridiċi tal-proposta

Il-kontenut tal-proposta
L-idea bażika tal-proposta hija li politika effiċjenti tal-kontroll għandha tkun globali u integrata u tkopri l-aspetti kollha tal-problema, mix-xibka sal-platt.

Approċċ komuni u ġdid għall-kontroll u l-ispezzjoni
Għalkemm il-livell tal-konformità tal-bastimenti tas-sajd mal-miżuri tekniċi m'għandhiex tiġi injorata, għandha tingħata aktar attenzjoni lill-monitoraġġ komprensiv tal-qabdiet. F'dan il-kuntest, b'mod partikolari, huwa neċessarju li jinkisbu:

- Attivitajiet ta' spezzjoni standardizzati u koordinati u proċeduri f'kull ħolqa tal-katina (fil-baħar, fil-port, matul it-trasport u mal-kummerċjalizzazzjoni);

- standards ġenerali għall-miżuri speċifiċi tal-kontroll applikabbli għall-pjanijiet ta' rkupru u multiannwali, iż-żoni protetti tal-baħar u r-rimi tal-ħut;

- introduzzjoni ta' sistema komprensiva ta' traċċabilità;

- użu sħiħ tat-teknoloġiji moderni u sistemi effiċjenti ta' validazzjoni tad-dejta sabiex isiru kontroverifiki sistematiċi u komprensivi tad-dejta rilevanti kollha;

- programmar strateġiku, immirar tattiku u strateġija ta' teħid ta' kampjuni; kif ukoll

- użu ta' informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tar-riskji u t-titjib fl-effiċjenza tal-kontroll.

Kultura ta' konformità
F'dan il-kuntest, huwa neċessarju li tingħata attenzjoni lil:

- is-simplifikazzjoni u t-titjib fl-effiċjenza tal-qafas legali;

- l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet deterrenti armonizzati;

- l-introduzzjoni ta' sistema ta' punti penali għall-infrazzjonijiet minn kaptani, operaturi jew is-sidien benefiċjarji ta' liċenzja tas-sajd;

- miżuri ta' infurzar u s-sanzjonijiet relatati;

- it-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni, inkluż l-estensjoni tal-mandat tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA);

- approċċ modern lejn it-trasferimenti tad-dejta u skambji tal-informazzjoni, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni jew is-CFCA permezz ta' websajts sikuri.

Applikazzjoni effikaċi tar-regoli tal-PKS
Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effikaċi tar-regoli tal-PKS, għandha tissaħħaħ il-kapaċità tal-Kummissjoni biex tintervjeni b'mod proporzjonali għal-livell ta' nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-kapaċità tal-ġestjoni tal-Kummissjoni għandha tittejjeb. Il-proposti jinkludu:

- definizzjoni mill-ġdid tas-setgħat tal-ispetturi tal-Kummissjoni;

- pjanijiet ta' azzjoni għall-Istati Membri biex tiżdide l-implimentazzjoni tagħhom jekk hemm bżonn;

- setgħat għall-Kummissjoni biex tirrettifika ċ-ċifri tal-qabdiet tal-Istati Membri;

- għeluq tas-sajd fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni;

- aktar flessibbiltà għall-Kummissjoni biex tipproċedi bit-tnaqqis fil-kwoti fil-każijiet ta' nuqqas ta' ġestjoni tal-kwoti; kif ukoll

- miżuri finanzjarji fil-każijiet ta' ġestjoni ħażina.

Bażi legali
L-Artikolu 37 tat-trattat tal-KE.

Prinċipju ta' sussidjarità
Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarità ma japplikax.

Prinċipju ta' proporzjonalità
Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għal dawn ir-raġunijiet: L-indirizzar tan-nuqqasijiet kurrenti tas-sistema tal-kontroll tal-PKS jeħtieġ miżuri proporzjonali għall-iskala u addattati għat-tip ta' attivitajiet konċernati. L-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin huwa, skont id-definizzjoni, qasam li għandu bżonn jiġi regolat fuq il-livell tal-Komunità u li ma jistax ikun amministrat minn miżuri iżolati fuq il-livell nazzjonali. Bil-proposta ta' qafas ġdid għall-kontroll tal-attivitajiet tal-PKS, il-Kummissjoni qed tirrispondi għat-talbiet mill-partijiet interessati u l-Istati Membri biex toħloq parità ta' kundizzjonijiet fuq il-livell tal-UE. Id-definizzjoni ta' proċeduri armonizzati ta' spezzjoni u ta' kontroll hija, fiha nnifisha, kwistjoni li trid tiġi ttrattata fuq il-livell tal-UE.

Għażla tal-istrument
L-istrument propost: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġunijiet li ġejjin: Il-PKS hija qasam ta' kompetenza esklussiva tal-Komunità. Ir-regoli adottati fuq il-livell tal-Komunità għandhom ikunu

uniformi u vinkolanti sabiex tiġi evitata l-koeżistenza ta' standards differenti bejn l-Istati Membri. Għalhekk huwa ġustifikabbli li l-miżuri għandhom jieħdu l-forma ta' Regolament.

IV. Implikazzjoni għall-baġit

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

V. Informazzjoni addizzjonali

Simplifikazzjoni

Il-proposta se twassal għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti, flimkien mat-titjib fis-sistema tal-kontroll. Mas-snin il-politika kurrenti tal-kontroll tal-PKS żiedet saffi ta' dispożizzjonijiet, mifruxin fuq diversi regolamenti, uħud minnhom sovraposti. Għan wieħed ta' din il-proposta huwa li jiġu ċċarati r-regoli tal-kontroll applikabbli. Madankollu, il-kontroll jibqa' kwistjoni kumplessa u jrid jinstab bilanċ bejn l-obbligazzjonijiet neċessarji li jridu jinżammu u l-bżonn li jiġi ċċarat u li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u s-settur privat.

F’dan il-kuntest, is-simplifikazzjoni għandha diversi aspetti:

- Is-sistema tistabbilixxi qafas wieħed ambizzjuż li jistabbilixxi l-prinċipji li jiggvernaw l-aspetti kollha tal-kontroll, imma li jħalli li r-regoli ta’ implimentazzjoni jistabbilixxu r-regoli tekniċi dettaljati.

- Is-sistema tistabbilixxi qafas wieħed li japplika għall-operaturi tal-Komunità u l-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-istandardizzazzjoni tar-regoli dwar l-ispezzjoni u l-kontroll (inkluża l-introduzzjoni ta’ sanzjonijiet armonizzati), u b’hekk tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta’ parità ta’ kundizzjonijiet fl-UE.

Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti
L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Il-klawżola ta’ analiżi/reviżjoni/estinzjoni
Din il-proposta tinkludi klawżola ta’ reviżjoni.

2008/0216 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Wara li kkonsulta mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Billi:

(1) L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[8] [il-Politika Komuni tas-Sajd], huwa li jiġi żgurat sfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin li jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

(2) Minħabba li s-suċċess tal-Politika Komuni tas-Sajd jinvolvi l-implimentazzjoni ta' sistema tal-kontroll effikaċi, il-miżuri li hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament ifittxu li jistabbilixxu sistema tal-Komunità għall-ispezzjoni, il-kontroll, is-sorveljanza u l-infurzar permezz ta' approċċ globali u integrat sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli kollha tal-Politika Komuni tas-Sajd sabiex jinkiseb sfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjini billi jiġu koperti l-aspetti kollha tal-politika.

(3) L-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni[9] [il-Politika Komuni tas-Sajd] turi li s-sistema tal-kontroll attwali ma għadhiex biżżejjed biex tiżgura l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

---

[8] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
[9] ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

(4) Fil-preżent id-dispożizzjonijiet tal-kontroll huma mifruxa fuq numru vast ta' testi legali sovraposti u kumplessi. Jeżistu nuqqasijiet fl-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' wħud mill-partijiet tas-sistema tal-kontroll, u dan jirriżulta f'miżuri insuffiċjenti u diverġenti bħala reazzjoni għall-infrazzjonijiet tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, biex b'hekk jiġi mhedded il-ħolqien ta' parità ta' kundizzjonijiet għas-sajjieda madwar il-Komunità. Għal din ir-raġuni r-reġim eżistenti u l-obbligazzjonijiet kollha fih għandhom jiġu konsolidati, razzjonalizzati u simplifikati, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis ta' piżijiet doppji tar-regolazzjoni u l-amministrazzjoni.

(5) Minħabba l-iskala tal-eżawriment tar-riżorsi akkwatiċi tal-baħar, huwa vitali li l-Komunità Ewropea tadotta l-miżuri neċessarji għall-iżvilupp ta' kultura ta' konformità fost l-operaturi kollha mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, u mal-għanijiet stabbiliti fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fl-2002 kif ukoll l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Kunsill Ewropew. Biex jinkiseb dan il-għan, ir-regoli dwar l-ispezzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll, is-sorveljanza u l-infurzar tal-miżuri tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni tar-riżorsi, il-miżuri strutturali u l-miżuri fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq għandhom jiġu infurzati, armonizzati u msaħħa. Barra dan, għandhom jiġu stabbiliti livelli minimi ta' sanzjonijiet għal infrazzjonijiet speċifiċi serji kif ukoll sistema ta' punti penali għan-nuqqas ta' konformità.

(6) L-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jiġu ċċarati aktar. Il-kontroll tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd għandu jkun l-ewwelnett ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni min-naħa tagħha għandha tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mal-Komunità kollha b'mod konsistenti. Għal dan il-għan, is-sistema kurrenti tal-mikrodeċiżjonijiet għandha tiġi sostitwita progressivament minn approċċ ibbażat fuq il-makroġestjoni.

(7) Il-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fuq il-livell tal-Komunità hija bbażata b'mod partikolari fuq il-qabdiet totali permessi (TACs), il-kwoti, ir-reġimi tal-isforzi u l-miżuri tekniċi. Għandhom jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri neċessarji biex jimplimentaw dawn il-miżuri ta' ġestjoni b'mod effikaċi.

(8) L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jissorveljaw il-ħatt l-art fil-portijiet tagħhom. Għal dan il-għan, il-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu meħtieġa jinnotifikaw minn qabel lil dawk l-awtoritajiet dwar l-intenzjoni tagħhom li jħottu fil-portijiet tagħhom.

(9) L-informazzjoni fil-ġurnal ta' abbord tal-bastimenti tas-sajd għandha tiġi verifikata waqt il-ħatt fuq l-art. Għalhekk, dawk involuti fil-ħatt fuq l-art u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut u l-prodotti tas-sajd għandhom jiġu obbligati jiddikjaraw il-kwantitajiet li jħottu, li jittrażbordaw, li joffru għall-bejgħ jew li jixtru.

(10) Għall-bastimenti tas-sajd żgħar taħt l-10 metri l-obbligazzjoni li jinżamm ġurnal ta' abbord jew li tiġi kompletata dikjarazzjoni tikkostitwixxi piż sproporzjonat f'relazzjoni mal-kapaċità tas-sajd. Sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' kontroll fuq bastimenti bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-attivitajiet tagħhom permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' teħid ta' kampjuni.

(11) Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri Komunitarji ta' konservazzjoni u ta' kummerċ, għandhom jittieħdu passi biex ikun meħtieġ li l-prodotti tas-sajd kollha fi ħdan il-Komunità jiġu akkumpanjati minn dokument tat-trasport li jidentifika t-tip, l-oriġini u l-piż tagħhom

(12) L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-attivitajiet tal-bastimenti tagħhom fl-ilmijiet tal-Komunità u wkoll barra minnhom. Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ effikaċi, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom ikunu obbligati jżommu ġurnal ta' abbord u jissottomettu dikjarazzjonijiet dwar il-ħatt l-art u t-trażbord.

(13) It-trażbordi fuq il-baħar jaħarbu minn kwalunkwe kontroll xieraq mill-istati tal-bandiera jew kostali u b'hekk jikkostitwixxu possibilità biex l-operaturi jġorru qabdiet illegali. Biex jitjiebu l-kontrolli, l-operazzjonijiet tat-trażbord fl-ilmijiet tal-Komunità għandhom jiġu awtorizzati biss f'portijiet deżinjati.

(14) Fejn il-ġestjoni tat-TACs u l-kwoti hija kumplimentata minn reġim tal-isforzi, għandhom jiġu stabbiliti miżuri biex jiġi żgurat li r-reġim jiġi implimentat kif suppost.

(15) Sabiex jiġi stabbiliti reġim ta' kontroll komprensiv, il-katina kollha tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni għandha tiġi koperta minn reġim bħal dan. Dan għandu jinkludi sistema koerenti ta' traċċabilità li tissuplimenta d-dispożizzjonijiet Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel[10], u kontroll imtejjeb tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Dan għandu jipproteġi wkoll l-interessi tal-konsumaturi billi jipprovdi l-informazzjoni dwar id-deżinjazzjoni kummerċjali, il-metodu ta' produzzjoni u ż-żona tal-qabda f'kull stadju tal-kummerċjalizzazzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 2065/2001 tat-22 ta' Ottubru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward it-tagħrif lill-konsumatur dwar prodotti tas-sajd u akkwakultura[11]. Dan għandujiżgura l-monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi skont ir-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 2508/2000 tal-15 ta' Novembru 2000 li jippreskrivi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward il-programmi ta' ħidma fis-settur tas-sajd[12].

(16) Fid-dawl tar-rekwiżiti tal-kapaċità fil-flotta tas-sajd tal-Komunità, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità[13], Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1438/2003 tat-12 ta' Awwissu 2003 li jippreskrivi regoli ta' implimentazzjoni dwar il-Politika tal-Komunità dwar il-Flotta kif definita fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002[14] u Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2004 tad-9 ta' Diċembru 2004 li jwassal għall-klawsoli ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li għandu x'jaqsam mal-immaniġġjar tal-

---

10 ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
11 ĠU L 278, 23.10.2001, p. 6.
12 ĠU L 289, 16.11.2000, p. 8.
13 ĠU L 102, 7.4.2004, p. 9.
14 ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21.

flotot tas-sajd reġistrati lir-reġjuni ultraperiferali[15], għandhom jiġu introdotti strumenti għall-kontroll tal-kapaċità tal-flotot li għandhom jinkludu l-monitoraġġ tal-qawwa tal-magna u tal-użu tal-irkaptu tas-sajd.

(17) Għandhom jiġu applikati miżuri ta' kontroll ċari, magħmula apposta, u speċifiċi għall-pjanijiet multiannwali, iż-żoni protetti tal-baħar u r-rimi tal-ħut taħt reġim speċjali. Il-proċedura għall-istabbiliment u t-tneħħija ta' għeluq fil-ħin reali għaż-żoni tas-sajd għandha tiġi ċċarata.

(18) Għandu jiġi introdott approċċ komuni u ġdid għall-kontroll li jinkludi monitoraġġ komprensiv tal-qabdiet, bil-għan li tiġi żgurata qagħda ta' parità tal-kundizzjonijiet għas-settur tas-sajd li jikkunsidra d-differenzi mat-taqsimiet tal-flotta; għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti kriterji komuni għall-implimentazzjoni tal-kontroll tas-sajd u b'mod partikolari proċeduri ta' spezzjoni standardizzati u koordinati fuq il-baħar, fl-art u mal-katina tas-suq kollha. Għandha tiġi ċċarata parti mill-approċċ il-ġdid, u r-responsabbilitajiet rispettivi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd.

(19) L-attivitajiet u l-metodi tal-kontroll għandhom ikunu bbażati fuq il-ġestjoni tar-riskju bl-użu sistematiku u komprensiv tal-proċeduri tal-kontroverifiki.

(20) Għall-prosekuzzjoni konsistenti u effikaċi tal-infrazzjonijiet, għandu jsir provvediment li jippermetti li jiġu ppreparati rapporti ta' spezzjoni u ta' sorveljanza mill-ispetturi tal-Kummissjoni, l-ispetturi Komunitarji u l-uffiċjali tal-Istati Membri biex jintużaw fl-istess mod bħar-rapporti nazzjonali.

(21) Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għandhom jiġu intensifikati sabiex tiġi promossa l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari permezz tal-iskambju ta' spetturi nazzjonali u t-tisħiħ tar-rwol u s-setgħat tal-ispetturi tal-Komunità.

(22) Id-dejta mis-sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti tirrapreżenta sors ta' valur għall-pariri xjentifiċi. Dejta dettaljata u aggregata għandha b'hekk tkun disponibbbli għall-utenti aħħarin kif definit fl-Artikolu 2 (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal- 25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd[16].

(23) It-teknoloġiji moderni għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ peress li jippermettu monitoraġġ effikaċi, kontroverifiki sistematiċi u awtomatizzati b'mod rapidu u mhux għali, jiffaċilitaw il-proċeduri amministrattivi kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-operaturi u b'hekk jippermettu analiżi tar-riskju opportuna u evalwazzjonijiet globali tal-informazzjoni kollha tal-kontroll. Is-sistema tal-kontroll b'hekk għandha tippermetti li l-Istati Membri jikkombinaw l-użu tal-istrumenti tal-kontroll varji biex jiżguraw l-aktar metodu tal-kontroll effiċjenti.

---

15 ĠU L 365, 10.12.2004, p. 19.
16 ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

(24) Netwerk integrat ta' sorveljanza marittima għandu jiġi stabbilit bejn is-sistemi ta' sorveljanza, monitoraġġ, identifikazzjoni u rintraċċar imħaddma għall-finijiet tas-sigurtà u s-sikurezza marittima, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll tal-fruntieri, l-infurzar ġenerali tal-liġi, u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ. In-netwerk għandu jkollu l-kapaċità li jipprovdi informazzjoni kontinwament dwar l-attivitajiet fil-qasam marittimu sabiex isostni proċess ta' teħid ta' deċiżjonijeit f'waqthom. Dan imbagħad għandujippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi impenjati fl-attivitajiet ta' sorveljanza biex jipprovdu servizzi aktar effikaċi u effiċjenti mil-lat finanzjarju. Għal dan il-għan, is-Sistemi Awtomatiċi ta' Identifikazzjoni, is-Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati – dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bażata fuq satellita[17] u s-Sistemi ta' Rilevament ta' Bastimenti miġbura fil-qafas ta' dan ir-Regolament li għandha tiġi trażmessa u użata minn awtoritajiet pubbliċi oħra impenjati fl-attivitajiet ta' sorveljanza msemmija hawn fuq.

(25) Iċ-ċittadini tal-Komunità għandhom jiġu skoraġġuti milli jwettqu infrazzjonijiet tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Peress illi l-azzjoni li tittieħed wara l-infrazzjonijiet ta' dawk ir-regoli tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor, u b'hekk tikkawża diskriminazzjoni u regoli inġusti ta' kompetizzjoni għas-sajjieda, u minħabba li l-assenza ta' sanzjonijiet diswassivi, proporzjonali u effikaċi f'ċerti Stati Membri tnaqqas l-effikaċja tal-kontrolli, huwa xieraq li jiġu introdotti sanzjonijiet amministrattivi armonizzati flimkien ma' sistema ta' punti penali li jipprovdu deterrent reali.

(26) Il-persistenza ta' għadd kbir ta' infrazzjonijiet serji tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-ilmijiet Komunitarji jew minn operaturi Komunitarji fil-biċċa l-kbira hija dovuta għal-livell hija attribwibbli l-aktar għal multi ta' livell baxx wisq biex ikunu deterrenti, stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar infrazzjonijiet serji ta' dawk ir-regoli. Din id-dgħufija hija aggravata mid-diskrepanza kbira fil-livelli tal-pieni bejn l-Istati Membri, li tinkuraġġixxi lill-operaturi illegali biex joperaw fl-ilmijiet jew fit-territorju tal-Istati Membri fejn is-sanzjonijiet huma l-aktar baxxi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu armonizzati l-livelli minimi u massimi tal-multi stabbiliti għall-infrazzjonijiet serji tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'kunsiderazzjoni għall-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba mill-infrazzjoni serja, kwalunwke repetizzjoni tal-infrazzjoni u l-ħsara għar-riżorsi tas-sajd u l-ambjent tal-baħar konċernat. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll miżuri ta' infurzar immedjat u miżuri kumplimentari.

(27) Biex tiġi żgurata l-kisba tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tieħu miżuri korrettivi effikaċi; għal dan il-għan, il-kapaċità ta' ġestjoni tal-Kummissjoni u l-kapaċità tagħha biex tintervjeni b'mod proporzjonali għal-livell ta' nuqqas ta' konformità tal-Istati Membri għandha tissaħħaħ. Il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li tagħmel spezzjonijiet mingħajr notifika minn qabel u b'mod indipendenti, sabiex tivverifika l-operazzjonijiet tal-kontroll li qed isiru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(28) Għandhom jeżistu mezzi xierqa li jindirizzaw n-nuqqasijiet ta' twettiq tal-obbligazzjonijiet tagħhom taħt il-liġi tal-UE u internazzjonali bħala stati tal-bandiera,

---

17 *ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.*

portwali, kostali jew tas-suq u biex jiġi asssigurat li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw il-konformità tal-bastimenti tas-sajd jew taċ-ċittadini mar-regoli tal-PKS u tal-kontroll; dawn il-mezzi għandhom jinkludu l-possibilità li l-assistenza finanzjara tiġi sospiża jew imnaqqsa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd[18] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitarji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd[19] f'każijiet ta' implimentazzjoni inadegwati tar-regoli tal-PKS mill-Istati Membri.

(29) Għandhom jiġu konferiti setgħat lill-Kummissjoni biex tagħlaq is-sajd meta l-kwota ta' Stat Membru jew it-TAC jiġu eżawriti. Il-Kummissjoni għandha jkollha wkoll is-setgħa li tnaqqas il-kwoti u tirrifjuta t-trasferiment ta' kwoti jew l-iskambju ta' kwoti sabiex tiżgura l-kisba tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri.

(30) Il-Kummissjoni jew il-korp dežinjat minnha għandha tkun f'pożizzjoni li taċċedi direttament għad-dejta tas-sajd tal-Istati Membri biex tkun tista' tivverifika li l-Istati Membri qed jikkonformaw mal-obbligazzjonijiet tagħhom u tintervjeni meta tidentifika xi inkonsistenzi.

(31) Il-mandat tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għandu jiġi aġġustat u estiż biex ikopri l-verifiki, l-ispezzjonijiet tas-sistemi tal-kontroll nazzjonali, l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni operattiva, l-assistenza lill-Istati Membri u l-possibbiltà li twaqqaf unitajiet ta' emerġenza fejn jiġi identifikat riskju serju għall-Politika Komuni tas-Sajd.

(32) Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet tal-kontroll nazzjonali li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament iżda jmorru lilhinn mid-dispożizzjonijiet minimi tiegħu, diment li t-tali dispożizzjonijiet nazzjonali jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità.

(33) Minħabba li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad- 29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat[20], jobbliga lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw l-effikaċja tal-ġlieda kontra s-sajd IUU u l-attivitajiet assoċjati u peress li r-*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru .../2008 ta' xx xx xx dwar l-awtorizzazzjoni għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment tas-sajd tal-Komunità 'l barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess għall-bastiment tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Komunità*[21] jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-bastiment tas-sajd tal-Komunità biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tas-sajd 'il barra mill-ilmijiet tal-Komunità u dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Komunità dan ir-Regolament għandu jikkumplimenta lil dawn ir-Regolamenti u jiżgura li ma ssir l-ebda diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini tal-Komunità u ta' pajjiżi terzi.

(34) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi

---

18 ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.
19 ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1.
20 ĠU L 286, 29.10.2008, p.1.
21

l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni[22]. *Il-miżuri kollha adottati mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament se jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità.*

(35) Madankollu, għandu jkun il-Kunsill li jiddeċiedi dwar l-obbligazzjoni tal-użu ta' tagħmir elettroniku tal-monitoraġġ u l-għodda ta' traċċabilità bħall-analiżi ġenetika u teknoloġiji oħra tal-kontroll tas-sajd. Peress illi dawk it-teknoloġiji jinvolvu spejjeż għall-awtorijiet nazzjonali tal-kontroll u għas-settur konċernat, huwa xieraq li l-Kunsill jkollu d-dritt li jeżerċita direttament is-setgħat ta' implimentazzjoni f'dan il-każ speċifiku. Peress li l-Kunsill jiddeċiedi dwar l-introduzzjoni ta' pjanijiet multiannwali huwa xieraq ukoll li l-Kunsill jiddeċiedi f'dan il-kuntest dwar il-limitu applikabbli għall-piż ħaj tal-ispeċijiet suġġetti għal dawn il-pjanijiet multiannwali li 'l fuq minnu bastiment għandu jkun meħtieġ li jħott l-art il-qabdiet tiegħu f'port dežinjat. Peress li l-Kunsill r-Regolament annwali dwar it-TAC u l-kwoti, huwa wkoll xieraq li f'dan il-kuntest jiddetermina livelli ta' attivazzjoni tal-qabdiet inċidentali għall-istabbiliment ta' għeluq fil-ħin reali.

(36) Għandha tiġi garantita l-kunfidenzjalità tad-dejta miġbura u skambjata fil-qafas ta' dan ir-Regolament. It-tali dejta kultant se tikkostitwixxi dejta personali għall-iskopijiet tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u lanqas tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. Regoli ċari għall-ipproċessar tad-dejta personali huma meħtieġa għal raġunijiet ta' ċertezza ġuridika u ta' trasparenza, u biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikolari, id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata tal-individwi.

(37) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta hija maħsuba biex tiżgura l-moviment ħieles tad-dejta personali fis-Suq Intern. Għandha tapplika għall-attivitajiet tal-ipproċessar tad-dejta personali mwettqa mill-Istat Membru fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(38) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta, għandu jirregola l-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(39) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa neċessarju u xieraq, għall-kisba tal-għan bażiku li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tal-Politika Komuni tas-Sajd, li tiġi stabbilita sistema komprensiva u uniformi tal-kontroll. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tat-Trattat.

---

[22] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(40) Sabiex il-leġiżlazzjonijiet tal-Komunità ssir konformi ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu emendati r-regolament li ġejjin:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002;

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd[23];

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar tal-istokkijiet ta' merluzz[24];

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna [ta' l-istokk] ta' marlozz tat-Tramuntana[25],

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċi zgħar [tal-frieħ] ta' ħlejjaq [organiżmi] tal-baħar[26];

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2115/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabilixxi pjan ta' rkupru tal-provvista tal-ħalibatt ta' Greenland fil-qafas tal-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Majjistral[27] [tal-Majjistral tal-Atlantiku];

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja[28];

- ur-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet [stokkijiet] tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent[29] [fil-Punent tal-Kanal];

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet [l-istokkijiet] tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana[30];

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali [multiannwali] għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97[31];

---

23 ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.
24 ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8.
25 ĠU L 185, 24.5.2004, p. 1.
26 ĠU L 345, 28.12.2008, p. 5.
27 ĠU L 340, 23.12.2005, p. 3.
28 ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1.
29 ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7.
30 ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1.
31 ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1.

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti[32].

(41) Minħabba li dan ir-Regolament se jistabbilixxi reġim ġdid ta' kontroll komprensiv, għandhom jiġu revokati r-Regolament (KE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema tal-kontroll li tapplika għall-Politika tas-Sajd Komuni [il-Politika Komuni tas-Sajd], u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet [ġenerali] rigward permessi speċjali tas-sajd.

IDDEĊIDIET DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-kontroll, il-monitoraġġ, is-sorveljanza, l-ispezzjoni, u l-infurzar (minn hawn 'il quddiem "is-sistema Komunitarja tal-kontroll") tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Artikolu 2
Ambitu

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet kollha mwettqa fit-territorju tal-Istati Membri jew fl-ilmijiet Komunitarji jew minn bastiment tas-sajd Komunitarji jew, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, miċ-ċittadini tal-Istati Membri, li għandhom x'jaqsmu ma'

(a) il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttar ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin,

(b) l-akkwakultura,

(c) il-proċessar, it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Artikolu 3
Relazzjoni mad-dispożizzjonijiet internazzjonali u nazzjonali

1. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali li hemm fil-ftehimiet tas-sajd konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi jew applikabbli fil-kuntest tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) jew arranġamenti simili li l-Komunità hija Parti Kontraenti jew Parti Kooperanti mhux kontraenti tagħhom.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura ta' kontroll nazzjonali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi tiegħu, bil-kundizzjoni li dawn jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni Komunitarja u huma f'konformità mal-

[32] ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

Politika Komuni tas-Sajd. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk il-miżuri tal-kontroll.

Artikolu 4
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għandhom japplikaw. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

(1) "*Attività tas-sajd*" tfisser tiftix għall-ħut, l-isparar, il-kalar, l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd, it-teħid tal-qabdiet abbord, it-trażbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment u t-tqegħid f'gaġeġ ta' ħut u prodotti tas-sajd;

(2) "*Regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd*" tfisser il-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin, l-akkwakultura u l-ipproċessar, it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(3) "*Attivitajiet koperti mill-Politika Komuni tas-Sajd*" tfisser il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin, l-akkwakultura u l-ipproċessar, it-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(4) "*Kontroll*" tfisser monitoraġġ, sorveljanza, spezzjoni u infurzar;

(5) "*Spezzjoni*" tfisser kwalunkwe kontroll fuq il-post li jsir minn spetturi fir-rigward tal-konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Politika Komuni tas-Sajd li jitniżżel f'rapport ta' spezzjoni;

(6) "*Uffiċjal*" tfisser persuna awtorizza minn awtorità nazzjonali, il-Kummissjoni jew l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd biex tagħmel spezzjoni;

(7) "*Liċenzja tas-sajd*" tfisser dokument uffiċjali li jikkonferixxi lid-detentur tiegħu d-dritt, kif determinat mir-regoli nazzjonali, li juża ċertu kapaċità tas-sajd għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin. Fiha rekwiżiti minimi dwar l-identifikazzjoni, il-karatteristiċi tekniċi u l-armar ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità;

(8) "*Awtorizzazzjoni tas-sajd*" tfisser awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa għal bastiment tas-sajd tal-Komunità flimkien mal-liċenzja tas-sajd tiegħu, li tagħtih id-dritt imexxi attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Komunità in ġenerali u/jew attivitajiet tas-sajd speċifiċi matul perjodu speċifiku, f'żona speċifika jew għal sajd partikolari taħt kundizzjonijiet speċifiċi;

(9) "*Sistema awtomatika tal-Identifikazzjoni"*, tfisser sistema awtonoma ta' xandir kontinwu għall-finijiet tas-sikurezza marittima u tat-traffiku tal-bastimenti li tipprovdi lill-bastimenti b'mezzi ta' skambju elettroniku ma' vapuri fil-viċin u l-awtoritajiet fuq l-art tad-dejta tal-bastiment inkluż l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni, ir-rotta u l-veloċità;

(10) "*Żona Protetta tal-Baħar*", tfisser kwalunkwe żona li hija riservata permezz tal-liġi, miżura miftehma internazzjonalment jew kwalunkwe miżura effikaċi oħra għall-protezzjoni ta' parti jew l-ambjent magħluq kollu;

(11) "*Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd*" tfisser ċentru operattiv stabbilit minn Stat Membru tal-bandiera u li għandu l-kapaċità teknika biex jissorvelja mill-bogħod il-bastimenti tas-sajd, li jiġbor, jaħżen, jivvalida u jikkontroverifika d-dejta li jirċievi permezz ta' sistemi differenti tal-komunikazzjoni u li jpoġġi dik l-informazzjoni għad-dispożizzjoni, kif xieraq, tas-servizzi ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera jew tal-Istat kostali;

(12) "*Trażbord*" iffisser il-ħatt tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kollha abbord bastiment għal fuq bastiment ieħor;

(13) "*Riskju*" jfisser il-probabbiltà li avveniment isir u li jikkostitwixxi infrazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;

(14) "*Ġestjoni tar-riskju*" tfisser l-identifikazzjoni sistematika tar-riskji u l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha neċessarji għal-limitazzjoni tar-realizzazzjoni ta' dawn ir-riskji. Dan jinkludi attivitajiet bħall-ġabra ta' dejta u informazzjoni, analiżi u evalwazzjoni tar-riskji, preparazzjoni u teħid ta' azzjoni, u monitoraġġ u reviżjoni regolari tal-proċess u r-riżultati tiegħu, ibbażati fuq is-sorsi u l-istrateġiji internazzjonali, Komunitarji u nazzjonali;

(15) "*Operatur*" tfisser il-persuna naturali jew legali li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li tmexxi kwalunkwe mill-attivitajiet relatati ma' kwalunkwe stadju ta' produzzjoni, proċessar, kummerċjalizzazzjoni, distribuzzjoni u bejgħ bl-imnut tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(16) "*Lott*" tfisser kwantità ta' prodotti tas-sajd ta' speċi partikolari li ġiet suġġetta għall-istess trattament u li setgħet ġiet mill-istess żona tas-sajd u l-istess bastiment jew l-istess attivitajiet tal-akkwakultura;

(17) "*Proċessar*" tfisser il-proċess li bih ġiet ippreparata l-preżentazzjoni. Dan jinkludi t-tindif, l-iflettjar, it-tkessiħ, l-ippakkjar, it-tqegħid f'laned, l-iffriżar, l-affumikar, it-tmelliħ, it-tisjir, l-ippriservar, it-tnixxif jew il-preparazzjoni tal-ħut għas-suq bi kwalunkwe mod ieħor;

(18) "*Bejgħ bl-imnut*" tfisser il-manipulazzjoni u/jew l-ipproċessar ta' prodotti tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin u l-ħażna tagħhom fil-punt tal-bejgħ jew il-kunsinna tagħhom lill-konsumatur aħħari, u tinkludi t-terminali tad-distribuzzjoni, l-operazzjonijiet tal-catering, il-kantinijiet tal-fabbriki, il-catering istituzzjonali, ir-ristoranti u operazzjonijiet tas-servizzi tal-ikel oħra simili, il-ħwienet, iċ-ċentri ta' distribuzzjoni tas-supermarkets u l-postijiet tal-bejgħ bl-ingrossa;

(19) "*Aġenzija*" tfisser l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005;

(20) "*Netwerk integrat ta' sorveljanza marittima*" tfisser netwerk ta' sistema ta' sorveljanza, monitoraġġ, identifikazzjoni u rintraċċar imħaddma għall-iskopijiet tas-sigurtà u sikurezza marittima, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll tal-fruntieri, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-infurzar ġenerali tal-liġi;

(21) *"Dejta tas-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastimenti" tfisser id-dejta dwar l-identifikazzjoni, il-pożizzjoni ġeografika, id-data, il-ħin, ir-rotta u l-veloċità tal-*

bastiment tas-sajd trażmessi permezz ta' tagħmir tar-rintraċċar bis-satellita installat abbord bastiment tas-sajd liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat tal-bandiera;

(22) "*Dejta tas-Sistema ta' Rilevament tal-Bastimenti*" tfisser id-dejta derivata minn immaġni tat-telerilevament u miġbura miċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd li tipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-preżenza ta' bastiment f'żona tal-baħar partikolari;

(23) "*Pjanijiet multiannwali*" tfisser pjanijiet ta' rkupru kif imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, il-pjanijiet tal-ġestjoni kif imsemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 kif ukoll dispożizzjonijiet Komunitarji oħra adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 37 tat-Trattat tal-KE u li jipprovdu għall-miżuri ta' ġestjoni speċifiċi għal stokkijiet tal-ħut partikolari għal diversi snin;

(24) "*Stat kostali*" tfisser l-Istat li fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni jew fil-portijiet tiegħu ssir attività.

TITOLU II
IL-PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 5
Il-prinċipji ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw l-attivitajiet li jsiru minn kwalunkwe persuna naturali jew legali fl-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd fit-territorju tagħhom jew fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom, b'mod partikolari s-sajd, it-trażbord, it-trasferiment ta' ħut għal ġol-gaġeġ jew l-installazzjonijiet tal-akkwakultura inkluż installazzjonijiet tat-tħaxxin, il-ħatt l-art, l-importazzjoni, it-trasport, il-kummerċjalizzazzjoni u l-ħażna tal-prodotti tas-sajd.

2. L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw ukoll l-aċċess miċ-ċittadini tagħhom għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-attivitajiet tal-kontroll 'il barra mill-ilmijiet tal-Komunità li jsiru minn bastimenti tas-sajd tal-Komunità li qed itajru l-bandiera tagħhom, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat Membru tal-bandiera.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa, jallokaw ir-riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi xierqa u jistabbilixxu strutturi amministrattivi u tekniċi neċessarji għall-iżgurar tal-ispezzjoni, tal-monitoraġġ, tas-sorveljanza u l-infurzar tal-attivitajiet li jitwettqu fl-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet u l-uffiċjali kompetenti tagħhom il-mezzi xierqa kollha biex ikunu jistgħu jagħmlu xogħolhom.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-kontroll, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ, is-sorveljanza u l-infurzar isiru fuq bażi indiskriminatorja f'daq li għandu x'jaqsam mas-setturi, il-bastimenti jew il-persuni magħżula għall-ispezzjoni, u fuq il-bażi tal-ġestjoni tar-riskju.

5. F'kull Stat Membru, awtorità waħda għandha tikkoordina l-attivitajiet tal-kontroll tal-awtoritajiet tal-kontroll nazzjonali. Din għandha tkun responsabbli wkoll għall-koordinazzjoni tal-ġabra u l-verifikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-

sajd u għar-rappurtar lill-Kummissjoni, u l-kooperazzjoni magħha, mal-Istati Membri l-oħra u pajjiżi terzi.

6. Il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet mill-Fond Ewropew tas-Sajd f'konformità mar-Regolament tal-kunsill (KE) Nru 1198/2006 u tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 8(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 għandu jiddependi fuq ir-rispett mill-Istati Membri tal-obbligu tagħhom li jiżguraw il-konformità ma' u l-infurzar tar-regoli dwar il-konservazzjoni, il-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar skont il-Politika Komuni tas-Sajd fir-rigward ta', inkella li għandhom impatt fuq l-effikaċja tal-miżuri ffinanzjati, u li joperaw u jżommu reġim effikaċi ta' spezzjoni, monitoraġġ, sorveljanza u infurzar għal dan l-għan.

7. F'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ikunu sodisfatti fil-ġestjoni u l-kontroll tal-assistenza finanzjarja mill-Komunità.

TITOLU III
KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET U R-RIŻORSI

Artikolu 6
Liċenzja tas-sajd

1. Bastiment tas-sajd tal-Komunità jista' jintuża għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin biss jekk għandu liċenzja valida tas-sajd.

2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu joħroġ u jiġġestixxi l-liċenzji tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità. Dan għandu jiżgura li l-informazzjoni li jkun hemm fil-liċenzja tas-sajd tkun korretta u konsistenti ma' dik li hemm fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jissospendi temporanjament il-liċenzja ta' sajd ta' bastiment li jkun suġġett għall-immobilizzazzjoni temporanja deċiża minn dak l-Istat Membru u li kellu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu sospiża skont l-Artikolu 45 (1(d) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

4. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira permanentament il-liċenzja tas-sajd ta' bastiment li huwa suġġett għal miżura ta' aġġustament tal-kapaċità msemmija fl-Artikolu 11 (3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jew li kellhu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu rtirata skont l-Artikolu 45 (1) (d) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008

Artikolu 7
Awtorizzazzjoni tas-sajd

1. Bastiment tas-sajd tal-Komunità li jopera fl-ilmijiet tal-Komunità għandu jiġi awtorizzat biss biex imexxi attivitajiet tas-sajd jekk għandu awtorizzazzjoni tas-sajd valida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu. Bastiment tas-sajd tal-Komunità li jopera fl-ilmijiet tal-Komunità għandu jiġi awtorizzazzjoni li jmexxi attivitajiet tas-sajd speċifiċi biss jekk dawn ikunu indikati fl-awtorizzazzjoni tas-sajd valida tiegħu meta s-sajd jew iż-żoni tas-sajd ikunu suġġetti għal:

   a) reġim tal-isforz tas-sajd;

   b) pjan multiannwali;

   c) żona protetta tal-baħar;

   d) skema ta' tnaqqis progressiv tar-rimi lura fil-baħar;

   e) sajd sperimentali;

   f) attivitajiet tas-sajd bl-użu ta' rkaptu tal-qiegħ fiż-żoni li mhumiex ir-responsabbiltà tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd;

   g) każijiet oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità.

2. Meta Stat Membru jkollu skema nazzjonali speċifika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd, għandu jibgħat lill-Kummissjoni fuq it-talba tagħha sommarju tal-informazzjoni li hemm fl-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni u l-figuri ġenerali relatati fuq l-isforz tas-sajd.

3. Meta l-Istat Membru tal-bandiera jkun adotta dispożizzjonijiet nazzjonali fil-forma ta' skema nazzjonali għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għall-allokazzjoni lil bastimenti individwali tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalih, dan għandu jibgħat lill-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha, l-informazzjoni dwar il-bastimenti awtorizzati biex imexxu attività tas-sajd f'żona partikolari tas-sajd.

4. L-awtorizzazzjoni tas-sajd ma tistax toħroġ jekk il-bastiment konċernat m'għandux liċenzja tas-sajd miksuba skont l-Artikolu 6 jew jekk il-liċenzja tas-sajd tiegħu ġiet sospiża jew irtirata. L-awtorizzazzjoni tas-sajd ssir nulla awtomatikament jekk il-liċenzja tas-sajd li tikkorrispondi mal-bastiment ġiet irtirata permanentament. Din għandha tiġi sospiża jekk il-liċenzja tas-sajd ġiet sospiża temporanjament.

5. Il-format u l-proċedura għall-ħruġ tal-liċenzji tas-sajd u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 8
Immarkar tal-irkaptu tas-sajd

1. Il-kaptan ta' bastiment għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet relatati mal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti u l-irkaptu tagħhom.

2. Ir-regoli dettaljati dwar l-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti u l-irkaptu tagħhom għandhom jiġu determinati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 9
Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti

1. L-Istati Membri għandhom joperaw Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti bbażata fuq is-satellita għall-monitoraġġ effikaċi tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd li qed itajru l-bandiera tagħhom irrispettivament ta' fejn qegħdin u tal-attivitajiet tas-sajd imwettqa fl-ilmijiet tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-korrettezza ta' din id-dejta u għandhom jaġixxu minnufih kull meta d-dejta tinstab li mhijiex korretta.

2. Bastiment tas-sajd li jaqbeż l-10 metri fit-tul għandu jkollu installat abbord tagħmir li jaħdem tajjeb li jippermetti li l-pożizzjoni u l-identità ta' dak il-bastiment jinstabu awtomatikament permezz tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti bit-trażmissjoni tad-dejta dwar il-pożizzjoni f'intervalli regolari. Għandu jippermetti wkoll liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat Membru tal-bandiera biex jieħu d-dettalji tal-bastiment tas-sajd. Dan il-paragrafu għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012 għall-bastimenti li huma aktar minn 10 metri sa mhux aktar minn 15-il metru fit-tul.

3. Meta bastiment tas-sajd ikun fl-ilmijiet ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jagħmel disponibbli d-dejta mis-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti dwar dak il-bastiment permezz tat-trażmissjoni awtomatika liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istati Membri kostali. Is-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti għandha tkun disponibbli wkoll fuq it-talba tal-Istat Membru li l-portijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd għall-ħatt l-art tal-qabdiet tiegħu jew li l-ilmijiet tiegħu probabbli se jintużaw mill-bastiment tas-sajd biex ikompli l-attivitajiet tas-sajd tiegħu.

4. Jekk bastiment tas-sajd tal-Komunità jopera fl-ilmijiet ta' pajjiż terz jew f'żoni tal-baħar miftuħ fejn ir-riżorsi tas-sajd huma ġestiti minn organizzazzjoni internazzjonali u jekk il-ftehim ma' dak il-pajjiż terz jew ir-regoli applikabbli ta' dik l-organizzazzjoni internazzjonali jipprovdu hekk, dik id-dejta wkoll għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni ta' dak il-pajjiż jew organizzazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti aħħarin, id-dejta dettaljata u aggregata kif msemmi fl-Artikolu 2 (i) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008[33], sabiex isostnu l-analiżi xjentifika taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament.

6. Il-bastimenti tal-Komunità li huma sa 15-il metru fit-tul jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastiment jekk:

   a) joperaw esklussivament fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru tal-bandiera jew

   b) qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq sar-ritorn fil-port.

7. Bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-ilmijiet tal-Komunità għandhom ikollhom installat abbord tagħmir li jaħdem tajjeb li jippermetti l-lokalizzazzjoni u l-identifikazzjoni ta' dak il-bastiment mis-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti

[33] ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1.

permezz tat-trażmissjoni tad-dejta dwar il-pożizzjoni f'intervalli regolari li ssir bl-istess mod bħall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità.

8. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u joperaw Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd, li għandhom jimmonitorjaw l-attivitajiet tas-sajd u l-isforz tas-sajd. Iċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd ta' Stat Membru partikolari għandhom jimmonitorjaw il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu, irrispettivament mill-ilmijiet li qed joperaw fihom jew il-port li qegħdin fih, kif ukoll bastiment tas-sajd tal-Komunità li jtajru bandiera ta' Stati Membri oħra u bastiment tas-sajd ta' pajjiżi terzi li tapplika għalihom Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti u li qed joperaw fl-ilmijiet ta' dak l-Istat Membru partikolari.

9. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għaċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd u għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li ċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd tiegħu jkollhom ir-riżorsi xierqa f'dak li għandu x'jaqsam mal-istaff u li jkun mgħammar bil-ħardwer u s-softwer tal-kompjuter li jippermettu l-ipproċessar awtomatiku tad-dejta u t-trażmissjoni tad-dejta elettronika. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal proċeduri ta' back-up u rkupru fil-każ ta' falliment tas-sistema. L-Istati Membri jistgħu joperaw Ċentri konġunti ta' Monitoraġġ tas-Sajd.

10. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 10
Sistema Awtomatika ta' Identifikazzjoni

1. Bastiment tas-sajd li jaqbeż l-15-il metru fit-tul għandu jkun mgħammar bi u jżomm operattiva Sistema Awtomatika ta' Identifikazzjoni li tissodisfa l-istandards ta' rendiment ppreparati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali skont il-Kapitolu V, Regolament 19, sezzjoni 2.4.5 tal-Konvenzjoni ta' SOLAS tal-1974 fil-verżjoni aġġornata tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dejta tas-Sistema Awtomatika ta' Identifikazzjoni għall-kontroverifiki ma' dejta oħra disponibbli skont l-Artikoli 102 u 103. Għal dak l-iskop l-Istati Membri għandu jiżgura li d-dejta mis-Sistema Awtomatika ta' Identifikazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom tkun disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll tas-sajd tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-monitoraġġ regolari tal-akkuratezza ta' din id-dejta u għandhom jaġixxu minnufih kull meta d-dejta tinstab li mhijiex akkurata.

Artikolu 11
Sistema ta' Rilevament tal-Bastimenti

1. L-Istati Membri għandhom jużaw Sistema ta' Rilevament tal-Bastimenti li tippermettihom jqabblu l-pożizzjonijiet derivati mill-immaġni tat-telerilevament li jintbagħtu lid-dinja mis-satellita jew sistemi oħra ekwivalenti mad-dejta li jirċievu mis-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti jew is-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika, sabiex jivvalutaw il-preżenza tal-bastimenti tas-sajd fiż-żona. L-Istati

Membri għandhom jiżguraw li ċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom ikollhom il-kapaċità teknika li jużaw Sistema ta' Rilevament tal-Bastimenti.

2. Il-Kummissjoni tista' teħtieġ li Stat Membru juża Sistema ta' Rilevament tal-Bastimenti għal sajd partikolari u f'ħin partikolari.

Artikolu 12
Trażmissjoni tad-dejta għall-operazzjonijiet tas-sorveljanza

Id-dejta mis-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti, is-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomatika u s-Sistema ta' Rilevament tal-Bastimenti miġbura fil-kuntest ta' dan ir-Regolament tista' tiġi trasmessa lill-aġenziji tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet oħra pubbliċi tal-Istati Membri involuti fl-operazzjonijiet tas-sorveljanza għall-iskop tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-infurzar ġenerali tal-liġi.

Artikolu 13
Teknoloġiji ġodda

1. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi fuq il-bażi tal-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-obbligazzjoni li jintuża tagħmir elettroniku tal-monitoraġġ, u għodda tat-traċċabilità, bħall-analiżi ġenetika. Sabiex jivvalutaw it-teknoloġija li trid tintuża, l-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni, jew il-korp dażinjat minnha, għandhom jmexxu proġetti pilota dwar l-għodda tat-traċċabilità, bħall-analiżi ġenetika qabel l-1 ta' Ġunju 2013.

2. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq il-bażi tal-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-introduzzjoni ta' teknoloġiji tal-kontroll tas-sajd ġodda oħra meta dawn it-teknoloġiji jwasslu għal titjib fil-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd b'mod effiċjenti mil-lat ta' nfiq.

TITOLU IV
MONITORAĠĠ TAS-SAJD

Kapitolu I
Monitoraġġ tal-Użu tal-Opportunitajiet tas-Sajd

SEZZJONI 1
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 14
Il-ġurnal ta' abbord

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli speċifiċi, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-10 metri fit-tul għandhom iżommu ġurnal ta' abbord tal-operazzjonijiet tagħhom, li jindika speċifikament il-kwantitajiet kollha li huma akbar

minn 15-il kg ta' ekwivalenti ta' piż ħaj ta' kull speċi li jaqbdu u jżommu abbord, id-data u ż-żona ġeografika rilevanti, espressa permezz ta' referenza għas-subżona u d-diviżjoni jew subdiviżjoni, jew fejn applikabbli rettangolu statistiku li fih japplikaw il-limiti fuq il-qabdiet skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità, ta' dawn il-qabdiet u t-tip ta' rkaptu użat. Għandhom jiġu rreġistrati wkoll fil-ġurnal ta' abbord il-kwantitajiet ta' kull speċi li jintremew fil-baħar. L-akkuratezza tad-dejta rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan.

2. Fis-sajd suġġett għal reġim tal-isforz tas-sajd il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità, għaż-żmien li jqattgħu f'żona, għandhom jirreġistraw u jżommu akkont fil-ġurnal ta' abbord tagħhom dan li ġej:

   a) F'daq li għandu x'jaqsam mal-irkaptu rmunkat:

      i) dħul ġewwa, u ħruġ mill-port;

      ii) kull dħul ġewwa, u ħruġ minn żoni marittimi li għalihom japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi.

      iii) il-qabda li tinżamm abbord skont l-ispeċi f'kilogrammi ta' piż ħaj fil-ħin tal-ħruġ minn dik iż-żona jew id-dħul f'port li jinsab f'dik iż-żona.

   b) F'dak li għandu x'jaqsam mal-irkaptu statiku:

      i) dħul ġewwa, u ħruġ mill-port;

      ii) kull dħul ġewwa, u ħruġ minn żoni marittimi li għalihom japplikaw regoli speċifiċi dwar l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi.

      iii) id-data u l-ħin tal-kalar jew il-kalar mill-ġdid tal-irkaptu statiku f'dawn iż-żoni;

      iv) id-data u l-ħin tat-tmiem ta' operazzjonijiet ta' sajd bl-użu tal-apparat statiku;

      v) il-qabda li tinżamm abbord skont l-ispeċi f'kilogrammi ta' piż ħaj fil-ħin tal-ħruġ minn dik iż-żona jew id-dħul f'port li jinsab f'dik iż-żona.

3. Il-marġini ta' toleranza permess fl-istimi rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tal-kwantitajiet f'kilogrammi ta' ħut miżmum abbord għandu jkun ta' 5 %.

4. Biex jikkonvertu l-piż tal-ħut maħżun jew ipproċessat f'piż ta' ħut ħaj il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom japplikaw il-fattur tal-konverżjoni stabbilit skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiż terz li jinsabu fl-ilmijiet tal-Komunità għandhom jirreġistraw l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu bl-istess mod bħall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità.

6. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 15
Reġistrazzjoni u trażmissjoni elettronika tad-dejta tal-ġurnal ta' abbord

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità li jaqbeż l-10 metri fit-tul għandu jirreġistra permezz ta' mezzi elettroniċi l-informazzjoni tas-sajd fil-ġurnal ta' abbord u għandu jibagħtu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-anqas darba kuljum.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-15-il metru fit-tul imma ta' mhux aktar minn 24 metru tul totali mill-1 ta' Jannar 2011, u għal bastimenti tas-Sajd Komunitarji li jaqbżu l-10 metri tul imma mhux aktar minn 15-il metru tutl totali mill-1 ta' Jannar 2012. Il-bastimenti tal-Komunità li huma sa 15-il metru fit-tul jistgħu jiġu eżentati mill-paragrafu 1 jekk dawn:

   a) joperaw esklussivament fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru tal-bandiera, jew

   b) qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq sar-ritorn fil-port.

Artikolu 16
Bastimenti eżentati mir-rekwiżiti tal-ġurnal ta' abbord

1. Kull Stat Membru għandu jimmonitorja, fuq il-bażi tat-teħid ta' kampjuni, l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd li huma eżentati mir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 14 sabiex jiżgura l-konformità ta' dawn il-bastimenti mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi pjan ta' teħid ta' kampjuni bbażat fuq il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111 u jittrażmettiha lill-Kummissjoni kull sena qabel il-31 ta' Jannar u jindika l-metodi użati għall-istabbilimenti ta' dan il-pjan. Il-pjanijiet tat-teħid ta' kampjuni għandhom ikunu, safejn possibbli, stabbli maż-żmien u standardizzati fir-reġjunijiet.

Artikolu 17
Notifika minn qabel

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-pjanijiet multiannwali, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompenti tal-Istat Membru li l-port jew il-faċilitajiet tal-ħatt l-art tiegħu jixtiequ jużaw, tal-anqas 4 sigħat qabel il-ħin previst tal-wasla fil-port, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw permess għal dħul aktar bikri, dwar l-informazzjoni li ġejja:

   a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

   b) l-isem tal-port ta' destinazzjoni dežinjat u l-iskopijiet taż-żjara, bħall-ħatt l-art, it-trażbord, l-aċċess għas-servizzi;

c) l-awtorizzazzjoni tas-sajd jew, fejn xieraq, l-awtorizzazzjoni biex jingħata appoġġ għall-operazzjonijiet tas-sajd jew għat-trażbord ta' prodotti tas-sajd;

d) id-dati tal-vjaġġ tas-sajd u ż-żoni fejn ittieħdu l-qabdiet;

e) id-data u l-ħin previsti tal-wasla fil-port;

f) il-kwantitajiet ta' kull speċi miżmuma abbord, inkluż sajdiet li fihom ma jinqabad xejn;

g) il-kwantitajiet ta' kull speċi li se jħottu l-art jew jittrażbordaw.

2. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità, jew ir-rappreżentant tiegħu, li jirreġistra l-informazzjoni tal-ġurnal ta' abbord b'mezzi elettroniċi skont l-Artikolu 15 għandu jittrażmetti n-notifika minn qabel msemmija fil-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. L-informazzjoni tal-ġurnal ta' abbord msemmija fl-Artikolu 14 u n-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jintbagħtu fi trażmissjoni waħda jekk din it-trażmissjoni jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa dwar kull wieħed minnhom.

3. Meta bastiment tas-sajd tal-Komunità għandu l-ħsieb li jidħol ġewwa port ta' Stat Membru differenti mill-Istat Membru tal-bandiera u jkun ittrażmetta n-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċevuha għandhom jibgħatu n-notifika mill-qabel imsemmija fil-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali.

4. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 111, tista' teżenta ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għal perjodu limitat, li jista' jiġġedded, jew tipprovdi għal perjodu ta' notifika ieħor wara li tikkunsidra, fost affarijiet oħrajn, it-tip ta' prodotti tas-sajd, id-distanza bejn iż-żoni tas-sajd, il-postijiet tal-ħatt l-art u l-portijiet fejn huma reġistrati l-bastimenti konċernati.

Artikolu 18
Trażbord

It-trażbordijiet fuq il-baħar għandhom ikunu projbiti fl-ilmijiet tal-Komunità. Dawn għandhom ikunu permessi biss suġġetti għal awtorizzazzjoni f'portijiet ta' Stati Membri dežinjati għal dan l-iskop, u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 19
Dikjarazzjoni tat-trażbord

1. Il-kaptani, jew ir-rappreżentanti tagħhom, kemm tat-trażbord kif ukoll tal-bastiment li qed jirċievi l-qabdiet għandhom jissottomettu dikjarazzjoni tat-trażbord, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 24 siegħa wara t-trażbord,

(a) lill-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, u

(b) jekk it-trażbord sar f'port ta' Stat Membru ieħor, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port konċernat.

2. Id-dikjarazzjoni tat-trażbord trid tiġi sottomessa permezz ta' mezzi elettroniċi. Jekk is-sottomissjoni ssir permezz ta' mezzi elettroniċi, id-dikjarazzjoni tat-trażbord trid tiġi sottomessa biss lill-Istat Membru tal-bandiera anki jekk it-trażbord għandu jsir f'port ta' Stat Membru ieħor. L-Istat Membru tal-bandiera malli jirċievi d-dikjarazzjonijiet tat-trażbord għandu jibgħathom lill-Istat Membru tal-port konċernat.

3. Id-dikjarazzjoni tat-trażbord għandha tindika l-kwantità tal-prodotti tas-sajd għal kull speċi li ġiet trażbordata, id-data u l-post ta' kull qabda, l-ismijiet tal-bastimenti involuti u l-portijiet tat-trażbord u tad-destinazzjoni. Il-kaptani taż-żewġ bastimenti għandhom jinżammu responsabbli għall-akkuratezza tat-tali dikjarazzjonijiet.

4. Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111, tista' teżenta ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd mill-obbligazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għal perjodu limitat u li jista' jiġġedded, jew tipprovdi perjodu ta' notifika ieħor wara li tikkunsidra, fost affarijiet oħrajn, it-tip ta' prodotti tas-sajd u d-distanza bejn iż-żoni tas-sajd, il-postijiet tal-ħatt l-art u l-portijiet fejn il-bastimenti konċernati huma reġistrati.

5. Il-proċeduri u l-formuli tat-trażbord għandhom jiġu determinati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 20
Awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art u t-trażbord

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jingħataw awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art jew it-trażbord biss jekk l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 17 hija kompleta.

2. Il-ħatt l-art ma jistax jibda sakemm ma jiġix awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru konċernat.

3. L-awtorizzazzjoni biex jibdew l-operazzjonjiet tal-ħatt l-art jew it-trażbord fil-port għandha tkun suġġetta għall-kontroll tal-kompletezza tal-informazzjoni sottomessa kif preskritt fil-paragrafu 1 u, fejn xieraq, għat-tlestija ta' spezzjoni.

4. Meta jagħtu l-awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jassenjaw numru uniku tal-ħatt l-art (ULN) għall-ħatt l-art u jinformaw lill-kaptan tal-bastiment dwar dan. Jekk il-ħatt l-art jiġi interrot, għandu jkun meħtieġ permess biex il-ħatt jerġa jibda.

Artikolu 21
Dikjarazzjoni tal-ħatt l-art

1. Il-kaptan għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art li għandha tindika, bħala minimu, il-kwantitajiet li jinħattu minn kull speċi, kif stipulati fl-Artikolu 14, flimkien maż-żona fejn inqabdu u d-data tal-qbid.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li hemm fil-pjanijiet multiannwali, il-kaptan jew ir-rappreżentant ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità li jaqbeż 10 metri fit-tul għandu jittrażmetti b'mezzi elettroniċi d-dejta tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera fi żmien sagħtejn wara li jiġi kompletat il-ħatt l-art.

3. Meta bastiment tas-sajd tal-Komunità jħott l-art il-qabdiet tiegħu fi Stat Membru li huwa differenti mill-Istat Membru tal-bandiera, l-awtorijiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli jirċiervu d-dejta tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandhom jibgħatuha b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn inħattet il-qabda.

4. Il-paragrafu 2 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jeċċedu l-15-il metru fit-tul imma ta' mhux aktar minn 24 metru tul totali mill-1 ta' Jannar 2011, u għal bastimenti tas-Sajd Komunitarji li jaqbżu l-10 metri tul imma mhux aktar minn 15-il metru tutl totali mill-1 ta' Jannar 2012. Il-bastimenti tal-Komunità li ma jaqbżux il-15-il metru fit-tul jistgħu jiġu eżentati mill-applikazzjoni tal-paragrafu 2 jekk:

   a) joperaw esklussivament fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru tal-bandiera, jew

   b) qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq sar-ritorn fil-port.

5. Għall-bastiment li huma eżentati mir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 2, il-kaptan, jew ir-rappreżentant tiegħu, malli jħott il-qabdiet l-art, għandu jirreġistra u jissottometti kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn 24 siegħa wara lħatt l-art, dikjarazzjoni tal-ħatt l-art lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun sar il-ħatt l-art.

6. Il-proċeduri u l-formuli tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandhom jiġu determinati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 22
Bastimenti eżentati mir-rekwiżiti tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art

1. Kull Stat Membru għandu jissorvelja, fuq il-bażi tat-teħid ta' kampjuni, l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd li huma eżentati mir-rekwiżiti tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art speċifikati fl-Artikolu 21(1) u (2) sabiex jiżguraw il-konformità ta' dawn il-bastimenti mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi pjan ta' teħid ta' kampjuni bbażat fuq il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111, u jittrażmettih lill-Kummissjoni kull sena qabel il-31 ta' Jannar flimkien ma' indikazzjoni tal-metodi użati għall-istabbiliment ta' dan il-pjan. Il-pjanijiet tat-teħid ta' kampjuni għandhom ikunu, safejn possibbli, stabbli maż-żmien u standardizzati fir-reġjunijiet.

SEZZJONI 2
REĠISTRAZZJONI U SKAMBJU TAD-DEJTA MILL-ISTATI MEMBRI

Artikolu 23
Reġistrazzjoni tal-qabdiet u l-isforz tas-sajd

1. Kull Stat Membru għandu jirreġistra d-dejta rilevanti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd msemmija f'dan il-Kapitolu, espressi kemm f'termini ta' qabdiet kif ukoll tal-isforz tas-sajd, u għandu jżomm il-kopja oriġinali tad-dejta għal perjodu ta' tliet snin jew aktar skont ir-regoli nazzjonali.

2. Qabel il-15 ta' kull xahar, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni jew lill-korp dežinjat minnha, permezz ta' trażmissjoni bil-kompjuter, tad-dejta aġġornata kollha msemmija fil-paragrafu 1 irreġistrata matul ix-xahar ta' qabel.

3. Il-qabdiet kollha ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet suġġetti għal kwota li jsiru mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jiġu jinqatgħu mill-kwota applikabbli għall-Istat Membru tal-bandiera għall-istokk jew grupp ta' stokkijiet konċernati, irrispettivament mill-post tal-ħatt l-art.

Artikolu 24
Skambju tad-dejta

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, l-Istati Membri tal-ħatt l-art għandhom jipprovdu, fuq it-talba ta' Stat Membru ieħor, permezz ta' mezzi eletroniċi, id-dejta dwar il-ħatt l-art, il-bejgħ, it-trażbordijiet jew it-trasport ta' prodotti tas-sajd li jsiru fil-portijiet tagħhom jew fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom mill-bastimenti tas-sajd li qed itajru l-bandiera tal-Istat Membru li qed jitlobha.

2. Din l-informazzjoni għandha tikkonsisti tal-anqas mill-isem u l-marka esterna ta' identifikazzjoni tal-bastiment konċernat, il-kwantitajiet tal-ħut għal kull stokk jew grupp ta' stokkijiet li jinħattu, jinbigħu jew jiġu trażbordati minn dak il-bastiment kif ukoll id-data u l-post tal-ħatt l-art, il-bejgħ, it-trażbord jew it-trasport. Din l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa fi żmien erbat ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba tal-Istat Membru sakemm ma hemmx ftehim ieħor bejn l-Istati Membri konċernati.

3. L-Istat Membru fejn sar il-ħatt l-art, il-bejgħ, it-trażbord jew it-trasport għandu jittrażmetti lil-Kummissjoni, fuq it-talba tagħha, permezz ta' mezzi elettroniċi, din l-informazzjoni fl-istess ħin li tiġi komunikata mill-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment.

Artikolu 25
Dejta fuq l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd

1. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, meta jistabbilixxi li:

a) il-qabdiet ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet suġġetti għal kwota li jkunu saru mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu eżawrew 80 % minn dik il-kwota, jew

b) jitqies li jkun intlaħaq 80% tal-livell massimu tal-isforz tas-sajd għal żona tas-sajd u applikabbli għal parti jew il-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bandiera tiegħu.

2. F'dan il-każ, għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, fuq it-talba tal-Kummissjoni, b'informazzjoni aktar dettaljata u aktar frekwenti minn dik prevista fl-Artikolu 23.

SEZZJONI 3
GĦELUQ TAS-SAJD

Artikolu 26
Għeluq tas-sajd mill-Istati Membri

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi d-data li minnha:

a) il-qabdiet ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet suġġetti għal kwota li jsiru mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu eżawrew dik il-kwota;

b) ikun intlaħaq il-livell massimu tal-isforz tas-sajd għal żona tas-sajd u li jkun applikabbli għal xi whud mill-bastimenti jew il-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bandiera tiegħu.

2. Mid-data msemmija fil-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprojbixxi s-sajd għal dak l-istokk jew grupp ta' stokkijiet mill-bastimenti li qed itajru l-bandiera tiegħu kif ukoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art tal-ħut wara dik id-data u għandu jiddeċiedi dwar data sa meta t-trażbordijiet u l-ħatt l-art jew id-dikjarazzjonijiet finali tal-qabdiet huma permessi.

3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir pubblika mill-Istat Membru konċernat u għandha tiġi kkomunikata immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Għandha tiġi ppublikata immedjatament fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje Ċ). Mid-data li d-deċiżjoni ssir pubblika mill-Istat Membru konċernat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jsir l-ebda żamma abbord, ħatt l-art, tqegħid f'gaġeġ jew trażbord tal-ħut rilevanti mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru konċernat fl-ilmijiet tagħhom u fuq it-territorju tagħhom.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm in-notifiki li tirċievi skont dan l-Artikolu disponibbli għall-Istati Membri permezz ta' mezzi elettroniċi.

Artikolu 27
L-għeluq tas-sajd mill-Kummissjoni

1. Fejn il-Kummissjoni tiskopri li Stat Membru ma kkonformax mal-obbligazzjoni li jinnotifika d-dejta ta' kull xahar dwar l-opportunitajiet tas-sajd kif stipulat fl-Artikolu 23(2), tista' tistabbilixxi data li fiha 80% tal-opportunitajiet tas-sajd ta' dak

l-Istat Membru għandhom jitqiesu bħala eżawriti u tista' tistabbilixxi d-data prevista li fiha l-opportunitajiet għandhom jitqiesu bħala eżawriti.

2. Fuq il-bażi tal-informazzjoni taħt l-Artikolu 26 jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, fejn il-Kummissjoni ssib li l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Komunità jew għall-Istat Membru jitqiesu li huma eżawriti, għandha tinforma lill-Istati Membri konċernati dwar dan u għandha tipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għaż-żona, l-irkaptu, l-istokk, il-grupp ta' stokkjiiet jew il-flotta involuti f'dawk l-attivitajiet tas-sajd speċifiċi.

Artikolu 28
Miżuri korrettivi

1. Meta l-Kummissjoni tkun waqqfet is-sajd minħabba l-eżawriment allegat tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri, jew għall-Komunità u jsir magħruf li Stat Membru ma kienx eżawrixxa l-opportunitajiet tas-sajd, għandhom japplikaw il-paragrafi li ġejjin.

2. Jekk il-preġudizzju li jsofri Stat Membru li ġie pprojbit milli jistad qabel ma ġew eżawriti l-opportunitajiet tas-sajd tiegħu ma jkunx tneħħa għandhom jiġu adottati miżuri bl-għan li jiġi rimedjat b'mod xieraq il-preġudizzju kkawżat, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111. Dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu tnaqqis mill-opportunitajiet tas-sajd ta' kwalunkwe Stat Membru li kien involut f'sajd żejjed, u l-kwantitajiet imnaqqsa b'dan il-mod jiġu allokati b'mod xieraq lill-Istati Membri li l-attivitajiet tas-sajd tagħhom twaqqfu qabel l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom ġew eżawriti.

3. Dawn it-tnaqqisiet u l-allokazzjonjiet konsegwenti għandhom isiru wara li jiġu kkunsidrati bħala prijorità l-ispeċijiet u ż-żoni li għalihom ġew iffissati l-opportunitajiet tas-sajd. Dawn jistgħu jsiru matul is-sena li fiha seħħ il-preġudizzju jew fis-sena jew is-snin ta' wara.

4. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari għad-determinazzjoni tal-kwantitajiet konċernati, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Kapitolu II
Monitoraġġ tal-Ġestjoni tal-Flotot

SEZZJONI 1
KAPAĊITÀ TAS-SAJD

Artikolu 29
Kapaċità tas-sajd

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jagħmlu l-kontrolli neċessarji sabiex jiżguraw li l-kapaċità totali li tikkorrispondi mal-liċenzji tas-sajd maħruġa

mill-Istat Membru, f'TG u f'kW, fl-ebda mument ma tkun ogħla mil-livelli massimi ta' kapaċità għal dak l-Istat Membru stabbiliti, f'konformità ma':

a) l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, u

b) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004, tat-30 ta' Marzu 2004[34], u

c) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1438/2003 tat-12 ta' Awissu 2003[35], u

d) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2104/2004 tad-9 ta' Diċembru 2004[36].

2. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111, u b'mod partikolari dwar

a) ir-reġistrazzjoni tal-bastimenti tas-sajd;

b) il-verifikazzjoni tal-qawwa tal-bastimenti tas-sajd;

c) il-verifikazzjoni tat-tunnellaġġ tal-bastimenti tas-sajd;

d) il-verifikazzjoni tat-tip, in-numru u l-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 110, dwar il-metodi tal-verifiki użati, flimkien mal-ismijiet u l-indirizzi tal-korpi responsabbli biex jagħmlu l-verifika msemmija fil-paragrafu 2.

SEZZJONI 2: QAWWA TAL-MAGNA

Artikolu 30
Monitoraġġ tal-qawwa tal-magna

1. Is-sajd għandu jkun permess biss għal bastimenti tas-sajd mgħammra b'magni li l-qawwa tagħhom ma taqbiżx dik dikjarata fiċ-ċertifikat tal-magna.

2. Għandu jkun projbit li tiġi manipulata l-magna bl-għan li tiżdied il-qawwa tagħha 'l fuq mill-qawwa massima skont iċ-ċertifikat tal-magna.

3. Għandu jkun projbit l-użu ta' magni ġodda jew sostitwiti li ma ġewx approvati uffiċjalment mill-Istat Membru konċernat.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qawwa ċertifikata tal-magna ma tinqabiżx. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bħala parti mir-rapport msemmi fl-Artikolu 110 dwar il-miżuri tal-kontroll li ħadu sabiex jiżguraw li l-kapaċità tal-magna ma tinqabiżx.

---

34 ĠU L 102, 7.4.2004, p. 9.
35 ĠU L 204, 13.8.2003, p. 21.
36 ĠU L 365, 10.12.2004, p. 19.

Artikolu 31
Ċertifikat tal-qawwa tal-magna

1. Magni ġodda, magni tas-sostituzzjoni u magni li ġew modifikati teknikament għandhom jiġu approvati uffiċjalment mill-awtoritajiet tal-Istati Membri bħala magni li ma humiex kapaċi jipproduċu aktar qawwa minn dik dikjarata fiċ-ċertifikat tal-magna. Approvazzjonijiet bħal dawn għandhom jinħarġu biss jekk il-magna ma tkunx kapaċi tipproduċi aktar mil-qawwa dikjarata.

2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jassenjaw iċ-ċertifikazzjoni tal-qawwa tal-magna lis-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni, lill-manifatturi tal-magni jew lil operaturi oħra li għandhom għarfien espert professjonali neċessarju għall-eżaminazzjoni teknika tal-qawwa tal-magna. Dawk is-soċjetajiet tal-klassifikazzjoni, il-manifatturi jew l-operaturi oħra għandhom jiċċertifikaw biss magni li mhumiex kapaċi jeċċedu l-qawwa dikjarata uffiċċjalment jekk ma hemm l-ebda possibbiltà li tiżdied il-prestazzjoni tal-magna 'l fuq mill-qawwa ċertifikata.

Artikolu 32
Kontroverifiki tal-qawwa tal-magna

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kontroverifiki tad-dejta biex jaċċertaw irwieħhom mill-konsistenza tal-qawwa tal-magna mal-informazzjoni kollha disponibbli għall-amministrazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi tekniċi tal-bastimenti. B'mod partikolari għandhom jivverifikaw l-informazzjoni li hemm

   a) fir-reġistri tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti;

   b) fil-ġurnal ta' abbord;

   c) fiċ-ċertifikat Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Atmosfera mill-Magni (EIAPP) maħruġ għall-magna skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VI għall-Konvenzjoni tal-MARPOL 73/78;

   d) iċ-ċertifkati tal-klassi maħruġin minn organizzazzjoni rikonoxxuta tal-ispezzjoni u l-organizzazzjoni tal-perizji fuq il-bastimenti skont it-tifsira tad-Direttiva 94/57/KE;

   e) iċ-ċertifat tal-provi fuq il-baħar;

   f) ir-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Komunità u

   g) kwalunkwe dokumenti oħra li jipprovdu informazzjoni rilevanti fuq il-qawwa tal-bastimenti jew kwalunkwe karatteristiċi tekniċi relatati.

2. Meta jkun hemm indikazzjonijiet li l-qawwa tal-magna ta' bastiment tas-sajd tkun akbar mill-qawwa dikjarata fuq il-liċenzja tas-sajd tiegħu, l-Istati Membri għandhom jipproċedu għal verifika fiżika tal-qawwa tal-magna.

Kapitolu III
Monitoraġġ tal-Pjanijiet Multiannwali

Artikolu 33
Trażbordi fil-port

Il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità impenjati f'attivitajiet tas-sajd suġġetti għal pjan multiannwali m'għandhomx jittrasferixxu l-qabdiet tagħhom abbord kwalunkwe bastiment jew vettura oħra mingħajr ma l-ewwel iħottu l-art il-qabdiet tagħhom sabiex jintiżnu minn ċentru tal-irkant jew kwalunkwe korp ieħor awtorizzat mill-Istati Membri.

Artikolu 34
Portijiet dežinjati

1. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi, meta jkun qed jadotta pjan multiannwali, dwar ammont minimu ta' limitu applikabbli għall-piż ħaj ta' speċijiet soġġetti għal pjan multiannwali, li fil-każ li jinqabeż il-bastiment għandu jkun meħtieġ li jħott l-art il-qabdiet tiegħu f'port dežinjat.

2. Meta jkollu jinħatt l-art aktar mill-kwantità minima ta' ħut imsemmija fil-paragrafu 1, il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Komunità għandu jiżgura li t-tali ħatt l-art isir biss f'port dežinjat fil-Komunità. Meta l-pjan multiannwali jiġi applikati fil-kuntest ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, il-ħatt l-art jista' jsir f'port ta' parti kontraenti ta' dik l-organizzazzjoni.

3. Kull Stat Membru għandu jiddežinja portijiet li fihom għandhom iseħħu l-operazzjonijiet tal-ħatt l-art imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Sabiex port jiġi determinat bħala port dežinjat, il-kundizzjonijiet li ġejjin iridu jiġu sodisfatti:

   a) ħinijiet ristretti għall-ħatt l-art;

   b) postijiet ristretti għall-ħatt l-art;

   c) kopertura sħiħa tal-ispezzjoni matul il-ħinijiet tal-ħatt l-art u fil-postijiet tal-ħatt l-art kollha;

   d) il-kwanti medja tal-ħatt l-art skont il-piż tal-ispeċijiet soġġetta għal pjan multiannwali trid tirrapreżenta tal-anqas 5% tal-kwantitajiet totali li nħattu l-art f'dak il-port. Il-perjodu ta' referenza għall-kalkulazzjoni tat-tali medja għandu jkun tat-tliet snin immedjatament wara xulxin.

Artikolu 35
Stivar separat ta' speċijiet taħt pjan ta' irkupru

1. Għandha tkun projbita ż-żamma abbord fuq bastiment tas-sajd tal-Komunità fi kwalunkwe kaxxa ta' kwalunkwe kwantità ta' speċi suġġetta għal pjan multiannwali mħallta ma' kwalunkwe prodott tas-sajd ieħor.

2. Il-kaxex li fihom speċijiet suġġetti għal pjan multiannwali għandhom ikunu mmarkati b'mod xieraq b'tikketta li tindika l-kodiċi tal-FAO tal-ispeċi suġġetta għal pjan multiannwali u għandhom jiġu stivati fl-istiva b'mod li jinżammu separati mill-kaxex l-oħra.

Artikolu 36
Programmi ta' azzjoni nazzjonali għall-kontroll

1. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu programmi ta' azzjoni nazzjonali għall-kontroll għal kull pjan multiannwali.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punti speċifiċi ta' riferiment għall-ispezzjoni skont l-Anness I. Dawn il-punti ta' riferiment għandhom jiġu riveduti perjodikament wara li ssir analiżi tar-riżultati miksuba. *Il-punti ta' riferiment għall-ispezzjoni għandhom jevolvu progressivament sakemm jintlaħqu l-punti ta' riferiment ta' mira definiti fl-Anness I.*

Kapitolu IV
Monitoraġġ tal-Miżuri Tekniċi

SEZZJONI 1
UŻU TAL-IRKAPTU TAS-SAJD

Artikolu 37
Irkaptu tas-sajd

1. Kwalunkwe rkaptu tas-sajd użat fis-sajd għandu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd għal dan is-sajd.

2. Fis-sajd fejn huwa permess li jkun hemm aktar minn żewġ tipi ta' rkaptu abbord, l-irkaptu li ma jintużax irid jiġi stivat sabiex ma jkunx jista' jintuża faċilment skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   a) xbieki, piżijiet u rkaptu simili għandhom jinqalgħu minn minn mad-diriġenti u l-kalamenti;

   b) ix-xbieki li huma fuq jew 'l fuq mill-gverta għandhom ikunu marbutin tajjeb u

   c) l-konzijiet għandhom jiġu stivati taħt il-gverta.

Artikolu 38
Kompożizzjoni tal-qabda

1. Jekk il-qabdiet li nżammu abbord kwalunkwe bastiment tas-sajd tal-Komunità nqabdu bi xbieki ta' daqs tal-malji minimi differenti matul l-istess vjaġġ, il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet għandha tiġi kkalkulata għal kull parti tal-qabda li nqabdet taħt kundizzjonijiet differenti. Għal dan l-għan, il-bidliet kollha mid-daqs

tal-malja użat qabel kif ukoll il-kompożizzjoni tal-qabda abbord fil-mument ta' kwalunkwe bidla bħal din għandhom jiddaħlu fil-ġurnal ta' abbord u d-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art.

3. F'każijiet speċifiċi jistgħu jiġu adottati regoli dettaljati dwar iż-żamma abbord ta' pjan ta' stivar, għal kull speċi, ta' prodotti proċessati, li jindika fejn jinsabu fl-istiva, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

SEZZJONI 2
MONITORAĠĠ TA' ŻONI PROTETTI TAL-BAĦAR

Artikolu 39
Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

1. Meta Żona Protetta tal-Baħar tiġi definita, il-pożizzjoni li tillimita il-poligonu ġeografiku u l-linji rombu korrispondenti u l-pożizzjonijiet tal-bastiment għandhom jiġu mkejla skont l-istandard applikabbli.

2. L-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità f'żoni tas-sajd fejn ġiet definita Żona Protetta tal-Baħar għandhom jiġu mmonitorjati miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat kostali, li għandu jkollu sistema għar-rilevament u r-reġistrazzjoni tad-dħul, it-trażbord u l-ħruġ miż-Żona Protetta tal-Baħar.

3. Sistema tal-allarm għandha tkun disponibbli fiċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istati kostali li tista' tagħmel rilevament awtomatiku tal-bastimenti li jkunu deħlin fiż-Żona Protetta tal-Baħar. Is-sistema tal-allarm għandha tkun ukoll abbord il-bastiment sabiex twissi lill-kaptan tal-bastiment li wasal biex jidħol fiż-Żona Protetta tal-Baħar.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema tal-allarm għal meta l-bastiment jidħol fiż-żona tal-kontroll tas-sikurezza madwar iż-żoni li jridu jiġu protetti.

5. B'deroga mill-Artikolu 8 (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-dejta għandha tkun tal-anqas kull 15-il minuta meta bastiment jidħol fiż-żona tal-kontroll tas-sikurezza u għandha tkun trażmissjoni fil-ħin reali meta l-bastiment jidħol fiż-Żona Protetta tal-Baħar.

Artikolu 40
Tranżitu minn Żona Protetta tal-Baħar

1. It-tranżitu minn Żona Protetta tal-Baħar huwa permess għall-bastimenti tas-sajd kollha suġġett għal kundizzjonijiet li ġejjin:

   a) l-irkaptu kollu abbord għandu jkun marbut u stivat matul it-tranżitu; kif ukoll

   b) il-veloċità matul it-tranżitu tkun ta' mhux anqas minn 6 mili nawtiċi fis-siegħa.

2. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità maħsuba għat-tranżitu f'Żona Protetta tal-Baħar għandhom jikkomunikaw id-dejta li ġejja fil-forma ta' rapport tat-tranżitu, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera u lill-Istat Membru kostali:

a) l-isem tal-bastiment, il-marka esterna ta' identifikazzjoni, is-sinjal tar-radju u l-isem tal-kaptan tal-bastiment;

b) il-koordinati tal-pożizzjoni ġeografika tal-bastiment li tirreferi għaliha l-komunikazzjoni;

c) id-data u l-ħin ta' kull daħla fiż-Żona Protetta tal-Baħar, u

d) id-data u l-ħin ta' kull ħarġa miż-Żona Protetta tal-Baħar.

SEZZJONI 3
MONITORAĠĠ TAT-TNAQQIS TAR-RIMI LURA FIL-BAĦAR

Artikolu 41
Reġistrazzjoni tar-rimi lura fil-baħar

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jirreġistra r-rimi lura fil-baħar kollu 'l fuq minn 15 kg ta' ekwivalenti ta' piż ħaj fil-volum u għandu jikkomunika, fejn possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, din l-informazzjoni mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skema speċjali għall-monitoraġġ tal-bastimenti tas-sajd li qed itajru l-bandiera tagħhom li għandhom awtorizzazzjoni tas-sajd taħt skema ta' tnaqqis progressiv tar-rimi lura fil-baħar.

Artikolu 42
Verifiki tal-ġurnal ta' abbord

Għall-bastimenti mgħammra b'Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw sistematikament li l-informazzjoni li jirċievu fiċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tikkorrispondi mal-attivitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord billi jużaw id-dejta tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti u fejn disponibbli id-dejta minn osservaturi. Tali kontroverifiki għandhom jiġu rreġistrati f'format li jista' jinqara minn kompjuter u jinżammu għal perjodu ta' tliet snin.

SEZZJONI 4
GĦELUQ TAS-SAJD FIL-ĦIN REALI

Artikolu 43
Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Meta jintlaħaq livell ta' attivazzjoni ta' qabdiet inċidentali, iż-żona konċernata għandha tingħalaq temporanjament għas-sajd skont id-dispożizzjonijiet ta' din is-Sezzjoni. Għeluq fil-ħin reali bħal dan għandu jiġi stabbilit għal żmien fiss li ma jaqbiżx 10 ijiem.

2. Il-livell ta' attivazzjoni ta' qabdiet inċidentali għandu jiġi kkalkulat bħala l-perċentwal tal-piż ħaj ta' kull speċi tal-qabda totali f'refgħa, jew, meta l-għan tal-għeluq fil-ħin reali jkun il-protezzjoni tal-individwi ż-żgħar ta' ċerta speċi, il-perċentwal tan-numru ta' individwi żgħar ta' speċi definita paragunat man-numru totali tal-kampjun ta' dik l-ispeċi partikolari f'dik ir-refgħa.

Artikolu 44
Għeluq fil-ħin reali mill-Istati Membri

1. Meta l-livell ta' attivazzjoni ta' qabdiet inċidentali jiġi rilevat minn kwalunkwe bastimenti tal-protezzjoni tas-sajd ta' Stat Membru kostali jew li qed jipparteċipa f'operazzjoni konġunta taħt il-Pjan Konġunt ta' Mobilitazzjoni, il-bastiment ta' protezzjoni tas-sajd għandu informa mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali.

2. Meta l-kwantità tal-qabdiet inċidentali f'refgħa waħda taqbeż il-livell ta' attivazzjoni ta' qabdiet inċidentali, il-bastiment tas-sajd għandu jbiddel iż-żona tas-sajd b'tal-anqas ħames mili nawtiċi minn kwalunkwe pożizzjoni tar-refgħa preċendenti qabel ma jkompli jistad u għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kostali. Jekk tal-anqas tliet bastimenti tas-sajd kellhom jitilqu minn żona tas-sajd għaliex qabżu l-livell ta' attivazzjoni ta' qabdiet inċidentali, l-informazzjoni li jirċievi minn dawk il-bastimenti għandha tintuża mill-Istat Membru kostali biex jistabblixxi għeluq fil-ħin reali.

3. L-Istat Membru kostali għandu jiddeċiedi l-għeluq fil-ħin reali taż-żona konċernata fuq il-bażi tal-informazzjoni li jirċievi skont il-paragrafi 1 jew 2. Għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni, l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi terzi li l-bastimenti tagħhom huma awtorizzati joperaw fiż-żona konċernata, li ġie stabbilit għeluq fil-ħin reali. L-attivitajiet tas-sajd ġewwa żona bħal din huma projbiti kif definit mid-deċiżjoni li tistabbilixxi l-għeluq fil-ħin reali.

Artikolu 45
Għeluq fil-ħin reali mill-Kummissjoni

1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li tirċievi li turi li l-livell ta' attivazzjoni ta' qabdiet inċidentali ntlaħaq, il-Kummissjoni tista' tiddetermina li żona għandha tingħalaq temporanjament jekk l-Istat Membru kostali ma stabbilixxix it-tali għeluq hu stess.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Istati Membri kollha u lill-pajjiżi terzi li l-bastimenti tagħhom joperaw f'din iż-żona u għandha tpoġġi mingħajr dewmien għad-dispożizzjoni fuq il-websajt uffiċjali tagħha mappa bil-koordinati taż-żona li hija magħluqa temporanjament, u għandha tispeċifika d-dewmien tal-għeluq u l-kundizzjonijiet li jirregolaw is-sajd f'dik iż-żona magħluqa speċifika.

Artikolu 46
Ftuħ mill-ġdid ta' żona magħluqa temporanjament

1. Wara tal-anqas 60 sigħat wara li ż-żona definita tingħalaq u taħt il-kontroll tas-servizzi ta' spezzjoni tal-Istat Membru kostali, għadd limitat ta' bastimenti li għandhom abbord osservatur xjentifiku, jistgħu jagħmlu operazzjonijiet tas-sajd bi prova biex jivverifikaw il-livell tal-qabdiet inċidentali.

2. Jekk l-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jilħqux is-60% tal-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet inċidentali l-Istat Membru kostali għandu jneħħi l-għeluq fil-ħin reali li kien stabbilixxia. L-Istat Membru kostali għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri kollha u lill-pajjiżi terzi li l-bastimenti tagħhom għandhom il-liċenzja biex joperaw fiż-żona relattiva, li l-għeluq fil-ħin reali jkun tneħħa.

3. Jekk l-għeluq fil-ħin reali ikun ġie stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 45, il-Kummissjonji għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Istat Membru kostali tar-riżultati tal-operazzjonijiet tas-sajd bi prova msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq wara l-eżaminazzjoni tal-informazzjoni mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, tneħħi l-għeluq fil-ħin reali jekk l-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jilħqux aktar mis-60% tal-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet inċidentali. Għandha tinforma lill-Istati Membri kollha u lill-pajjiżi terzi li l-bastimenti tagħhom għandhom il-liċenzja biex joperaw fiż-żona kkonċernata li l-għeluq fil-ħin reali tneħħa.

Kapitolu V
il-monitoraġġ tas-Sajd Rikreattiv

Artikolu 47
Sajd rikreattiv

1. Is-sajd rikreattiv fuq bastiment fl-ilmijiet Komunitarji, għal stokk li huwa suġġet għal pjan multiannwali għandu jkun suġġett għal awtorizzazzjoni għal dak il-bastiment maħruġa mill-Istat Membru tal-bandiera.

2. Il-qabdiet fis-sajd rikreattiv minn stokkijiet suġġetti għal pjan multiannwali għandhom jiġu rreġistrati mill-Istat Membru tal-bandiera

3. Il-qabdiet ta' speċijiet suġġetti għal pjan multiannwali skont is-sajd rikreattiv għandhom jinqatgħu mill-kwoti rilevanti tal-Istat Membru tal-bandiera. L-Istati Membri konċernati għandhom jistabbilixxu sehem mit-tali kwoti li għandu jintuża esklussivament għall-iskopijiet tas-sajd rikreattiv.

4. Il-kummerċjalizzazzjoni tal-qabdiet mis-sajd rikreattiv għandu jkun projbit minbarra jekk dan isir għal skopijiet filantropiċi.

TITOLU V
MONITORAĠĠ TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI

Kapitolu I
Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 48
Prinċipji għall-monitoraġġ tal-kummerċjalizzazzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ fuq it-territorju tiegħu tal-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, mill-ewwel bejgħ sal-bejgħ bl-imnut, inkluż it-trasport.

2. Il-lottijiet kollha tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom ikunu traċċabbli u l-operaturi għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw l-oriġini u d-destinazzjoni tal-lottijiet mill-qabda jew il-ħsad sal-konsumatur finali.

3. Fil-każ li jkun ġie ffissat daqs minimu għal speċi partikolari, l-operaturi responsabbli għall-bejgħ, l-istokkjar jew it-trasport għandhom ikunu kapaċi juru l-oriġini ġeografika tal-prodotti espressi bħala referenza għal subżona u diviżjoni jew subdiviżjoni, jew fejn applikabbli rettangolu statistiku fejn japplikaw il-limiti fuq il-qabdiet skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura kollha mill-qabda jew mill-ħsad jitpoġġew f'lottijiet.

Artikolu 49
Standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti li għalihom japplikaw standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni jitpoġġew għall-wiri għall-bejgħ, jiġu offruti għall-bejgħ, jinbiegħu jew jiġu kkumerċjati b'mod ieħor biss jekk jikkonformaw ma' dawn l-istandards.

2. Il-prodotti li jitneħħew mis-suq, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999, għandhom jirrispettaw l-istandards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni, b'mod partikolari l-kategorija ta' freskezza.

3. L-operaturi responsabbli għall-bejgħ, l-istokkjar jew it-trasport tal-lottijiet tal-prodotti tas-sajd għandhom ikunu kapaċi juru li l-prodotti jikkonformaw mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fl-istadji kollha.

Artikolu 50
Traċċabilità

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 178/2002[37] u l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tagħhom jistabbilixxu sistemi u proċeduri li jippermettu li l-informazzjoni dwar il-provenjenza tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti.

2. Ir-rekwiżiti minimi tal-informazzjoni għal-lottijiet kollha tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura sabiex tkun tista' tiġi traċċata l-provenjenza tagħhom għandhom ikunu:

   a) in-numru ta' identifikazzjoni ta' kull lott;

   b) l-isem kummerċjali u xjentifiku ta' kull speċi;

   c) il-piż ħaj f'kilogrammi;

   d) id-data tal-qabda u/jew tal-ħsad;

   e) l-unità tal-produzzjoni (l-isem tal-bastiment tas-sajd, is-sit tal-akkwakultura);

   f) l-isem u l-indirizz tal-fornituri;

   g) l-irkaptu.

3. Kull lott għandu jiġi sottomess għal sistema ta' teggjar/u jew tikkettar speċifika li jkun fiha l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 51
Informazzjoni għall-konsumatur

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2065/2001 tat-22 ta' Ottubru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward it-tagħrif lill-konsumatur dwar prodotti tas-sajd u akkwakultura għandha tkun disponibbli f'kull stadju tal-kummerċjalizzazzjoni tal-ispeċi konċernata. Iż-żona tal-qabda msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2065/2001 għandha tirreferi għas-subżona u d-diviżjoni jew is-subdiviżjoni jew, fejn applikabbli, għar-rettangolu statistiku li fih japplikaw limiti fuq il-qabdiet skont il-liġi tal-Komunità.

[37] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

Kapitolu II
Attivitajiet wara l-ħatt l-art

Artikolu 52
L-ewwel bejgħ fiċ-ċentri tal-irkant

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwantitajiet kollha suġġetti għal limiti fuq il-qabdiet jew jidħlu fil-kummerċ għall-ewwel darba bil-bejgħ u/jew ir-reġistrazzjoni f'ċentru tal-irkant lil xerrejja reġistrati.

2. Il-prodotti tas-sajd l-oħra għandhom jinbiegħu biss f'ċentru tal-irkant jew lil korpi jew persuni awtorizzati mill-Istati Membri.

3. Ix-xerrej tal-prodotti tas-sajd minn bastiment tas-sajd fl-ewwel bejgħ għandu jkun reġistrat mal-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn isir l-ewwel bejgħ. Għall-iskop ta' reġistrazzjoni, kull xerrej għandu jiġi identifikat skont in-numru tal-VAT tiegħu fid-databases nazzjonali.

Artikolu 53
Użin tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

1. Ix-xerrejja reġistrati kollha li jixtru prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom jiżguraw li l-lottijiet kollha li jirċievu jintiżnu fuq miżien approvat mill-awtoritajiet kompetenti. L-użin għandu jsir qabel ma l-ħut jiġi ssortjat, ipproċessat, maħżun u trasportat mill-post tal-ħatt l-art jew mibjugħ mill-ġdid.

2. Iċ-ċifra li tirriżulta mill-użin għandha tintuża biex jiġu kompletati d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, in-noti tal-bejgħ u d-dikjarazzjonijiet tal-akkwist.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-ħut frisk jintiżen wara t-trasport mill-post tal-ħatt l-art diment li l-ħut ma setax jintiżen mal-ħatt l-art u diment li dan jiġi trasportat lejn destinazzjoni fit-territorju tal-Istat Membru li mhuwiex aktar minn 20 kilometri 'l bogħod mill-post tal-ħatt l-art.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jistgħu jitolbu li kwalunkwe kwantità tal-ħut li tinħatt għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru tintiżen fil-preżenza ta' uffiċjali qabel ma tiġi trasportata band'oħra mill-post tal-ħatt l-art.

Artikolu 54
Noti tal-bejgħ

1. Ix-xerrejja reġistrati, stabbilimenti rreġistrati tal-irkant jew il-korpi jew il-persuni l-oħra responsabbli għall-ewwel kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd li nħattu l-art fi Stat Membru, għandhom jissottomettu elettronikament, fi żmien sagħtejn wara l-ewwel bejgħ, nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikun sar l-ewwel bejgħ. Jekk dan l-Istat Membru mhuwiex l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li ħatt l-art il-ħut, huwa għandu jiżgura li tiġi sottomessa kopja tan-nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera malli

jirċievi l-informazzjoni rilevanti. L-akkuratezza tan-nota tal-bejgħ għandha tkun ir-responsabbiltà ta' dawn ix-xerrejja, stabbilimenti tal-irkanti, korpi jew persuni.

2. Fejn l-ewwel kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd ma ssirx fl-Istat Membru fejn il-prodotti nħattu l-art, l-Istat Membru responsabbli għall-monitoraġġ tal-ewwel kummerċjalizzazzjoni għandu jiżgura li tiġi sottomessa kopja tan-nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet responsabbli għall-monitoraġġ tal-ħatt l-art tal-prodotti konċernati u lill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment fi żmien sagħtejn minn meta jirċievi n-nota tal-bejgħ.

3. Fejn nota tal-bejgħ ma tikkorrispondix mal-fattura jew ma' dokument li jissostitwiha, l-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet neċessarji biex jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-prezz eskluża t-taxxa għall-kunsinna tal-oġġetti lix-xerrej tkun identika għal dik indikata fuq il-fattura.

Artikolu 55
Kontenut tan-noti tal-bejgħ

In-noti tal-bejgħ imsemmija fl-Artikolu 54 għandu jkun fihom bħala minimu d-dejta li ġejja:

a) in-numru tar-reġistru tal-flotta tal-Komunità u l-isem tal-bastiment tas-sajd li ħatt l-art il-prodotti konċernati;

b) il-port u d-data tal-ħatt l-art;

c) l-isem tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment u, jekk differenti, l-isem tal-bejjiegħ;

d) l-isem tax-xerrej u n-numru tal-VAT tiegħu;

e) l-isem rilevanti jew il-kodiċi alfa tal-FAO ta' kull speċi u l-oriġini ġeografika tagħha espress f'subżona u diviżjoni jew sub-diviżjoni li fiha japplikaw limiti fuq il-qabdiet skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità;

f) għall-ispeċijiet kollha suġġetti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni kif xieraq, id-daqs individwali jew il-piż, grad, preżentazzjon u freskezza;

g) fejn xieraq, id-destinazzjoni tal-prodotti li tneħħew mis-suq (trasferiment, użu għall-għalf tal-annimali, għall-produzzjoni tat-tħin għall-għalf tal-annimali, għal-lixk jew għal skopijiet oħra minbarra ta' ikel);

h) il-post u d-data tal-bejgħ;

i) fejn possibbli, in-numru ta' referenza u d-data tal-fattura u fejn xieraq, il-kuntratt tal-bejgħ;

j) fejn applikabbli, referenza għad-dokument tat-trasport imsemmi fl-Artikolu 58.

Artikolu 56
Eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tan-noti tal-bejgħ

1. Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111, tista' tagħti eżenzjoni mill-obbligu ta' sottomissjoni ta' nota tal-bejgħ lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-korpi awtorizzati oħra tal-Istat Membru għall-prodotti tas-sajd li nħattu l-art minn ċertu kategoriji ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità li għandhom tul ta' mhux aktar minn 10 metri jew għal kwantitajiet li nħattu l-art ta' prodotti tas-sajd li ma jeċċedux 50 kg ta' ekwivalenti ta' piż ħaj għal kull speċi. It-tali eżenzjonijiet jistgħu jingħataw biss f'każijiet fejn l-Istat Membru konċernat ikun stabbilixxa sistema ta' teħid ta' kampjuni aċċettabbli, skont l-Artikoli 16 u 22.

2. Xerrej li jakkwista prodotti sa ammont ta' 15 kg li minn dakinhar ma jitpoġġewx fis-suq iżda jintużaw biss għall-konsum privat għandu jkun eżentat mir-rekwiżiti tal-Artikoli 54 u 55.

Artikolu 57
Dikjarazzjoni ta' akkwist

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi li hemm fil-pjanijiet multiannwali, fejn il-prodotti huma maħsuba għall-bejgħ fi stadju aktar tard, għandha tiġi sottomessa dikjarazzjoni ta' akkwist, possibbilment permezz ta' mezzi elettroniċi, kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn sagħten wara li jiġi kompletat il-ħatt l-art, lill-awtoritajiet kompetenti jew lil korpi awtorizzati oħra tal-Istat Membru fejn isir akkwist. Is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni ta' akkwist u l-akkuratezza tagħha huma r-responsabbiltà tad-detentur ta' din id-dikjarazzjoni.

2. Id-dikjarazzjoni ta' akkwist imsemmija fil-paragrafu 1 għandha jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

   a) in-numru tar-reġistru tal-flotta tal-Komunità u l-isem tal-bastiment tas-sajd li ħatt l-art il-prodotti konċernati;

   b) l-isem tas-sid jew il-kaptan tal-bastiment;

   c) l-isem rilevanti jew il-kodiċi alfa tal-FAO ta' kull speċi u l-oriġini ġeografika tagħha espressa f'subżona u diviżjoni jew sub-diviżjoni li fiha japplikaw limiti fuq il-qabdiet skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità;

   d) il-piż ta' kull speċi, maqsum għal kull tip ta' preżentazzjoni tal-prodotti;

   e) il-port u d-data tal-ħatt l-art;

   f) l-isem u l-indirizz tal-faċilitajiet fejn il-prodotti huma maħżuna;

   g) fejn applikabbli, referenza għad-dokument tat-trasport speċifikat fl-Artikolu 58.

Artikolu 58
Dokument tat-trasport

1. Il-prodotti tas-sajd li jinħattu l-art fil-Komunità, jew mhux ipproċessati inkella wara li ġew ipproċessati abbord, li jiġu trasportati lejn post differenti minn dak tal-ħatt l-art, għandhom jiġu akkumpanjati minn dokument ippreparat mit-trasportatur sakemm isir l-ewwel bejgħ. It-trasportatur għandu jissottometti, jekk possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, fi żmien 24 siegħa mill-ħatt l-art, dokument tat-trasport lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu sar l-ħatt l-art.

2. Fil-każ li l-prodotti jiġu trasportati lejn Stat Membru differenti mill-Istat Membru tal-ħatt l-art, it-trasportatur għandu jittrażmetti wkoll fi żmien 24 siegħa wara l-ħatt l-art tal-prodotti tas-sajd kopja tad-dokument tat-trasport lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ġie dikjarat li saret l-ewwel kummerċjalizzazzjoni. L-Istat Membru li fih isir l-ewwel bejgħ fis-suq jista' jitlob aktar informazzjoni dwar dan mill-Istat Membru li fih isir il-ħatt l-art.

3. It-trasportatur għandu jkun responsabbli għall-akkuratezza tad-dokument.

4. Id-dokument tat-trasport għandu jindika:

   a) il-post tad-destinazzjoni tal-konsenja(i) u l-identità tal-vettura tat-trasport;

   b) l-isem u r-reġistru tal-flotta tal-Komunità tal-bastiment tas-sajd li ħatt l-art il-prodotti;

   c) il-kwantitajiet tal-ħut ta' kull speċi trasportata f'kilogrammi ta' piż ipproċessat jew mhux ipproċessat, l-isem (ismijiet) u l-indirizz(i) tad-destinatarju(i), il-post u d-data tal-ħatt l-art u l-oriġini ġeografika ta' kull speċi, espressa b'referenza għal subżona u diviżjoni jew subdiviżjoni li fiha japplikaw limiti fuq il-qabdiet skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-obbligazjoni stipulata fil-paragrafu 1 jekk il-prodotti tas-sajd jiġu trasportati fi ħdan żona ta' port jew mhux aktar bogħod minn 20 kilometru mill-post tal-ħatt l-art.

6. Fejn il-prodotti tas-sajd li ġew dikjarati bħala mibjugħin f'nota tal-bejgħ jiġu trasportati għal post differenti minn dak tal-ħatt l-art, it-trasportatur għandu jkun jista' juri permezz ta' dokument li tkun saret tranżazzjoni tal-bejgħ.

Kapitolu III
Organizzazzjonijiet tal-Produtturi u Arranġamenti dwar il-Prezzijiet u Intervenzjonijiet

Artikolu 59
Monitoraġġ tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi

1. Skont l-Artikolu 6 (1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, l-Istati Membri għandhom jagħmlu verifiki f'intervalli regolari biex jiżguraw li

a) l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jikkonformaw mat-termini u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent;

b) ir-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi tista tiġi rtirata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 m'għadhomx jiġu sodisfatti jew jekk ir-rikonoxximenti huwa bbażat fuq informazzjoni żbaljata;

c) ir-rikonoxximent jiġi rtirat immedjatament u retroattivament jekk l-organizzazzjoni tikseb jew tibbenefika mir-rikonoxximent b'mezzi qarrieqa.

2. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni tal-produtturi stabbiliti fl-Artikolu 5 u l-Artikolu 6 (1) (b) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-Kummissjoni għandha tagħmel verifiki u fid-dawl tat-tali verifiki tista', fejn xieraq, titlob li l-Istati Membri jirtiraw ir-rikonoxximent.

3. Kull Stat Membru għandu jagħmel il-verifiki xierqa biex jiżgura li kull waħda mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi tissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-programm operattiv għas-sena tas-sajd konċernata, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 2508/2000 u għandu japplika s-sanzjonijiet li hemm provvediment għalihom fl-Artikolu 9 (3) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 fil-każ li dawk l-obbligazzjonijiet ma jiġux sodisfatti.

Artikolu 60
Monitoraġġ tal-arranġamenti tal-prezzijiet u ta' intervenzjoni

L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-verifiki kollha dwar l-arranġamenti tal-prezzijiet u ta' intervenzjoni, b'mod partikolari:

(a) l-irtirar tal-prodotti mis-suq għal skopijiet oħra minbarra l-konsum uman;

(b) l-operazzjonijiet ta' trasferiment għall-istabbilizzazzjoni, il-ħażna u/jew l-ipproċessar tal-prodotti rtirati mis-suq;

(c) il-ħażna privata ta' prodotti ffriżati fuq il-baħar;

(d) il-konċessjonijiet kompensatorji għat-tonn maħsub għall-ipproċessar.

TITOLU VI
SORVELJANZA

Artikolu 61
Avvistamenti fuq il-baħar mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom, fuq il-bażi ta'

(a) avvistamenti ta' bastimenti tas-sajd minn bastimenti ta' spezzjoni jew inġenji tal-ajru tas-sorveljanza,

(b) is-Sistema ta' Rilevament tal-Bastimenti msemmija fl-Artikolu 11.

2. Jekk l-avvistament jew ir-rilevament ma jikkorrispondix mal-informazzjoni disponibbli għall-Istat Membru, dan għandu jmexxi kwalunkwe investigazzjonijiet neċessarji biex jiddetermina l-azzjoni ta' segwitu xierqa.

3. Jekk l-avvistament jew ir-rilevament jirreferi għal bastiment tas-sajd ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz u l-informazzjoni ma tikkorrispondi għall-ebda informazzjoni oħra disponibbli għall-Istat Membru kostali u jekk dak l-Istat Membru kostali mhuwiex f'pożizzjoni li jieħu aktar azzjoni, dan għandu jirreġistra l-iskoperti tiegħu f'rapport ta' sorveljanza u għandu jittrażmetti dak ir-rapport mingħajr dewmien, jekk possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi, lill-Istat Membru tal-bandiera, jew lill-pajjiżi terzi konċernati. Fil-każ ta' bastiment ta' pajjiż terz, ir-rapport tas-sorveljanza għandu jintbagħat ukoll lill-Kummissjoni jew lil korp dežinjat minnha.

4. Fil-każ li uffiċjal ta' Stat Membru javvista jew jirrileva bastiment tas-sajd involut f'attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala infrazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, dan għandu mingħajr dewmien joħroġ rapport ta' sorveljanza u jibgħatu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom

5. Il-forma tar-rapport ta' sorveljanza għandha tiġi determinata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 62
Azzjoni li għandha tittieħed mar-riċeviment ta' informazzjoni dwar avvistamenti jew rilevamenti

1. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom, malli jirċievu r-rapport ta' sorveljanza minn Stat Membru ieħor, jieħdu azzjoni immedjata fuqu u jagħmlu aktar investigazzjonijiet kif meħtieġ biex ikunu jistgħu jiddeterminaw l-azzjoni ta' segwitu xierqa.

2. L-Istati Membri minbarra l-Istat Membru tal-bandiera għandhom, fejn xieraq, jivverifikaw jekk il-bastiment avvistat rapportat wettaqx xi attivitajiet fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità tagħhom jew jekk il-prodotti tas-sajd li ġew minn dak il-bastiment inħattux l-art jew ġewx importati fit-territorju tagħhom u għandhom jinvestigaw ir-riżultati mgħoddija rigward il-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni rilevanti.

3. L-Istati Membri tal-bandiera, Stati Membri oħra u l-Kummissjoni jew il-korp dežinjat minnha għandhom jeżaminaw ukoll l-informazzjoni dokumentata b'mod xieraq dwar il-bastimenti avvistati, sottomessa minn ċittadini individwali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet ambjentali, kif ukoll rappreżentanti tal-partijiet interessati tas-sajd jew tal-kummerċ fil-ħut.

Artikolu 63
Osservaturi

1. L-osservaturi abbord il-bastimenti għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-bastiment tas-sajd mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għandhom jimplimentaw il-kompiti kollha ta' skema ta' osservaturi u b'mod partikolari jivverifikaw u jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd u d-dokumenti rilevanti tal-bastiment.

2. L-osservaturi għandhom ikunu kwalifikati u esperjenzati għall-kompiti tagħhom. Għandhom ikunu indipendenti mis-sid, il-kaptan tal-bastiment u kwalunkwe membru tal-ekwipaġġ. M'għandhomx ikunu membru tal-ekwipaġġ tal-bastiment.

3. Safejn possibbli l-osservaturi għandhom jiżguraw li l-preżenza tagħhom abbord il-bastimenti tas-sajd ma twaqqafx jew tinterferix mal-attivitajiet tas-sajd u l-operazzjonijiet normali tal-bastiment.

4. L-osservaturi għandhom jippreparaw rapport ta' sorveljanza u jibgħatuh lill-awtoritajiet tagħhom u/jew lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera. L-Istati Membri għandhom idaħħlu r-rapport fid-database imsemmija fl-Artikolu 69.

5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jipprovdu l-akkommodazzjoni xierqa għall-osservaturi assenjati, jiffaċilitaw ix-xogħol tagħhom u jevitaw li jinterferixxu mat-twettiq ta' dmirijiethom. Il-kaptani għandhom jipprovdu lill-osservaturi b'aċċess għall-partijiet rilevanti tal-bastiment, inkluż il-qabda, u għad-dokumenti tal-bastiment inklużi l-fajls elettroniċi.

6. L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-operazzjoni tal-osservaturi taħt dan l-Artikolu għandhom jitħallsu mill-Istati Membri tal-bandiera. L-Istati Membri jistgħu jiddebitaw dawn l-ispejjeż, parzjalment jew kompletament, lill-operaturi tal-bastimenti li qed itajru l-bnadar tagħhom u li huma involuti fis-sajd rilevanti.

7. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 64
Ammissibilità tar-rapporti ta' sorveljanza

Ir-rapporti ta' sorveljanza ppreparati minn persuni awtorizzati minn awtoritajiet nazzjonali u tal-Komunità biex jagħmlu sorveljanza għandhom jikkostitwixxu evidenza ammissibbli fil-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji ta' kwalunkwe Stat Membru. Għall-istabbiliment tal-fatti, dawn għandhom jiġu ttrattati ugwalment bħar-rapporti ta' sorveljanza ta' uffiċjali tal-Istat Membru fejn saru l-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji. Azzjoni ta' segwitu xierqa għandha tittieħed fuq il-bażi ta' dawk ir-rapporti.

TITOLU VII
SPEZZJONI

Kapitolu I
Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 65
Tmexxija tal-ispezzjonijet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata lista ta' uffiċjali responsabbli biex jagħmlu l-ispezzjonijiet.

2. L-uffiċjali għandhom jaqdu dmirijiethom skont il-liġi tal-Komunità. Dawn għandhom jmexxu l-ispezzjonijiet b'mod indiskriminatorju fuq il-baħar, fil-portijiet, matul it-trasport, fuq il-postijiet tal-ipproċessar u matul il-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut.

2. L-uffiċjali għandhom jivverifikaw b'mod partikolari

   a) il-legalità tal-qabda li qed tinżamm abbord, maħżuna, trasportata, ipproċessata jew kummerċjata u l-akkuratezza tad-dokumentazzjoni relata magħha;

   b) il-legalità tal-irkaptu tas-sajd użat għall-ispeċijiet fil-mira u għall-qabdiet miżmuma abbord;

   c) jekk xieraq, pjan ta' stivar u stivar separat tal-ispeċijiet u

   d) l-immarkar ta' rkaptu passiv.

3. L-uffiċjali għandhom jeżaminaw iż-żoni rilevanti kollha, il-gverta u l-kmamar fejn il-prodotti tas-sajd jiġu maqbuda, maħżuna, trasportati, proċessati jew kummerċjati. Dawn għandhom jeżaminaw ukoll il-qabdiet, humiex ipproċessati jew le, ix-xbieki jew l-irkaptu l-ieħor, it-tagħmir, il-kontenituri u l-pakketti li fihom il-ħut jew il-prodotti tas-sajd u kwalunkwe dokumenti rileventi li jqisu neċessarji biex jivverifikaw il-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Dawn jistgħu wkoll jistaqsu persuni li jaħsbu li għandhom l-informazzjoni dwar il-kwistjoni li hija s-suġġett tal-ispezzjoni.

4. L-uffiċjali għandhom imexxu l-ispezzjonijiet b'tali mod li jikkawża l-inqas tfixkil jew inkonvenjenza lill-bastiment jew lill-vettura tat-trasport u l-attivitajiet tiegħu, u lill-ħażna, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-qabda. Dawn sejrin, safejn possibbli, jevitaw kwalunkwe degradazzjoni tal-qabda matul l-ispezzjoni.

5. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari dwar il-metodoloġija u t-tmexxija tal-ispezzjoni, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 66
Dmirijiet tal-operatur

L-operatur għandu jiffaċilita l-aċċess sikur għall-bastiment, il-vettura tat-trasport jew il-kamra fejn il-prodotti tas-sajd huma maħżuna, ipproċessati jew kummerċjati. Dan għandu jiżgura s-sikurezza tal-uffiċjali u m'għandux iwaqqaf, jintimida jew jinterferixxi mal-uffiċjali waqt li qed jagħmlu dmirijiethom.

Artikolu 67
Rapport tal-ispezzjoni

1. L-uffiċjali għandhom jippreparaw rapport tal-ispezzjoni wara kull spezzjoni u għandhom jibgħatuh lill-awtoritajiet tagħhom. Fil-każ ta' spezzjoni ta' bastiment tas-sajd li qed itajjar bandiera ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz, għandha tintbagħat mingħajr dewmien kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-Istat Membru tal-bandiera jew lill-awtoritajiet tal-pajjiż terz konċernat. Fil-każ ta' spezzjoni li ssir fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membri ieħor, għandha tintbagħat mingħajr dewmien kopja tar-rapport tal-ispezzjoni li dak l-Istat Membru.

2. L-uffiċjali għandhom jiffirmaw ir-rapport tagħhom fil-preżenza tal-operatur, li għandu jiffirmah ukoll u li għandu jkollu dritt iżid fih kwalunkwe kumment. L-uffiċjali għandhom jindikaw fil-ġurnal ta' abbord li saret spezzjoni.

3. Kopja tar-rapport tal-ispezzjoni għandha tingħata lill-kaptan tal-bastiment jew lir-rappreżentant tiegħu.

Artikolu 68
Ammissibilità tar-rapporti ta' spezzjoni

Ir-rapporti ta' spezzjoni ppreparati minn persuni awtorizzati mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-Komunità għandhom jikkostitwixxu evidenza ammissibbli fil-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji ta' kwalunkwe Stat Membru. Fl-istabbiliment tal-fatti dawn għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali bħar-rapport ta' spezzjoni ta' uffiċjali tal-Istat Membru fejn qed isiru l-proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji u tista' tittieħed l-azzjoni ta' infurzar xierqa fuq il-bażi ta' dawk ir-rapporti.

Artikolu 69
Database elettronika

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata database elettronika fejn jistgħu itellgħu r-rapporti ta' spezzjoni u ta' sorveljanza kollha ppreparati mill-uffiċjali tagħhom.

Artikolu 70
Spetturi tal-Komunità

1. Għandha tiġi stabbilita lista ta' spetturi tal-Komunità mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111. L-ispetturi tal-Komunità għandhom ikunu uffiċjali ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni jew tal-Aġenzija.

2. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri kostali, l-ispetturi Komunitarji għandhom imexxu l-ispezzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament fuq it-territorju tal-Istati Membri, fl-ilmijiet tal-Komunità u fuq bastimenti tas-sajd tal-Komunità 'l barra mill-ilmijiet Komunitarji.

3. L-ispetturi tal-Komunità jistgħu jkunu assenjati għal

   a) l-implimentazzjoni tal-programmi ta' kontroll u ta' spezzjoni tal-Komunità adottati f'konformità mal-Artikolu 87;

   b) il-programmi internazzjonali għall-kontroll tas-sajd, fejn il-Komunità għandha obbligu li tipprovdi għall-kontrolli.

4. L-ispetturi tal-Komunità għandhom ikollhom l-istess setgħat bħall-ispetturi nazzjonali. Waqt li jkunu qed jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, l-ispetturi tal-Komunità għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-Komunità u mal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun qed isir l-ispezzjoni.

5. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Kapitolu II
Spezzjonijiet 'il barra mill-ilmijiet jew it-territorju tal-Istat Membru li qed jispezzjona

Artikolu 71
Spezzjonijiet ta' bastimenti 'l barra mill-ilmijiet tal-Istat Membru li qed jispezzjona

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbilità primarja tal-Istat Membru kostali, Stat Membru jista' jispezzjona bastimenti tas-sajd li qed itajru l-bandiera tiegħu fl-ilmijiet tal-Komunità.

2. Stat Membru jista' jagħmel spezzjonijiet fuq bastiment tas-sajd ta' Stat Membru ieħor skont dan ir-Regolament relatati ma' attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet kollha tal-Komunità:

   a) wara awtorizzazzjoni mill-Istat Membru kostali konċernat, jew

   b) fejn programmi ta' azzjoni Komunitarji speċifiċi ta' kontroll ġew adottati f'konformità mal-Artikolu 87.

3. Stat Membru jista' jispezzjona bastimenti tas-sajd tal-Komunità li qed itajju l-bandiera ta' Stat Membru ieħor f'ilmijiet internazzjonali.

4. Stat Membru jista' jispezzjona bastimenti tas-sajd tal-Komunità li qed itajru l-bandiera tiegħu stess jew il-bandiera ta' Stat Membru ieħor fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali.

5. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtorità kompetenti li għandha taġixxi bħala l-punt tal-kuntatt għall-iskop ta' dan l-Artikolu. Il-punt tal-kuntatt tal-Istati Membri għandu jkun disponibbli 24 siegħa kuljum.

Artikolu 72
Talbiet għall-awtorizzazzjoni

1. Talbiet għall-awtorizzazzjoni minn Stat Membru biex imexxi spezzjonijiet fuq bastiment tas-sajd fl-ilmijiet tal-Komunità 'il barra mill-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 71(2)(a), għandhom jiġu deċiżi mill-Istat Membru kostali konċernat fi żmien 12-il siegħa mill-ħin tat-talba jew fi żmien xieraq fejn ir-raġuni għat-talba hija l-insegwiment lilhinn mill-fruntiera li jkun beda fl-ilmijiet tal-Istat Membru li qed jagħmel l-ispezzjoni.

2. L-Istat Membru li qed jagħmel it-talba għandu jiġi informat bid-deċiżjoni mingħajr dewmien. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu kkomunikati wkoll lill-Kummissjoni jew lill-korp dežinjat minnha.

3. Talbiet għall-awtorizzazzjoniijiet għandhom jiġu miċħuda kompletament jew parzjalment biss safejn huwa neċessarju għas-sigurtà nazzjonali. Ċaħdiet u r-raġunijiet għalihom għandhom jintbagħtu mingħajr dewmien lill-Istat Membru li għamel it-talba u lill-Kummissjoni jew il-port dežinjat minnha.

Artikolu 73
Spezzjonijiet 'il barra mit-territorju tal-Istat Membru li qed jagħmel l-ispezzjoni

Stat Membru jista' jagħmel spezzjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament fit-territorju ta' Stat Membru ieħor:

a) wara l-awtorizzazzjoni tal-Istat Membru konċernat, jew

b) fejn programmi ta' azzjoni Komunitarji speċifiċi ta' kontroll ġew adottati f'konformità mal-Artikolu 87.

Kapitolu III
Infrazzjonijiet rilevati matul l-ispezzjonijiet

Artikolu 74
Proċedura fil-każ ta' infrazzjoni

Jekk l-informazzjoni miġbura matul spezzjoni twassal l-uffiċjal biex jemmen li saret infrazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, dan għandu:

a) jinnota l-infrazzjoni suspetta fir-rapport tal-ispezzjoni;

b) jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji biex jiżgura li l-evidenza li għandha x'taqsam mat-tali infrazzjoni suspetta tinżamm sikura;

c) jibgħat immedjatament ir-rapport tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti tiegħu/tagħha;

d) jinforma lill-persuna naturali suspettata li għamlet it-tali infrazzjoni jew li nqabdet fl-att ta' infrazzjoni, li l-infrazzjoni għandha tinvolvi l-assenjament tal-punti penali xierqa skont l-Artikolu 84. Dan għandu jiġi nnotat fir-rapport tal-ispezzjoni.

Artikolu 75

Infrazzjonijiet rilevati 'l barra mill-ilmijiet tal-Istat Membru li qed jagħmel l-ispezzjoni

Jekk infrazzjoni tiġi rilevata bħala riżultat ta' spezzjoni li ssir skont l-Artikolu 71(2), l-Istat Membru li qed jagħmel l-ispezzjoni għandu immedjatament jissottometti rapport sommarju tal-ispezzjoni lill-Istat Membru kostali. Ir-rapport tal-ispezzjoni sħiħ għandu jiġi sottomess lill-Istat kostali jew tal-bandiera fi żmien sebat ijiem mill-ħin tal-ispezzjoni.

Artikolu 76

Azzjoni msaħħa ta' segwitu f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti infrazzjonijiet serji

1. L-Istat Membru tal-bandiera jew l-Istat Membru kostali li fl-ilmijiet tiegħu hemm bastiment li huwa ssuspettat li:

   a) irreġistrata b'mod inkorrett qabdiet ta' aktar minn 500 kilogrammi jew 10%, ikkalkulati bħala perċentwal taċ-ċifri fil-ġurnal ta' abbord, skont liema huwa l-akbar jew li

   b) għamel kwalunkwe mill-infrazzjonijiet serji msemmija fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 fi żmien sena minn meta ikkommetta l-ewwel infrazzjoni serja,

   għandu jesiġi li l-bastiment jipproċedi immedjatament lejn port għal investigazzjoni sħiħa, flimkien mal-miżuri msemmija fil-Kapitolu IX tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. L-Istat Membru kostali għandu immedjatament u skont il-proċeduri tiegħu taħt il-liġi nazzjonali, jinnotifika lill-Istat Membru tal-bandiera dwar l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-ispetturi jistgħu jibqgħu abbord ta' bastiment tas-sajd sakemm issir l-investigazzjoni sħiħa msemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jieqaf mill-attivitajiet tas-sajd kollha u jipproċedi lejn il-port kif mitlub.

Kapitolu IV
Prosekuzzjoni tal-infrazzjonijiet rilevati matul l-ispezzjonijiet

Artikolu 77
Prosekuzzjoni

Fejn infrazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tiġi skoperta mill-awtoritajiet kompetenti matul spezzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li qed jagħmel l-ispezzjoni għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa skont it-Titolu VIII kontra l-kaptan tal-bastiment involut jew kontra kwalunkwe persuna oħra responsabbli għall-infrazzjoni.

Artikolu 78
Trasferiment tal-prosekuzzjoni

L-Istat Membru li qed jagħmel l-ispezzjoni jista' wkoll jittrasferixxi l-prosekuzzjoni tal-infrazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jew l-Istat Membru li t-trażgressur huwa ċittadin tiegħu diment li dan isir, bil-ftehim tal-Istat Membru tal-aħħar u bil-kondizzjoni li t-trasferiment għandu aktar ċans li jikseb ir-riżultat imsemmi fl-Artikolu 81(2).

Artikolu 79
Infrazzjoni rilevata mill-ispetturi tal-Komunità

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet kollha neċessarji biex iħarrku kwalunkwe infrazzjoni li spettur tal-Komunità skopra fit-territorju tagħhom, fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom, jew fuq bastiment li qed itajjar il-bandiera tagħhom.

Artikolu 80
Miżuri korrettivi fl-assenza ta' prosekuzzjoni mill-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trażbord

1. Jekk l-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trażbord mhuwiex l-Istat Membru tal-bandiera u l-awtoritajiet kompetenti tiegħu ma jiħdux il-miżuri xierqa kontra l-persuni naturali jew legali responsabbli, jew ma jittrasferux il-prosekuzzjoni skont l-Artikolu 78, il-kwantitajiet li jinħattu l-art jew jiġu trażbordata illegalment jistgħu jitnaqqsu mill-kwota allokata lill-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trażbord.

2. Il-kwantitajiet ta' ħut li għandhom jitnaqqsu mill-kowta tal-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trażbord għandhom jiġu ffissati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111 wara li l-Kummissjoni tikkonsulta maż-żewġ Stati Membri konċernati.

3. Jekk l-Istat Membru tal-ħatt l-art jew tat-trażbord m'għadx għandu kwota korrispondenti disponibbli, għandu japplika l-Artikolu 28. Għal dak l-għan il-kwantitajiet ta' ħut li jinħattu l-art jew jiġu trażbordati illegalment għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-ammont tal-preġudizzju li sofra, kif imsemmi f'dak l-Artikolu, l-Istat Membru tal-bandiera.

TITOLU VIII
INFURZAR

Artikolu 81
Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri xierqa b'mod sistematiku, inkluż azzjoni amministrattiva jew proċeduri kriminali konformi mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni naturali jew legali suspettati li kisru kwalunkwe mir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Il-proċedimenti inizjati skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu kapaċi, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali, li jwaqqfu b'mod effettiv lil dawk responsabbli milli jibbenefikaw ekonomikament mill-infrazzjonijiet u jipproduċu riżultati proporzjonali għas-serjetà tat-tali infrazzjonijiet, li b'hekk jaġixxu ta' deterrent effettiv ta' aktar offiżi tal-istess tip.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw sistema fejn multa tkun proporzjonali mal-fatturat tal-persuna ġuridika, inkella għall-vantaġġ finanzjarju miksub jew previst mit-twettiq tal-infrazzjoni serja.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li għandhom ġurisdizzjoni fil-każ ta' infrazzjoni għandhom, mingħajr dewmien u f'konformità mal-proċeduri tagħhom taħt il-liġi nazzjonali, jinnotifikaw lill-Istati Membri tal-bandiera, l-Istat Membru li t-trasgressur huwa ċittadin tiegħu, jew kwalunkwe Stat Membru ieħor li għandu interess fl-insegwiment tal-infrazzjoni, il-proċedimenti kriminali jew amministrattivi jew miżuri oħra meħuda u kwalunkwe deċiżjoni definittiva relatata mat-tali infrazzjoni, inkluż l-għadd ta' punti assenjati.

Artikolu 82
Sanzjonijiet għal infrazzjonijiet serji

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna naturali li kkommettiet jew persuna ġuridika li tinżamm responsabbli għal infrazzjoni serja tkun ikkastigata permezz ta' sanzjonijiet amministrattivi effikaċi, proporzjonali u disważivi, skont is-serje ta' sanzjonijiet u miżuri li hemm provvediment għalihom fil-Kapitolu IX tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. Barra dan, għall-infrazzjonijiet serji kollha li l-livell tagħhom ma jistax jiġi konness mal-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba permezz tal-infrazzjoni serja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna naturali li kkommettiet jew persuna ġuridika li tinżamm responsabbli għal infrazzjoni serja tkun kastigata permezz ta' multa amministrattiva tal-anqas ta' 5 000 EUR u mhux aktar minn 300 000 EUR għal kull infrazzjoni serja. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jiġi notifikat immedjatament dwar is-sanzjoni imposta.

3. Fil-każ ta' infrazzjoni serja ripetuta fi żmien ta' 5 snin, l-Istat Membru għandu jimponi multa amministrattiva ta' mil-lanqas 10 000 EUR u mhux aktar minn 600 000 EUR.

4. Meta qed jiffissaw l-ammont tal-multi, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll il-valur tal-preġudizzju għar-riżorsi tas-sajd u l-ambjent tal-baħar konċernat.

5. L-Istati Membri li fihom ma gietx adottata l-Euro għandhom japplikaw ir-rata ta' kambju tas-suq bejn l-Euro u l-valuta tagħhom kif ippubblikat fil-jum ta' qabel tal-aħħar tax-xahar ta' qabel dak li fih tiġi imposta l-multa amministrattiva fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

6. L-Istati Membri jistgħu wkoll, jew alternattivament, jużaw sanzjonijiet kriminali effikaċi, proporzjonali u disważivi.

7. Is-sanzjonijiet li hemm provvediment għalihom f'dan il-Kapitolu jistgħu jiġu akkompanjati minn sanzjonijiet jew miżuri oħra, b'mod partikolari dawk deskritti fl-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

Artikolu 83
Miżuri ta' infurzar immedjat

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri immedjati biex jipprevjenu bastimenti, persuni naturali jew ġuridiċi li jinstabu *in flagrante delicto* waqt li qed jikkomettu infrazzjoni serja, kif definit fl-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 milli jkomplu jagħmlu dan.

Artikolu 84
Sistema ta' punti penali

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw sistema ta' punti penali li fuq il-bażi tagħha s-sid tal-awtorizzazzjoni tas-sajd jirċievi punti penali xierqa bħala riżultat ta' infrazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Meta persuna naturali tikkommetti jew persuna legali tinżamm responsabbli għal infrazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-għadd xieraq ta' punti għandu jiġi assenjat lis-sid tal-awtorizzazzjoni tas-sajd bħala riżultat tal-infrazzjoni. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkollu d-dritt li jirrivedi l-proċedimenti skont il-liġi nazzjonali.

3. Meta l-għadd totali ta' punti penali jkun ekwivalenti għal jew jaqbeż l-għadd speċifikat ta' punti, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tiġi sospiża awtomatikament għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur. Dak il-perjodu għandu jkun ta' sena jekk l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiġi sospiża għat-tieni darba bħala konsegwenza tal-assenjazzjoni lis-sid tal-permess tal-għadd speċifikat ta' punti. Fil-każ li s-sid jiġi assenjat l-għadd speċifikat ta' punti għat-tielet darba, l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tiġi rtirata għal dejjem.

4. Fil-każ ta' infrazzjoni serja, il-punti penali assenjati għandhom ikunu tal-anqas ugwali għal nofs il-punti msemmija fil-paragrafu 3.

5. Jekk id-detentur tal-awtorizzazzjoni tas-sajd sospiża ma jikkommettix infrazzjoni oħra, fi żmien tliet snin mid-data tal-aħħar infrazzjoni, il-punti kollha fuq l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom jitħassru.

6. Id-dispożizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

7. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu wkoll sistema ta' punti penali li taħtha l-kaptan u l-uffiċjali ta' bastiment jirċievu punti penali xierqa bħala riżultat ta' infrazzjoni kontra r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd komessa minnhom.

Artikolu 85
Reġistri nazzjonali tal-infrazzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw f'database nazzjonali l-infrazzjonijiet kollha kontra r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jew miċ-ċittadini tagħhom, inkluż is-sanzjonijiet li jeħlu u l-għadd ta' punti assenjati. Infrazzjonijiet minn bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jew miċ-ċittadini tagħhom li jiġu mħarrka fi Stati Membri oħra wkoll għandhom jiġu reġistrati mill-Istati Membri fid-database nazzjonali tagħhom dwar l-infrazzjonijiet, malli jiġu notifikati dwar id-deċiżjoni definittiva mill-Istat Membru li għandu ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 82.

2. Meta jkunu qed iħarrku fil-każ ta' infrazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, l-Istati Membri għandhom jitolbu sistematikament lil Stati Membri oħra biex jipprovdu l-informazzjoni fid-databases nazzjonali tagħhom, fuq il-bastiment tas-sajd u l-persuni suspettati li kkommettew l-infrazzjoni konċernata jew li nqabdu fl-att tal-infrazzjoni konċernata.

3. Meta Stat Membru jitlob informazzjoni minn Stat Membru ieħor relatata mal-prosekuzzjoni ta' infrazzjoni, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti fuq il-bastiment tas-sajd u l-persuni konċernati.

TITOLU IX
PROGRAMMI TA' KONTROLL

Artikolu 86
Programmi komuni ta' kontroll

L-Istati Membru jistgħu jmexxu, bejniethom u fuq l-inizjattiva tagħhom, programmi ta' monitoraġġ, spezzjoni u sorveljanza li għandhom x'jaqsmu mal-attivitajiet tas-sajd.

Artikolu 87
Programmi Komunitarji ta' azzjoni tal-kontroll speċifiċi

1. Il-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111 u flimkien mal-Istati Membri konċernati tista' tiddetermina liema sajd huwa suġġett għal programmi Komunitarji ta' azzjoni tal-kontroll speċifiċi.

2. Il-programmi Komunitarji ta' azzjoni ta' kontroll speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiddikjaraw l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-proċeduri kif ukoll il-punti ta' riferiment għall-attivitajiet ta' spezzjoni. It-tali punti ta' riferiment għandhom jiġu riveduti perjodikament wara li ssir analiżi tar-riżultati miksuba.

3. Meta pjan multiannwali jidħol fis-seħħ u qabel ma jsir applikabbli programm Komunitarju ta' azzjoni ta' kontroll speċifiku, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punti ta' riferiment ta' mira bbażati fuq il-ġestjoni tar-riskju għall-attivitajiet ta' spezzjoni.

4. L-Istati Membri konċernati għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji ta' azzjoni ta' kontroll speċifiċi, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi umani u materjali u l-perjodi u ż-żoni fejn iridu jiġu mobilizzati.

Titolu X
Evalwazzjoni, ġestjoni u kontroll mill-Kummissjoni

Artikolu 88
Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tikkontrolla u tevalwa l-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri permezz tal-eżaminazzjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u permezz ta' żjarat u spezzjonijiet fuq il-post u għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejniethom. Għal dan l-għan il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha u permezz tal-mezzi tagħha, tibda u tagħmel investigazzjonijiet, verifiki u spezzjonijiet. Tista' b'mod partikolari tivverifika:

   a) l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom;

   b) l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-ilmijiet ta' pajjiż terz skont ftehim internazzjonali ma' dak il-pajjiż;

   c) il-konformità tal-prattiki amministrattivi nazzjonali u l-attivitajiet ta' spezzjoni u sorveljanza mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;

   d) l-eżistenza tad-dokumenti meħtieġa u l-kompatibbiltà tagħhom mar-regoli applikabbli;

   e) iċ-ċirkustanza li fihom isiru l-attivitajiet tal-kontroll mill-Istati Membri;

   f) ir-rilevament u l-prosekuzzjoni tal-infrazzjonijiet;

   g) il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha toħroġ struzzjonijiet bil-miktub għall-ispetturi tagħha li jindikaw l-awtorità tagħhom u l-għanijiet tal-missjoni tagħhom.

Artikolu 89
Verifiki programmati

1. Kull meta jitqies neċessarju mill-Kummissjoni, l-uffiċjali tagħha jistgħu jkunu preżenti matul l-attivitajiet tal-kontroll li jsiru mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kontroll. Fil-kuntest ta' dawn il-missjonijiet, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-

kuntatti xierqa mal-Istati Membri bl-għan li, fejn possibbli, tistabbilixxi programm tal-kontroll reċiprokament aċċettabli.

2. Jekk l-operazzjonijiet ta' kontroll u ta' spezzjoni previsti fil-kuntest tal-programm inizzjali ta' kontroll u ta' spezzjoni ma jistgħux isiru għal raġunijiet fattwali, l-uffiċjali tal-Kummissjoni, flimkien ma' u bi ftehim mal-awtorijiet kompetenti tal-Istat Membru konċernat, għandhom jimmodifikaw il-programmi inizzjali ta' kontroll u ta' spezzjoni.

3. Kull fejn l-uffiċjali tal-Kummissjoni jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom, l-Istati Membri konċernati għandhom jipprovdi lill-Kummissjoni bil-mezzi biex twettaq il-kompitu tagħha u għandhom jagħtu lill-uffiċjali l-opportunità biex jevalwaw l-operazzjonijiet ta' kontroll u ta' spezzjoni speċifiċi. L-Istati Membri b'mod partikolari għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji biex jiżguraw li l-missjonijiet ta' kontroll u ta' spezzjoni ma jkunux suġġetti għall-pubbliċità li tagħmel ħsara lill-operazzjonijiet ta' kontroll u ta' spezzjoni.

4. Fil-każ ta' kontrolli u spezzjonijiet fuq il-baħar jew mill-ajru, il-kaptan tal-bastiment jew tal-inġenju tal-ajru biss għandu jkun responsabbli għall-operazzjonijiet. Fl-eżerċitazzjoni tal-kmand tiegħu għandu jikkunsidra l-programm ta' kontroll u ta' spezzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

5. Il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġament għall-uffiċjali tagħha li qed iżuru Stat Membru biex jiġu akkompanjati minn uffiċjal wieħed jew aktar minn Stat Membru ieħor bħala osservaturi. Fuq it-talba tal-Kummissjoni l-Istat Membru li qed jibgħat l-uffiċjali tiegħu għandu jinnomina, anki jekk fi żmien qasir, l-uffiċjali nazzjonali magħżula bħala osservaturi. L-Istati Membri jistgħu wkoll jippreparaw lista ta' uffiċjali nazzjonali li l-Kummissjoni tista' tistedinhom biex ikunu preżenti matul it-tali kontrolli u spezzjonijiet. Il-Kummissjoni tista' tistieden uffiċjali nazzjonali inklużi f'dik il-lista jew dawk notifikati lill-Kummissjoni kif jidhrilha xieraq. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tqiegħed il-lista għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha.

Artikolu 90
Verifiki awtonomi

1. L-ispetturi tal-Kummissjoni jistgħu, fil-kuntest ta' verifika mingħajr notifika minn qabel, imexxu osservazzjonijiet fuq l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Matul l-osservazzjonijiet tagħhom, l-uffiċjali tal-Kummssjoni, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Komunità applikabbli, u f'konformità mar-regoli tal-proċedura li hemm provvediment għalihom fil-liġijiet tal-Istati Membri konċernati, għandhom ikollhom aċċess għall-fajls u d-dokumenti rilevanti u għall-postijiet pubbliċi, il-bastimenti u l-postijiet privati, l-art u l-mezzi tat-trasport fejn qed isiru l-attivitajiet koperti minn dan ir-Regolament, sabiex jiġbru d-dejta (li ma jkunx fiha referenzi b'ismijiet) neċessarja għat-twettiq tax-xogħol tagħhom.

Artikolu 91
Spezzjonijiet awtonomi

1. Fejn hemm raġuni biex wieħed jemmen li qed isiru xi irregolaritajiet fl-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet multiannwali, il-Kummissjoni tista' tmexxi spezzjonijiet awtonomi. L-Istat Membru konċernat għandu jaċċetta l-ispezzjonijiet awtonomi u għandu jiżgura li l-korpi jew il-persuni konċernati jaċċettaw li jiġu sottomessi għat-tali spezzjonijiet. L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri konċernati għandhom jiffaċilitaw ix-xogħol tal-uffiċjali tal-Kummissjoni.

2. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jistgħu iwettqu spezzjonijiet fuq il-bastiment tas-sajd, il-vetturi tat-trasport kif ukoll il-postijiet tan-negozji u korpi oħra li għandhom attivitajiet relatati mal-Politika Komuni tas-Sajd. Għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni u d-dokument kollha meħtieġa biex jeżerċitaw ir-responsabbilitajiet tagħhom. Jistgħu b'mod partikolari jitolbu preżentazzjoni tal-ġurnal ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, iċ-ċertifikat tal-qabdiet, id-dikjarazzjoni tat-trażbord, in-noti tal-bejgħ, ir-reġistri tan-negozju u d-dokumenti rilevanti oħra mis-sajjieda, il-kumpaniji tas-sajd u l-kumpaniji li jittrasportaw, jipproċessaw jew jikkummerċjaw fil-prodotti tas-sajd.

3. L-uffiċjali tal-Kummissjoni għandhom ikollhom l-istess setgħat tal-ispetturi nazzjonali. Għandhom jippreżentaw awtorità bil-miktub li tiddikjara l-identità u l-kapaċità tagħhom. Fil-qadi ta' dmirijiethom fit-territorju jew fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, għandhom japplikaw ir-regoli proċedurali ta' dak l-Istat Membru.

4. L-uffiċjali tal-Istat Membru konċernat għandhom jingħataw il-possibbiltà li jkunu preżenti matul l-ispezzjoni u, fuq it-talba tal-uffiċjali tal-Kummissjoni, għandhom jassistuhom fil-qadi ta' dmirijiethom.

5. L-operaturi kollha jistgħu jkunu suġġetti għal spezzjonijiet awtonomi fejn dawn huma kkunsidrati neċessarji. Fejn intrapriżi jopponu spezzjoni, l-Istat Membru konċernat għandu jagħti lill-uffiċjali tal-Kummissjoni l-assistenza neċessarja inkluż permezz tal-awtoritajiet tal-pulizija, biex jippermettihom jagħmlu l-ispezzjoni.

Artikolu 92
Verifika

Il-Kummissjoni tista' tmexxi verifiki tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri. Il-verifiki jistgħu jinkludu b'mod partikolari evalwazzjoni ta':

a) is-sistema tal-ġestjoni tal-kwoti u tal-isforzi;

b) is-sistemi ta' validazzjoni tad-dejta, inklużi s-sistemi ta' kontroverifiki tad-dejta tas-Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti, id-dejta dwar il-qabdiet, l-isforzi u l-kummerċjalizzazzjoni relatata mar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità kif ukoll il-verifika tal-liċenzji, u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd;

c) l-organizzazzjoni amministrattiva, inkluż is-suffiċjenza tal-persunal disponibbli u l-mezzi disponibbli, it-taħriġ tal-persunal, id-delimitazzjoni tal-funzjonijiet tal-

awtoritajiet kollha involuti fil-kontroll kif ukoll il-mekkaniżmi li hemm għall-koordinazzjoni tax-xogħol u evalwazzjoni konġunta tar-riżultati ta' dawk l-awtoritajiet;

d) is-sistemi operattivi, inklużi l-proċeduri għall-kontroll tal-portijiet dežinjati;

e) il-programmi tal-kontroll nazzjonali inkluż l-istabbiliment tal-livelli ta' spezzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom;

f) is-sistema nazzjonali ta' sanzjonijiet, inkluż is-suffiċjenza tas-sanzjonijiet imposti, id-dewmien tal-proċeduri, il-benefiċċji ekonomiċi li jitilfu t-trażgressuri u n-natura deterrenti tat-tali sistema ta' sanzjonijiet;

g) il-portijiet dežinjati.

Artikolu 93
Rapporti ta' spezzjoni u ta' verifika

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar is-sejbiet tal-verifiki awtonomi u tal-ispezzjonjiet awtonomi fi żmien ġurnata wara li jkunu saru.

2. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jippreparaw rapport ta' spezzjoni wara kull spezzjoni. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru konċernat fi żmien xahar wara l-konklużjoni tal-ispezzjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jikkumentaw dwar is-sejbiet tar-rapport.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport ta' verifika wara kull verifika. Ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru konċernat fi żmien xahar wara l-verifika. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jikkumentaw dwar is-sejbiet tar-rapport.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni neċessarja fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafi 2 u 3.

5. Il-Kummissjoni tista' tippubblika r-rapporti ta' spezzjoni u ta' verifika, flimkien mal-kummenti tal-Istat Membru konċernat, fuq il-parti sikura tal-websajt uffiċjali tagħha.

Artikolu 94
Monitoraġġ tar-rapporti ta' spezzjoni u ta' verifika

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni li tista' titlob fuq l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fis-sottomissjoni tat-talba għall-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tispeċifika l-limitu taż-żmien li fih għandha tiġi provduta l-informazzjoni.

2. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li seħħew xi irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd jew li d-dispożizzjonijiet u l-metodi tal-kontroll eżistenti fi Stati Membri partikolari mhumiex effikaċi, din għandha tinforma lill-Istat Membru konċernat, li mbagħad għandu jmexxi inkjesta amministrattiva li fiha jistgħu jipparteċipaw l-ispetturi tal-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri konċernati għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-inkjesta u għandhom jibgħatu r-rapport lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-talba tal-Kummissjoni. Il-perjodu jista' jiġi estiż mill-Kummissjoni, fuq talba motivata kif jixraq mill-Istat Membru, għal perjodu ta' żmien raġonevoli.

4. Jekk l-inkjesta amministrattiva msemmija fil-paragrafu 2 ma twassalx għat-tneħħija tal-irregolaritajiet jew jekk il-Kummissjoni tidentifika xi nuqqasijiet fis-sistema tal-kontroll ta' Stat Membru matul l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 89, 90 u 91 jew fil-verifika msemmija fl-Artikolu 92, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjan ta' azzjoni ma' dak l-Istat Membru. L-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex jimplimenta dan il-pjan ta' azzjoni.

TITOLU XI
MIŻURI BIEX TIĠI ŻGURATA L-KONFORMITÀ MILL-ISTATI MEMBRI MAL-GĦANIJIET TAL-POLITIKA KOMUNI TAS-SAJD

Kapitolu I
Miżuri finanzjariji

Artikolu 95
Sospensjoni u kanċellazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi għal perjodu massimu ta' tmintax il-xahar il-ħlasijiet kollha jew parti minnhom, tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 u l-Artikolu 8(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006, fejn ikun hemm evidenza li:

   a) id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma ġewx rispettati b'riżultat ta' azzjoni jew ommissjoni li tista' tiġi attribwita direttament lill-Istat Membru kkonċernat, u li

   b) dan jista' jwassal għal theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jew l-operar effikaċi tas-sistema Komunitarja ta' kontroll u infurzar;

   u fejn il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-informazzjoni disponibbli u, kif xieraq wara li teżamina l-ispjegazzjonijiet tal-Istat Membru konċernat, li dak l-Istat Membru konċernat ma ħax il-passi xierqa biex jirrimedja s-sitwazzjoni u mhuwiex f'pożizzjoni li jagħmel dan fil-futur immedjat.

2. Jekk, matul il-perjodu ta' sospensjoni, l-Istat Membru kkonċernat jibqa' ma jurix li ħa azzjoni rimedjali biex jiżgura l-konformità ma' u l-infurzar tar-regoli applikabbli fil-ġejjieni u li ma hemmx riskju serju li l-operar effikaċi fil-ġejjieni tas-sistema Komunitarja ta' kontroll u infurzar ikun imxekkel, il-Kummissjoni tista' tħassar, kompletament jew parzjalment, l-għajnuna finanzjarja Komunitarja, li l-ħlas tagħha jkun ġie sospiż skont il-paragrafu 1. Tħassir bħal dan għandu jsir biss wara li l-ħlas korrispondenti jkun ġie sospiż għal 12-il xahar.

3. Qabel ma tieħu l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tinforma bil-miktub lill-Istat Membru konċernat bis-sejbiet tagħha rigward in-nuqqasijiet fis-sistema ta' Kontroll tal-Istat Membru u bl-intenzjoni tagħha tadotta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 u għandha titolbu biex jieħu azzjoni rimedjali fi żmi li għandu jiġi determinat mill-Kummissjoni skont il-gravità tal-infrazzjoni u li ġeneralment ma jkunx ta' anqas minn xahar.

4. Jekk l-Istat Membru jonqos milli jwieġeb għall-ittra msemmija fil-paragrafu 3 fiż-żmien li għandu jiġi determinat skont dak il-pragrafu, il-Kummissjoni tista' tieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak iż-żmien.

5. Il-perċentwal li bih jistgħu jiġu sospiżi jew ikkanċellati l-ħlasijiet għandu jkun proporzjonat man-natura u l-importanza tan-nuqqas ta' konformità tal-Istat Membru mar-regoli applikabbli dwar il-konservazzjoni, il-kontroll, l-ispezzjoni jew l-infurzar u l-gravità tat-theddida għall-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jew l-operar effikaċi tas-Sistema Komunitarja ta' kontroll u infurzar. Għandu jqis, u jkun limitat mis-sehem relattiv tas-sajd u l-attivitajiet relatati mas-sajd, ikkonċernat bin-nuqqas ta' konformità, f'dak li hu marbut mal-miżuri ffinanzjati mill-għajnuna finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1.

6. Id-deċiżjonijiet skont dan l-Artikolu għandhom jittieħdu b'konsiderazzjoni partikolari għaċ-ċirkostanzi kollha rilevanti u b'tali mod li teżisti rabta ekonomika reali bejn is-suġġet tan-nuqqas ta' konformità u l-miżura relatata mas-sospensjoni tal-ħlas jew mal-kanċellazzjoni tal-għajnuna finanzjarja mill-Komunità.

7. Is-sospensjoni m'għandhiex titkompla jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma jibqgħux jiġu sodisfatti.

8. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Kapitolu II
Għeluq tas-sajd

Artikolu 96
Għeluq tas-sajd fuq nuqqas ta' konformità mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd

1. Meta Stat Membru ma jirrispettax l-obbligazzjonjiet tiegħu għall-implimentazzjoni ta' pjan multiannwali, u fejn il-Kummissjoni għandha raġunijiet biex temmen li n-nuqqas ta' rispett ta' dawk l-obbligazzjonijiet huwa ta' detriment b'mod partikolari għall-istokk konċernat, il-Kummissjoni tista' tagħlaq proviżorjament is-sajd affetwat minn dawk in-nuqqasijiet.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma bil-miktub lill-Istat Membru konċernat dwar is-sejbiet tagħha u għandha tiffissa data tal-għeluq ta' mhux aktar minn 10 ijiem tax-xogħol għall-Istat Membru biex juri li s-sajd jista' jiġi sfruttat b'mod sikur.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss jekk l-Istat Membru jonqos milli jirrispondi għat-talba tal-Kummissjoni sad-data tal-għeluq imsemmija

fil-paragrafu 2 jew jekk it-tweġiba ma titqiesx sodisfaċenti jew tindika biċ-ċar li l-miżuri neċessarji ma ġewx implimentati.

5. Il-Kummissjoni għandha tneħħi l-għeluq wara li l-Istat Membru juri bil-miktub, għas-sodisfazzjoni tal-Kummissjoni, li r-riżorsi tas-sajd jistgħu jiġu sfruttati b'mod sikur.

Kapitolu III
Tnaqqis u trasferimenti ta' kwoti

Artikolu 97
Tnaqqis tal-kwoti

1. Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li Stat Membru jkun stad iżżejjed, aktar mill-kwota, l-allokazzjoni jew is-sehem ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet disponibbli għalih, il-Kummissjoni għandha topera tnaqqis mill-kwota, l-allokazzjoni jew is-sehem annwali tas-sena jew is-snin li jsegwu tal-Istat Membru li stad iżżejjed billi tapplika fattur ta' moltiplikazzjoni skont it-tabella li ġejja:

Livell ta' sajd żejjed, imqabbel mal-ħatt l-art permess	Fattur ta' moltiplikazzjoni
Sa 5%	Sajd żejjed * 1.0
'Il fuq minn 5% sa 10 %	Sajd żejjed * 1.1
'Il fuq minn 10% sa 20%	Sajd żejjed * 1.2
'Il fuq minn 20% sa 40%	Sajd żejjed * 1.4
'Il fuq minn 40% sa 50%	Sajd żejjed * 1.8
Kwalunkwe sajd żejjed aktar minn 50%	Sajd żejjed * 2.0

2. Jekk Stat Membru ripetutament stad iżżejjed aktar mill-kwota, l-allokazzjoni jew is-sehem tiegħu tal-istokk jew il-grupp ta' stokkijiet matul is-sentejn preċedenti, jekk is-sajd żejjed huwa b'mod partikolari detrimentali għall-istokk konċernat jew jekk l-istokk huwa suġġett għal pjan multiannwali, il-fattur ta' moltiplikazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jirdoppja.

3. Jekk Stat Membru jieħu qabdiet minn stokk suġġett għal kwota li għalih m'għandux kwota, allokazzjoni jew sehem disponibbli għalih, il-Kummissjoni tista' tnaqqas fis-sena jew is-snin ta' wara kwoti minn stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet oħra disponibbli għal dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 1.

Artikolu 98
Tnaqqis ta' kwoti għan-nuqqas ta' konformità mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd

1. Fejn ikun hemm evidenza li hemm nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-konservazzjoni, il-kontroll, l-ispezzjoni jew l-infurzar taħt il-Politika Komuni tas-

Sajd minn Stat Membru u li dan jista' jwassal għal periklu serju għall-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jew l-operazzjoni effikaċi tas-sistema ta' kontroll u ta' infurzar tal-Komunità, il-Kummissjoni tista' topera tnaqqis mill-kwoti, l-allokazzjonijiet jew is-sehem annwali ta' stokk jew grupp ta' stokkijiet disponibbli għal dak l-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma bil-miktub lill-Istat Membru konċernat dwar is-sejbiet tagħha u għandha tiffissa data tal-għeluq ta' mhux aktar minn 10 ijiem tax-xogħol għall-Istat Membru biex juri li s-sajd jista' jiġi sfruttat b'mod sikur.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw biss jekk l-Istat Membru jonqos milli jirrispondi għat-talba tal-Kummissjoni sad-data tal-għeluq imsemmija fil-paragrafu 2 jew jekk it-tweġiba ma titqiesx sodisfaċenti jew tindika biċ-ċar li l-miżuri neċessarji ma ġewx implimentati.

4. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, u b'mod partikolari għad-determinazzjoni tal-kwantitajiet konċernati, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 99
Ċaħda tat-trasferimenti tal-kwoti

Il-Kummissjoni tista' tiċħad it-trasferiment tal-kwoti għall-istokkijiet ta' Stat Membru għas-sena ta' wara skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti jekk:

a) ikun sar sajd żejjed 'il fuq mill-kwota li għandha tiġi trasferita mill-Istat Membru konċernat f'kwalunkwe waħda mis-sentejn preċedenti immedjatament jew

b) il-kwota tirreferi għal stokk li jaqa' taħt pjan multiannwali jew li jinqabad flimkien ma' stokk li jaqa' taħt pjan multiannwali u li sar sajd żejjed tiegħu 'il fuq minn dik il-kwota jew minn kwoti għal stokkijiet li jaqgħu taħt pjan multiannwali u li l-istokk jinqabad magħhom, mill-flotta ta' dak l-Istat Membru f'waħda mill-ħames snin preċedenti immedjatament jew

c) l-Istat Membru konċernat ma jiħux il-miżuri xierqa biex jiżgura ġestjoni xierqa tal-opportunitajiet tas-sajd tal-istokkijiet konċernati, b'mod partikolari billi ma joperax sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 102 jew billi jopera b'mod insuffiċjenti s-sistemi li jipprovdu d-dejta għal din is-sistema ta' validazzjoni.

Artikolu 100
Ċaħda ta' skambji ta' kwoti

Il-Kummissjoni tista' teskludi l-possibbiltà ta' skambju tal-kwoti skont l-Artikolu 20 paragrafu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002:

a) għall-kwoti li minnhom sar sajd żejjed ta' aktar minn 10% tal-kwoti disponibbli għal wieħed mill-Istati Membri konċernati f'waħda mis-sentejn preċendenti immedjatament jew

b) jekk l-Istat Membru konċernat ma jiħux il-miżuri xierqa biex jiżgura ġestjoni xierqa tal-opportunitajiet tas-sajd konċernati, b'mod partikolari billi ma joperax sistema ta' validazzjoni kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 102 jew billi jopera b'mod insuffiċjenti s-sistemi li jipprovdu d-dejta għal din is-sistema ta' validazzjoni.

Kapitolu IV Miżuri ta' Emerġenza

Artikolu 101
Miżuri ta' emerġenza

1. Jekk hemm evidenza, ukoll jekk ibbażata fuq ir-riżultati tat-teħid ta' kampjuni mmexxi mill-Kummissjoni, li l-attivitajiet tas-sajd u/jew il-miżuri adottati minn Stat Membru jew Stati Membri jheddu l-Politika Komuni tas-Sajd jew huma ta' periklu għall-ekosistema tal-baħar u dan jeħtieġ azzjoni immedjata, il-Kummissjoni, fuq it-talba sostanzjata ta' kwalunkwe Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tista' tiddeċiedi fuq miżuri ta' emerġenza li m'għandhomx idumu aktar minn sena. Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni ġdida biex testendi l-miżuri ta' emerġenza għal mhux aktar minn sitt xhur.

2. Il-miżuri ta' emerġenza li hemm provvediment għalihom fil-paragrafu 1 għandhom ikunu proporzjonali għat-theddida u jistgħu jinkludu, fost affarijiet oħrajn:

a) is-sospensjoni tal-attivitajiet tas-sajd ta' bastimenti jtajru l-bandiera tal-Istati Membri konċernati;

b) l-għeluq tas-sajd;

c) projbizzjoni għall-operaturi tal-Komunità li jaċċettaw ħatt l-art, tqegħid f'gaġeġ għat-tħaxxin jew għall-akkwakultura, jew trażbordijiet ta' ħut u prodotti tas-sajd minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri konċernati;

d) projbizzjoni li jqiegħdu fis-suq jew jużaw għal finijiet kummerċjali oħra ħut u prodotti tas-sajd maqbudin mill-bastimenti li qed itajru l-bandiera tal-Istati Membri konċernati;

e) projbizzjoni tal-forniment ta' ħut ħaj għall-akkwakultura fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri konċernati;

f) projbizzjoni li jaċċettaw ħut ħaj maqbud minn bastimenti li qed itajru l-bandiera tal-Istat Membru konċernat għall-akkwakultura fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri l-oħra;

g) projbizzjoni għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru konċernat milli jistadu fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stati Membri oħra;

h) modifikazzjoni tad-dejta tas-sajd sottomessa minn Stati Membri b'mod xieraq.

3. Stat Membru għandu jikkomunika t-talba msemmija fil-paragrafu 1 simultanjament lill-Kummisjoni u l-Istati Membri konċernati. L-Istati Membri l-oħra għandhom jissottomettu l-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem minn meta jirċievu t-talba. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

4. Il-miżuri ta' emerġenza għandhom jidħlu fis-seħħ immedjatament. Dawn għadhom jiġu notifikati lill-Istati Membri konċernati u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropea.*

5. L-Istati Membri konċernati jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu n-notifika.

6. Il-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar mid-data ta' meta jkun irċieva r-referenza.

TITOLU XII
DEJTA U INFORMAZZJONI

Kapitolu I
Analiżi u Verifika tad-Dejta

Artikolu 102
Prinċipji ġenerali għall-analiżi tad-dejta

1. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw l-akkuratezza tad-dejta kollha reġistrata skont dan ir-Regolament, u r-rispett tad-dati ta' għeluq għas-sottomissjoni tad-dejta sabiex jiżguraw il-konformità mal-obbligazzjonijiet stabbiliti fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għal dak l-għan l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema kompjuterizzata ta' validazzjoni li tinkludi b'mod partikolari:

   a) proċeduri għall-verifika tal-kwalità tad-dejta kollha rreġistrata skont dan ir-Regolament;

   b) kontroverifiki, analiżi u verifikar tad-dejta kollha rreġistrata skont dan ir-Regolament;

   c) proċeduri għall-verifika tal-konformità mad-dati tal-għeluq għas-sottomissjoni tad-dejta kollha rreġistrata skont dan ir-Regolament.

2. Is-sistema ta' validazzjoni għandha tippermetti l-identifikazzjoni immedjata ta' inkonsistenzi fid-dejta relatata u l-azzjonijiet ta' segwitu.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu database kompjuterizzata għas-sistema ta' validazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, b'kunsiderazzjoni għall-prinċipju tal-kwalità tad-dejta kif applikabbli għad-databases kompjuterizzati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-database tipprovdi l-informazzjoni dwar l-azzjoni ta' segwitu għall-inkonsistenzi, tippermetti l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd jew tal-operaturi li għalihom instabu l-inkonsistenzi fid-dejta, u tippermetti l-korrezzjoni tad-dejta li ddaħlet ħażin. F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw id-dejta li ġiet ikkoreġuta u r-raġuni għat-tali korrezzjoni.

5. Jekk id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 ma tiġix trażmessa permezz ta' mezzi elettroniċi l-Istati Membri għandhom li din tiddaħħal manwalment fid-database mingħajr dewmien.

6. L-Istati Membri għandhom jivvalidaw kontinwament, sistematikament u bir-reqqa d-dejta kollha msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi ta' algoritmi u mekkaniżmi kompjuterizzati awtomatizzati, b'mod partikolari permezz ta' kontroverifiki tad-dejta.

7. Jekk tiġi identifikata inkonsistenza fid-dejta relatata, l-Istat Membru għandu jagħmel l-investigazzjonijiet neċessarji u, jekk hemm jissuspetta li seħħet xi infrazzjoni, jieħu l-azzjoni neċessarja.

Artikolu 103
Komunikazzjoni tad-dejta

1. Għall-verifika tal-kompletezza u l-kwalità tad-dejta msemmija fl-Artikolu 102, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni jkollha aċċess dirett fil-ħin reali f'kwalunkwe ħin mingħajr notifika minn qabel, għad-database kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 102. Il-Kummissjoni għandha tingħata l-possibbiltà li tniżżel dik id-dejta għal kwalunkwe perjodu jew għal kwalunkwe numru ta' bastimenti.

2. L-inkonsistenzi rilevati permezz tas-sistema ta' validazzjoni u l-azzjoni ta' segwitu tat-tali inkonsistenzi għandhom ikunu konnessi mad-dejta rilevanti b'mod li, meta l-informazzjoni fuq il-parti sikura tal-websajt uffiċjali li hemm provvedimenti għaliha fl-Artikolu 106 tiġi mfittxa, it-tali inkonsistenzi rilevati u l-insegwiment tagħhom jistgħu jiġu traċċati. Id-dati għar-riċeviment tad-dejta, id-dħul tad-dejta u l-validazzjoni tad-dejta, kif ukoll id-dejta ta' segwitu, għandhom ikunu viżibbli b'mod ċar.

3. Id-dejta tas-sistema ta' validazzjoni disponibbli fuq il-websajt uffiċjali li hemm provvediment għaliha fl-Artikolu 106 għandha tiġi aġġornata fil-ħin reali.

4. Jekk il-Kummissjoni identifikat xi inkonsistenzi fid-dejta fis-sistema ta' validazzjoni tal-Istat Membru bħala riżultat tal-investigazzjonijiet tagħha, tista' titlob lill-Istat Membru jikkoreġi din id-dejta, u għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

5. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' format standardizzat għat-tniżżil tad-dejta msemmija fl-Artikolu 102, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Kapitolu II
Kunfidenzjalità tad-dejta

Artikolu 104
Protezzjoni ta' dejta personali

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Direttiva 95/46/KE jiġu rispettati.

2. L-ismijiet ta' persuni naturali m'għandhomx jiġu komunikati lill-Kummissjoni jew lil Stat Membru ieħor ħlief fil-każ fejn hemm provvediment partikolari għat-tali komunikazzjoni f'dan ir-Regolament jew jekk dan huwa meħtieġ għall-prevenzjoni jew l-insegwiment tal-infrazzjonijiet jew il-verifika ta' fejn jidher li hemm xi infrazzjonijiet. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex tiġi trażmessa sakemm mhijiex aggregata ma' dejta oħra f'forma li ma tippermettix l-identifikazzjoni diretta jew indiretta ta' persuni naturali.

Artikolu 105
Kunfidenzjalità u segretezza professjonali u kummerċjali

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha biex jiżguraw li d-dejta miġbura u rċevuta fil-kuntest ta' dan ir-Regolament tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali u li jiġu rispettati r-regoli kollha dwar is-segretezza professjonali u kummerċjali tad-dejta.

2. Id-dejta skambjata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni m'għandhiex tiġi trasmessa lil persuni minbarra dawk fl-Istati Membri jew fl-istituzzjonijiet tal-Komunità li l-funzjonijiet tagħhom jeħtieġu li jkollhom aċċess, sakemm l-Istati Membri li qed jitrażmettu d-dejta ma jagħtux il-kunsens tagħhom biex dan isir.

3. Id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex tintuża ħlief għall-iskopijiet li hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament sakemm l-awtoritajiet li qed jipprovdu d-dejta ma jagħtux il-kunsens tagħhom għall-użu tad-dejta għal skopijiet oħra u bil-kundizzjoni li d-dispożizzjonijet fis-seħħ fl-Istat Membru tal-awtorità li qed tirċievi d-dejta ma jipprojbixxux it-tali użu jew komunikazzjoni.

4. Il-komunikazzjoni tad-dejta fil-kuntest ta' dan ir-Regolament lil persuni li qed jaħdmu għal awtoritajiet kompetenti, qrati, awtoritajiet oħra pubbliċi u l-Kummisjoni jew il-korp dežinjat minnha, li l-iżvelar tagħha jista' jkollu effett negattiv fuq:

   a) il-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi, skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar il-protezzjoni tad-dejta personali,

   b) l-interessi kummerċjali ta' persuna naturali jew legali, inkluż il-proprjetà intellettwali,

   c) il-proċeduri tal-qorti u l-pariri legali jew

d) l-ambitu tal-ispezzjonijiet jew l-investigazzjonijiet,

se tkun permessa biss jekk hija neċessarja għall-waqfien minn infrazzjoni jew projbizzjoni ta' infrazzjoni tar-regoli tal-Politika Komunit tas-Sajd u l-awtorità li qed tikkomunika l-informazzjoni tagħti l-kunsens għall-iżvelar.

5. It-tali dejta għandha tibbenefika mill-istess protezzjoni li tingħata lil dejta simili permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li qed jirċeviha u mid-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Komunità.

6. Il-paragrafi 1 sa 6 m'għandhomx jiġu interpretati bħala ostakli għall-użu tad-dejta, miksuba permezz ta' dan ir-Regolament, fil-kuntest tal-azzjonijiet jew il-proċeduri legali li jittieħdu sussegwentement b'riżultat tan-nuqqas ta' rispett għar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jittrażmettu d-dejta għandhom jiġu informati bl-istanzi kollha fejn it-tali dejta intużat għal dawn l-iskopijiet.

7. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-obbligazzjonijiet skont il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-għajnuna reċiproka f'kwistjonijiet kriminali.

Kapitolu III
Websajts uffiċjali

Artikolu 106
Websajts uffiċjali

1. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament kull Stat Membru għandu jwaqqaf sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2010 websajt uffiċjali aċċessibbli permezz tal-Internet u li fiha l-informazzjoni elenkata fl-Artikoli 107 u 108. Il-websajt għandha ssegwi l-linji gwida tal-'Inizjattiva fuq l-Aċċessibbiltà tal-Web'. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-indirizz tal-Internet tal-websajt uffiċjali tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiżviluppa standards u proċeduri komuni biex tiżgura komunikazzjoni trasparenti bejn l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri, l-Aġenzija u l-Kummissjoni, inkluż it-trażmissjoni ta' aġġornamenti regolari dwar ir-reġistri tal-attivitajiet tas-sajd relatati mal-possibbiltajiet tas-sajd.

2. Il-websajt uffiċjali ta' kull Stat Membru għandha tkun komposta minn parti aċċessibbli għall-pubbliku u parti sikura. Fuq dik il-websajt kull Stat Membru għandu jistabbilixxi, jżomm u jaġġorna d-dejta neċessarja għal skopijiet ta' kontroll skont dan ir-Regolament.

Artikolu 107
Il-parti tal-websajt aċċessibbli għall-pubbliku

1. Fuq il-parti tal-websajt tagħhom li tkun aċċessibbli għall-pubbliku, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw mingħajr dewmien

a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji tas-sajd, u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd msemmija fl-Artikolu 7;

b) il-lista ta' portijiet dežinjati għat-trażbord bl-ispeċifikazzjoni tal-ħinijiet operattivi, kif imsemmi fl-Artikolu 18;

c) xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' pjan multiannwali, u wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-lista tal-portijiet dežinjati, bl-ispeċifikazzjoni tal-ħinijiet operattivi kif imsemmi fl-Artikolu 34, u fi żmien 30 ġurnata wara, il-kundizzjonijiet assoċjati mar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-kwantitajiet tal - ispeċijiet taħt il-pjan multiannwali għal kull operazzjoni tal-ħatt l-art;

d) id-dettalji tal-punt tal-kuntattt għat-trażmissjoni jew is-sottomissjoni tal-ġurnali ta' abbord, in-notifiki minn qabel, id-dikjarazzjonijiet tat-trażbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, in-noti tal-bejgħ, id-dikjarazzjonijiet tal-kisba u d-dokumenti tat-trasport kif imsemmija fl-Artikoli 14, 17, 18, 21, 54, 57 u 58;

e) mappa bil-koordinati taż-żona tal-għeluq temporanju fil-ħin reali kif imsemmija fl-Artikolu 45, bl-ispeċifikazzjoni tad-dewmien tal-għeluq u l-kundizzjonijiet li jikkontrollaw is-sajd f'dik iż-żona magħluqa speċifika;

f) id-deċiżjoni biex jingħalaq is-sajd skont l-Artikolu 26 u d-dettalji kollha neċessarji.

Artikolu 108
Il-parti sikura tal-websajt

1. Fil-parti sikura tal-websajt kull Stat Membru għandu jistabbilixxi, jżomm u jaġġorna l-listi u d-databases li ġejjin:

a) il-listi tal-uffiċjali responsabbli għall-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 65;

b) id-database elettronika għat-trattament tar-rapporti ta' spezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-uffiċjali msemmija fl-Artikolu 69;

c) il-fajls tal-kompjuter tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti reġistrati miċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd imsemmija fl-Artikolu 9;

d) id-database elettronika li fiha l-lista tal-liċenzji tas-sajd kollha, u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa u ġestiti skont dan ir-Regolament, b'indikazzjoni ċara tal-kundizzjonijiet stabbiliti u l-informazzjoni dwar is-sospensjonijiet u l-irtiri kollha;

e) id-database elettronika li fiha d-dejta rilevanti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 23;

f) id-database elettronika li fiha l-infrazzjonijiet kollha tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd inklużi s-sanzjonijiet li weħlu, relatati mal-bastimenti li qed itajru l-bandiera tiegħu u ċ-ċittadini tiegħu msemmija fl-Artikolu 85;

g) id-database elettronika għall-finijiet tal-verifikazzjoni tal-kompletezza u l-kwalità tad-dejta miġbura kif jissemma fl-Artikolu 102.

2. Fil-parti sikura tal-websajt tiegħu kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistema nazzjonali ta' informazzjoni relatata mas-sajd, li tippermetti l-iskambju elettroniku dirett ta' informazzjoni ma' Stati Membri oħra, il-Kummissjoni jew il-korp dežinjat minnha msemmi fl-Artikolu 109.

3. Għall-parti sikura tal-websajt tiegħu, kull Stat Membru għandu jipprovdi aċċess mill-bogħod lill-Kummissjoni u lill-korp dežinjat minnha. L-Istat Membru għandu jagħti aċċess lill-uffiċjali tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' ċertifikati elettroniċi ġenerati mill-Kummissjoni jew il-korp dežinjat minnha.

4. Id-dejta li hemm fil-partijiet sikuri tal-websajts għandha tkun disponibbli biss għal utenti speċifiċi awtorizzati għal dak l-għan jew mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni jew mill-korp dežinjat minnha. Id-dejta aċċessibbli għal dawn il-persuni għandha tkun limitata għad-dejta li għandhom bżonn biex jagħmlu xogħlhom u l-attivitajiet ta' żgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u b'hekk għandhom ikunu marbuta mir-regoli li jikkontrollaw il-kunfidenzjalità tal-użu tat-tali dejta.

5. Id-dejta li hemm fil-partijiet sikuri tal-websajt għandha tiġi maħżuna biss safejn huwa neċessarju għall-iskop ta' dan ir-Regolament, imma dejjem għal minimu ta' tliet snin kalendarji, li jibdew mis-sena ta' wara li tiġi rreġistrata l-informazzjoni.

TITOLU XIII
IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 109
Kooperazzjoni amministrattiva tal-Istati Membri

1. L-awtoritajiet responsabbli għal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, mal-Kummissjoni u l-korp dežinjat minnha sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Għal dan l-għan, għandha tiġi stabbilita sistema ta' assistenza reċiproka, li se tinkludi regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni fuq talba jew fuq bażi spontanja. Għandha tiġi stabbilita wkoll sistema ta' informazzjoni awtomatizzata permezz ta' databases nazzjonali.

3. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 111.

Artikolu 110
Obbligazzjonijiet ta' rappurtar

1. Kull erba' snin, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Fuq il-bażi tar-rapporti sottomessi mill-Istati Membri u l-osservaturi tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tipprepara rapport kull ħames snin, li għandu jiġi sottomess lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-Politika Komuni tas-Sajd 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni rapport li jiddikjara r-regoli li ntużaw mid-dejta bażika għall-produzzjoni tar-rapporti.

Artikolu 111
Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejuna mil-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. Fejn isir referenza għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

3. Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun definit bħala xahar wieħed.

Artikolu 112
Emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005

Ir-Regolament (KE) Nru 768/2005 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3, jiżdied il-punt li ġej:

'(i) biex jassisti fl-implimentazzjoni uniformi tas-sistema ta' kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd, **inkluż b'mod partikolari:**

- l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni operattiva tal-attivitajiet tal-kontroll mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi tal-kontroll, programmi tal-kontroll IUU u programmi internazzjonali tal-kontroll;

- it-tmexxija ta' verifiki tas-sistemi tal-kontroll nazzjonali u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi tal-kontroll tagħhom, b'għajnuna minn awtoritajiet nazzjonali għoljin jew entitajiet kwalifikati indipendenti;

- l-ispezzjonijiet neċessarji għat-twettiq ta' xogħlhom.'

2. Fl-Artikolu 5

a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. Il-koordinazzjoni operattiva mill-Aġenzija għandha tkopri l-kontroll tal-attivitajiet kollha koperti mill-Politika Komuni tas-Sajd:

(b), jiżdied il-paragrafu li ġej:

'3. Għat-titjib tal-koordinazzjoni operattiva mtejba bejn l-Istati Membri, l-Aġenzija tista' tistabbilixxi pjanijiet operattivi mal-Istati Membri konċernati u tikkoordina l-implimentazzjoni tagħhom.'

3. L-Artikolu 7 jitbiddel b'dan li ġej:

'Artikolu 7
Assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri

L-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex tiġi żgurata l-konformità għolja, uniformi u effikaċi tal-obbligazzjonijiet tagħhom taħt ir-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd inkluża l-ġlieda kontra s-sajd IUU u r-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi. L-Aġenzija għandha b'mod partikolari:

a) tistabbilixxi u tiżviluppa kurrikulu ċentrali għat-taħriġ tal-għalliema fl-ispettorat tas-sajd tal-Istati Membri u tipprovdi korsijiet ta' taħriġ addizzjonali u seminars għal dawk l-ispetturi u l-persunal l-ieħor involvuti fl-attivitajiet tal-kontroll;

b) tistabbilixxi u tiżviluppa kurrikulu ċentrali għat-taħriġ tal-ispetturi tal-Komunità qabel ma jintbagħtu fuq xogħol għall-ewwel darba u tipprovdi taħriġ u seminars addizzjonali aġġornati fuq bażi regolari għal dawn l-ispetturi;

c) fuq it-talba tal-Istati Membri, timpenja ruħha fl-akkwist konġunt tal-oġġetti u s-servizzi relatati mal-attivitajiet tal-kontroll mill-Istati Membri kif ukoll tipprepara għal u tikoordina l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-proġetti pilota konġunti;

d) tipprepara proċeduri operattivi konġunti relatati mal-attivitajiet tal-kontroll konġunti li jimpenjaw tnejn jew aktar Stati Membri;

e) telabora kriterji għall-iskambju tal-mezzi ta' kontroll u ta' spezzjoni bejn l-Istati Membri u bejn Stati Membri u pajjiżi terzi u għall-provvista tat-tali mezzi mill-Istati Membri.

f) tmexxi analiżi tar-riskju fuq il-bażi tad-dejta tas-sajd fuq il-qabdiet, il-ħatt l-art u l-isforz tas-sajd, kif ukoll analiżi tar-riskju tal-ħatt l-art mhux rapportat inkluż fost affarijiet oħrajn il-paragun tad-dejta fuq il-qabdiet u l-importazzjonijiet mad-dejta fuq l-esportazzjonijiet u fuq il-konsum nazzjonali;

g) fuq it-talba tal-Kummissjoni jew tal-Istati Membri tiżviluppa metodoloġiji u proċeduri komuni ta' spezzjoni;

h) tassisti lill-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligazzjonijiet tagħhom u tal-Komunità u internazzjonali oħra inkluża l-ġlieda kontra s-sajd IUU u dawk li jirriżultaw fil-kuntest tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd;

i) tippromwovi u tikkoordina l-iżvilupp ta' metodoloġiji uniformi ta' ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-kompetenza tagħha;

j) tikkoordina u tippromwovi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u standards komuni għall-iżvilupp ta' pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni definiti fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità.'

Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, għandu jiddaħħal il-kapitolu li ġej:

'Kapitolu IIIa Kompetenzi tal-Aġenzija

L-Artikolu 17a
Spezzjonijiet mill-Istati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' infurzar konferiti mit-Trattat fuq il-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fl-evalwazzoni u l-kontroll tal-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd mill-Istati Membri. L-Aġenzija tista' tmexxi spezzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi u operaturi privati fl-Istati Membri. Għal dan l-iskop tista', f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi tal-Istati Membri konċernati,

   a) teżamina r-reġistri rilevanti, id-dejta, il-proċeduri u kwalunkwe materjal ieħor rilevanti;

   b) tagħmel kopji ta' jew tieħu siltiet mit-tali reġistri, dejta, proċeduri u materjali oħra;

   c) titlob spjegazzjoni fuq il-post;

   d) tidħol f'kwalunkwe post jew mezzi tat-trasport rilevanti.

2. L-uffiċjali tal-Aġenzija għandhom jipproduċu awtorità bil-miktub li tiddikjara l-identità u l-kapaċità tagħhom. L-Aġenzija għandha tinforma lill-Istat Membru konċernat dwar l-ispezzjoni ppjanata u l-ismijiet tal-uffiċjali fi żmien raġonevoli qabel l-ispezzjoni.

3. L-Istat Membru konċernat għandu jaċċetta t-tali spezzjonijiet u għandu jiżgura li kwalunkwe korpi jew persuni konċernati wkoll jaċċettaw it-tali spezzjonijiet.

4. Fejn operatur jopponi t-tali spezzjoni, l-Istat Membru konċernat għandu jagħti l-assistenza neċessarja lill-uffiċjali awtorizzati mill-Aġenzija biex ikunu jistgħu jagħmlu l-ispezzjoni tagħhom.

5. Ir-rapporti ppreparati għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri konċernati u lill-Kummissjoni.

Artikolu 17b
Miżuri tal-Aġenzija

L-Aġenzija għandha, fejn xieraq:

a) toħroġ manwali dwar l-istandards armonizzati tal-ispezzjonijiet;

b) tiżviluppa materjal ta' gwida li jirrifletti l-aħjar prattiki fil-qasam tal-kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd, inkluż dwar it-taħriġ ta' uffiċjali tal-kontroll, u aġġornament ta' dan fuq bażi regolari;

c) timmonitorja l-funzjonament ġenerali tal-kontroll tal-Politika Komuni tas-Sajd, inkluż fi Stati Membri individwali. Dan jista' jinkludi żjarat fi Stati Membri;

d) tipprovdi lill-Kummissjoni bl-appoġġ tekniku u amministrattiv neċessarju biex tagħmel ix-xogħol tagħha;

e) timmonitorja l-livell u l-kwalità tat-taħriġ tal-uffiċjali nazzjonali u l-mezzi nazzjonali tal-kontroll.

Artikolu 17c
Kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw ma' u jagħtu l-assistenza neċessarja lill-Aġenzija għall-qadi tal-missjoni tagħha.

2. B'kunsiderazzjoni tas-sistemi legali differenti fl-Istati Membri individwali, l-Aġenzija se tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejnhom u l-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' standards armonizzati għall-kontroll skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunità u b'kunsiderazzjoni tal-aqwa prattiki fl-Istati Membri u l-istandards internazzjonali maqbula.

Artikolu 17d
Unità ta' emerġenza

1. Fejn il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq it-talba ta' għadd ta' Stati Membri, tidentifika sitwazzjoni li tinvolvi riskju serju dirett, indirett jew potenzjali għall-Politika Komuni tas-Sajd, u r-riskju ma jistax jiġi prevenut, eliminat jew imnaqqas b'mezzi eżistenti jew ma' jistax jiġi ġestit b'mod adegwat, l-Aġenzija għandha tiġi notifikata immedjatament.

2. L-Aġenzija li qed taġixxi fuq it-tali notifika jew fuq l-inizjattiva tagħha għandha immedjatament twaqqaf unità ta' emerġenza u tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 17e
Xogħol tal-unità ta' emerġenza

1. L-unità ta' emerġenza ffurmata mill-Aġenzija se tkun responsabbli għall-ġbir u l-evalwazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha u l-identifikazzjoni tal-alternattivi

disponibbli għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskju għall-Politika Komuni tas-Sajd bl-aktar mod effettiv u rapidu possibbli.

2. L-unità ta' emerġenza tista' titlob l-assistenza ta' kwalunkwe awtorità pubblika jew persuna privata li l-esperjenza professjonali tagħhom hija meqjusa neċessarja għar-reazzjoni effikaċi għall-emerġenza.

3. L-Aġenzija għandha tagħmel il-koordinazzjoni neċessarja biex tirreaġixxi b'mod adegwat u opportun għall-emerġenza.

4. L-unità ta' emerġenza, fejn xieraq, għandha żżomm lill-pubbliku infurmat dwar ir-riskji involuti u l-miżuri meħudin.

Artikolu 17f
Programm tax-xogħol multiannwali

1. Il-programm tax-xogħol multiannwali tal-Aġenzija għandu jistabbilixxi l-għanijiet prinċipali, il-mandat, il-kompiti, l-indikaturi tar-rendiment u l-prijoritajiet għal kull azzjoni tal-Aġenzija għal perjodu ta' 5 snin. Għandu jinkludi preżentazzjoni tal-pjan ta' politika tal-persunal u stima tal-approprjazzjonijiet tal-baġit li għandhom ikunu disponibbli għall-kisba tal-għanijiet għal dak il-perjodu ta' 5 snin.

2. Il-programm tax-xogħol multiannwali se jiġi preżentat skont is-sistema u l-metodoloġija tal-Ġestjoni Ibbażata fuq l-Attività żviluppata mill-Kummissjoni. Din se tiġi adottata mill-Bord Amministrattiv.

3. Il-programm tax-xogħol annwali msemmi fl-Artikolu 23 (2) c għandu jirreferi għall-programm tax-xogħol multiannwali. Dan għandu jindika b'mod ċar iż-żidiet, il-bidliet jew it-tħassir li jsir meta mqabbel mal-programm tax-xogħol tas-sena preċedenti, u l-progress miksub fil-kisba tal-għanijiet ġenerali u l-prijoritajiet tal-programm tax-xogħol multiannwali.

L-Artikolu 17g
Kooperazzjoni fl-Affarijiet Marittimi

1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' politika marittima integrata tal-UE, u b'mod partikolari għall-kisba ta' netwerk ta' sorveljanza marittima integrata tal-UE, permezz tad-disponibbilità tas-sistemi operattivi tagħha kif ukoll id-dejta tagħha dwar il-monitoraġġ tas-sajd u l-konformità tal-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, u l-Istati Membri.

2. F'isem l-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv jista' jikkonkludi ftehimiet amministrattivi ma' korpi oħra f'affarijiet koperti minn dan ir-Regolament wara li jkun informa lill-Bord Amministrattiv. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan fi stadju bikri tat-tali negozjati.'

Artikolu 17h
Regoli dettaljati

1. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30 (2) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. Dawn ir-regoli jistgħu jkopru b'mod partikolari l-formulazzjoni tal-pjanijiet ta' reazzjoni għall-emerġenza, l-istabbiliment ta' unità ta' emerġenza u l-proċeduri prattiċi li għandhom jiġu applikati.'

Artikolu 113
Emendi għal Regolamenti oħra

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 huwa emendat kif ġej:

   a) L-Artikolu 21 jitbiddel b'dan li ġej:

      'L-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u l-insegwiment tal-attivitajiet kif stabbiliti fl-Artikolu 1 se jiġu kkontrollati u l-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd infurzata. Għal dan l-iskop se tiġi stabbilita sistema tal-Komunità għall-monitoraġġ, is-sorveljanza, l-ispezzjoni u l-infurzar tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.'

   b) L-Artikoli 22 sa 28 jitħassru.

2. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004[38], il-Kapitolu V qed jiġi mħassar.

3. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004[39], l-Artikoli 7, 8, 10, 11, 12 u 13 qed jiġu mħassra.

4. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005[40], l-Artikoli 9, 10, 11, 12, u 13 qed jiġu mħassra.

5. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2115/2005[41], l-Artikolu 7 qed jiġi mħassar.

6. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006[42] l-Artikoli 7, 8, 10 u 11 qed jiġu mħassra.

7. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007[43], l-Artikoli 6, 8, 9, u 10 qed jiġu mħassra

8. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007[44] l-Artikoli 10, 11, 12, 14 u 15 qed jiġu mħassra

---

38 ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8.
39 ĠU L 185; 27.5.2004, p. 1.
40 ĠU L 345; 28.12.2005, p. 5.
41 *ĠU L 340, 23.12.2005, p. 3.*
42 ĠU L 65; 7.3.2006, p. 1.
43 ĠU. L 122, 11.5.2007, p. 7.

9. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007[45], l-Artikoli 15 u 25 qed jiġu mħassra

10. Fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96, l-Artikolu 5 qed jiġi mħassar.

Artikolu 114
Revoki

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-permessi tas-sajd speċjali għandhom ikunu revokati.

Artikolu 115
Referenzi

Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet mħassra skont l-Artikolu 113 u għar-Regolamenti revokati skont l-Artikolu 114 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għar-Ir-Regolament preżenti u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

TITOLU XIV
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 116
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'I*l-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

---

44 ĠU L157, 19.06.2007, p. 1.
45 *ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1.*

ANNESS I

PUNTI TA' RIFERIMENT SPEĊIFIĊ GĦALL-ISPEZZJONI GĦALL-PJANIJIET MULTIANNWALI

Għan

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punti ta' riferiment speċifiċi għall-ispezzjoni skont dan l-Anness.

Strateġija

2. L-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd għandhom jikkonċentraw fuq il-bastimenti li għandhom ċans li jaqbdu speċijiet suġġetti għal pjan multiannwali. Ispezzjonijiet aleatorji tat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ispeċijiet suġġetti għal pjan multiannwali għandhom jintużaw bħala mekkaniżmu kumplimentari għall-kontroverifiki li jittestjaw l-effikaċja tal-ispezzjoni u s-sorveljanza.

Prijoritajiet

3. Tipi ta' rkaptu differenti għandhom ikunu suġġetti għal-livelli differenti ta' prijoritizzazzjoni, skont kemm il-flotot huma affetwati mil-limiti fuq l-opportunitajiet tas-sajd. Għal din ir-raġuni, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi prijoritajiet speċifiċi.

Punti ta' riferiment ta' mira

4. Mhux aktar tard minn xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' Regolament li jistabbilixxi pjan multiannwali, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-iskedi ta' spezzjoni tagħhom b'kunsiderazzjoni għall-miri stabbiliti hawn taħt.

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw u jiddeskrivu l-istrateġija ta' teħid ta' kampjuni li se tiġi applikata.

Il-Kummissjoni għandha jkollha aċċess għall-pjan ta' teħid ta' kampjuni użat mill-Istat Membru.

(a) Livell ta' spezzjoni fil-portijiet

Bħala regola ġenerali, l-akkuratezza li trid tinkiseb għandha tkun tal-anqas ekwivalenti għal dik miksuba permezz ta' metodu ta' teħid ta' kampjuni aleatorju u sempliċi, fejn l-ispezzjonijiet ikopru 20 % tal-ħatt l-art tal-ispeċijiet suġġetti għal pjan multiannwali fuq il-bażi tal-piż fi Stat Membru.

(b) Livell ta' spezzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni

L-ispezzjoni ta' 5 % tal-kwantitajiet tal-ispeċijiet suġġetti għal pjan multiannwali offruti għall-bejgħ bl-irkant.

(c) Livell ta' spezzjoni fuq il-baħar

Punt ta' riferiment flessibbli: li jrid jiġi stabbiliti wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd f'kull żona. Il-punti ta' riferiment fuq il-baħar għandhom jirreferu n-numru ta' ġranet ta' għassa fuq il-baħar fiż-żoni ta' ġestjoni, possibbilment b'punt ta' riferiment separat għall-ġranet ta' għassa ta' żoni speċifiċi.

(d) Livell ta' sorveljanza mill-ajru

Punt ta' riferiment flessibbli: li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd immexxija f'kull żona u b'kunsiderazzjoni tar-riżorsi disponibbli għall-Istat Membru.

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KEE) Nru 2847/93	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 1(1)	Artikoli 1 and 2
Artikolu 1(2)	Artikolu 5(3)
Artikolu 1(3)	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 5
Artikolu 3	Artikolu 9
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5 (a), (b)	Artikolu 65
Artikolu 5(c)	Artikolu 8
Artikolu 6	Artikoli 14, 15, 16
Artikolu 7	Artikolu 17
Artikolu 8	Artikolu 21
Artikolu 9 (1); (2), (3), (4)	Artikoli 54, 55
Artikolu 9(4b)	Artikolu 57
Artikolu 11	Artikoli 18, 19
Artikolu 12	
Artikolu 13	Artikolu 58
Artikolu 14	Artikolu 52
Artikolu 15	Artikoli 23, 25
Artikolu 16	Artikolu 24
Artikolu 17	Artikoli 5, 65
Artikolu 19	Artikoli 102, 103
L-Artikolu 19a	
L-Artikolu 19b	
L-Artikolu 19c	
L-Artikolu 19d	
L-Artikolu 19e	Artikolu 14
L-Artikolu 19f	

L-Artikolu 19g	
L-Artikolu 19h	
L-Artikolu 19i	
L-Artikolu 19j	
Artikolu 20	Artikoli 37, 38
L-Artikolu 20a	
Artikolu 21(1), (2), (3)	Artikoli 26, 27
Artikolu 21(4)	Artikolu 28
L-Artikolu 21a	Artikoli 26, 27
L-Artikolu 21b	Artikoli 23, 25
L-Artikolu 21c	Artikolu 27
Artikolu 22	
Artikolu 23	Artikoli 97, 98
Titolu V	Titolu IV, Kapitolu II
Artikolu 28(1)	Artikolu 48
Artikolu 28(2)	Artikolu 60
Artikolu 28 (2a)	Artikolu 48
L-Artikolu 28c	Artikoli 9, 14
Artikolu 28a, b, c, d, e, f, g, h	
Artikolu 29	Artikoli 88, 89, 90, 91, 92, 93
Artikolu 30	Artikolu 94
Artikolu 31(1), (2)	Artikolu 81
Artikolu 31(3)	Artikolu 82
Artikolu 31(4)	Artikolu 78
Artikolu 32	Artikolu 80
Artikolu 33	Artikolu 81
Artikolu 34	
L-Artikolu 34 a	Artikolu 109
L-Artikolu 34b	Artikolu 89
L-Artikolu 34c	Artikolu 87

Artikolu 35	Artikolu 110
Artikolu 36	Artikolu 111
Artikolu 37	104, 105
Artikolu 38	Artikolu 3
Artikolu 39	Artikolu 114
Artikolu 40	Artikolu 116
Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 21	Artikoli 1, 2
Artikolu 22(1)	Artikoli 6, 7, 9, 14, 66
Artikolu 22(2)	Artikoli 50, 52, 54, 58, 66
Artikolu 23(3)	Artikoli 5 (3), 5 (5), 11
Artikolu 23(4)	Artikolu , 28 (2), 97
Artikolu 24	Artikolu 5, Titolu VII, artikoli 61, 83
Artikolu 25	kapitolu III, IV tat-Titolu VII
Artikolu 26(1)	Artikolu 88
Artikolu 26(2)	Artikolu 101
Artikolu 26(4)	Artikolu 27
Artikolu 27(1)	Artikoli 88 – 91
Artikolu 27(2)	Artikoli 93, 94
Artikolu 28(1)	Artikolu 109
Artikolu 28(3)	Artikoli 71-73
Artikolu 28(4)	Artikolu 70
Artikolu 28(5)	Artikolu 64
Ir-Regolament (KE) Nru 1627/94	**Ir-Regolament preżenti**
Ir-regolament kollu	Artikolu 7
Ir-Regolament (KE) Nru 423/2004	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 9	Artikolu 14(2)
Artikolu 11	Artikolu 17
Artikolu 12	Artikolu 34
Artikolu 13	Artikolu 14(3)

Artikolu 14	Artikolu 36
Artikolu 15(1)	Artikolu 53(4)
Ir-Regolament (KE) Nru 811/2004	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 7	Artikolu 14(2)
Artikolu 8	Artikolu 17
Artikolu 10	Artikolu 14(3)
Artikolu 11	Artikolu 35
Artikolu 12	Artikolu 53(4)
Ir-Regolament (KE) Nru 2166/2005	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 9	Artikolu 14(3)
Artikolu 10	Artikolu 53(1)
Artikolu 12	Artikolu 35
Artikolu 13	Artikolu 53(4)
Ir-Regolament (KE) Nru 2115/2005	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 7	14 (3)
Ir-Regolament (KE) Nru 388/2006	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 7	Artikolu 14(3)
Artikolu 8	Artikolu 53(1)
Artikolu 10	Artikolu 35
Artikolu 11	Artikolu 53(4)
Ir-Regolament (KE) Nru 509/2007	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 6	Artikolu 14(3)
Artikolu 8	Artikolu 35
Artikolu 9	Artikolu 53(4)
Ir-Regolament (KE) Nru 676/2007	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 10	Artikolu 14(2)
Artikolu 11	Artikolu 14(3)
Artikolu 12	Artikolu 53(1)
Artikolu 14	Artikolu 35
Artikolu 15	Artikolu 53(4)

Ir-Regolament (KE) Nru 1098/2007	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 15	Artikolu 14(3)
Ir-Regolament (KE) Nru 847/96	**Ir-Regolament preżenti**
Artikolu 5	Artikolu 97